

16.4.2024

A9-0147/549

Emenda 549

Karima Delli

f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapport

Barbara Thaler, Dominique Riquet

In-network trans-Ewropew tat-trasport

(COM(2021)0812 – C9-0472/2021 – 2021/0420(COD))

A9-0147/2023

Proposta għal regolament

–

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT (UE) 2024/...

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■**.

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 290, 29.7.2022, p. 120.

² ĠU C 498, 30.12.2022, p. 68.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" tistabbilixxi objettiv tan-newtralità klimatika li għandu jintlaħaq mill-Unjoni sal-2050, kif ukoll objettiv ċar li l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Dawk l-objettivi huma stabbiliti bħala mira fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (2) L-emissjonijiet tat-trasport jirrappreżentaw madwar 25 % tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-Unjoni, u dawn l-emissjonijiet żdiedu matul dawn l-aħħar snin. Għalhekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport, sabiex l-Unjoni ssir ekonomija newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li taħdem lejn l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, kif espress fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2021 intitolata "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: 'Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija'".

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 intitolata "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur" ("Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti") tistabbilixxi stadji importanti biex turi t-triq tas-sistema Ewropea tat-trasport lejn l-ilħuq tal-oġġettivi ta' mobbiltà sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti. Hija tipprevedi li jenħtiegħ li t-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'50 % sal-2030 u jirdoppja sal-2050; filwaqt li jenħtiegħ li t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra jżid is-sehem mis-suq tiegħu b'25 % sal-2030 u b'50 % sal-2050 u t-traffiku fuq il-ferroviji b'veloċità għolja jirdoppja sal-2030 u jittriplika sal-2050. Jenħtiegħ ukoll li mill-inqas 30 miljun karozza b'emissjonijiet żero u 80 000 trakk b'emissjonijiet żero jkunu operattivi fit-toroq tal-Unjoni sal-2030, u kważi l-karozzi, il-vannijiet u l-karozzi tal-linja kollha u l-vetturi heavy-duty ġodda jenħtiegħ li jkunu b'emissjonijiet żero sal-2050. Barra minn hekk, jenħtiegħ li l-ivvjaġġar kollettiv skedat ta' inqas minn 500 km ikun newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2030 fl-Unjoni, u li sal-2030 ikun hemm mill-inqas 100 belt newtrali għall-klima fl-Ewropa.
- (4) Ir-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport toħloq il-kundizzjonijiet abilitanti f'termini ta' bażi tal-infrastruttura li jippermettu li l-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli, affordabbli u inklużivi, li l-alternattivi sostenibbli jsiru disponibbli b'mod wiesa' f'sistema tat-trasport multimodali u li jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba biex tiġi xprunata t-tranżizzjoni, notevolment billi tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, f'konformità mal-oġġettivi ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika⁵.

⁵ ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35.

- (5) Jenħtieġ li l-ippjanar, l-iżvilupp u l-operat tan-network trans-Ewropew tat-trasport jippermettu forom ta' trasport sostenibbli, jipprevedu soluzzjonijiet ta' trasport multimodali u interoperabbli mtejba u integrazzjoni intermodali mtejba tal-katina loġistika kollha, u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern billi joħolqu l-arterji li huma meħtieġa għall-flussi bla xkiel tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija madwar l-Unjoni, **u billi jistabbilixxu konnessjonijiet tat-trasport bla xkiel mal-pajjiżi ġirien**. Barra minn hekk, jenħtieġ li n-network jimmira li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi jiżgura l-aċċessibbiltà u l-konnettività għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, inkluża konnettività aħjar tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, rurali, insulari, periferiċi u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati. Jenħtieġ li l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jippermetti wkoll il-mobbiltà bla xkiel, sikura u sostenibbli tal-merkanzija u tal-persuni fid-diversità kollha tagħhom u jikkontribwixxi għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività f'perspettiva globali, billi jistabbilixxi interkonnessjonijiet u interoperabbiltà bejn in-networks nazzjonali tat-trasport b'mod sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi.

- (6) Iż-żieda fit-traffiku rriżultat f'konġestjoni akbar fit-trasport internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, jenħtieġ li jiġu ottimizzati u, fejn ikun meħtieġ, estiżi l-kapaċità tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-użu ta' dik il-kapaċità billi jitneħħew il-konġestjonijiet fl-infrastruttura u jinħolqu l-konnessjonijiet neqsin fl-infrastruttura fl-Istati Membri u bejniethom u, kif xieraq, il-pajjiżi ġirien, filwaqt li jitqiesu n-negozjati li għaddejjin mal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.
- (7) Fil-biċċa l-kbira tiegħu, in-network trans-Ewropew tat-trasport jikkonsisti fl-infrastruttura eżistenti. Sabiex jintlaħqu bis-siġħ l-oġġettivi tal-politika l-ġdida tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi rigward l-infrastruttura.
- (8) Jenħtieġ li proġetti ta' interess komuni jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tal-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni ta' infrastruttura eżistenti u permezz ta' miżuri li jipromwovu l-użu effiċjenti mil-lat tar-riżorsi ***u r-reżiljenza*** tagħha. Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni juru valur miżjud Ewropew. Proġetti bħal dawn jenħtieġ li jkunu wkoll ekonomikament vijabbli. Jenħtieġ li proġetti f'żoni skarsament popolati ***jew proġetti li huma essenzjali għall-użu doppju tal-infrastruttura***, li għalihom jista' jkun diffiċli li tintwera l-vijabbiltà ekonomika peress li l-benefiċċji tal-koeżjoni soċjali u territorjali jistgħu jkunu ta' valur oġġla, ikollhom tal-inqas kontribut pożittiv għall-iżvilupp tan-network abbażi ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet speċifiċi taż-żona kkonċernata.

- (9) Fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa liċ-ċirkostanzi partikolari tal-proġett individwali kkonċernat. Fejn ikun possibbli, jenħtieġ li jiġu sfruttati sinerġiji ma' politiki oħrajn, pereżempju **man-network trans-Ewropew tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni jew mal-infrastruttura b'użu doppju aspetti għal finijiet militari, kif ukoll ma' aspetti tat-turiżmu billi tiġi inkluża**, fi ħdan strutturi tal-ingerija ċivili bħal pontijiet jew mini, infrastruttura tar-roti għal mogħdijiet taċ-ċikliżmu, inkluż ir-rotot EuroVelo, jew ma' aspetti tas-sigurtà billi jiġu inklużi teknoloġiji ġodda bħal sensuri fil-pontijiet.
- (10) Sabiex tinkiseb infrastruttura tat-trasport ta' kwalità għolja, **effiċjenti u reżiljenti** fil-modi kollha, jenħtieġ li l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport jqis is-sigurtà u s-sikurezza tal-movimenti tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-kontribut għat-tibdil fil-klima u l-impatt tat-tibdil fil-klima u ta' perikli naturali potenzjali u diżastri potenzjali kkawżati mill-bniedem fuq l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha tat-trasport, speċjalment f'reġjuni li huma partikolarment affettwati mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima.

(11) *Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tas-servizzi, il-kundizzjonijiet soċjali għall-ħaddiema tat-trasport u l-aċċessibilità għall-utenti kollha, inkluż il-persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqa u persuni oħra f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, kif ukoll għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-faqar tat-trasport. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-ġeneru biex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi u l-infrastruttura.*

(12) Matul l-ippjanar tal-infrastruttura, jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn tal-proġetti jqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tar-riskji u l-miżuri ta' adattament li jfittxu li jtejbu r-reżiljenza, pereżempju, għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali u għad-diżastri kkawżati mill-bniedem. Billi jiġu pprovduti aktar inċentivi għall-iżvilupp ta' forom sostenibbli ta' trasport u bl-implimentazzjoni ta' standards ta' livell għoli għall-infrastruttura tat-trasport ekoloġiku, ir-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport ser tappoġġa l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (13) Minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-Unjoni u l-għanijiet tad-dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skonthom jenħtieġ li n-nefqa tal-Unjoni tkun konsistenti mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport tkun koerenti mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport, l-ambjent u l-klima. Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħra ta' proġetti jwettqu valutazzjonijiet ambjentali ta' pjanijiet u proġetti li jenħtieġ li jinkludu, għal proġetti li għalihom il-proċess ta' akkwist għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali ma jkunx inbeda sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-valutazzjoni "la tagħmilx ħsara sinifikanti" abbażi tal-aħħar gwida u l-aħjar prattika disponibbli.

- (14) Jenħtieġ li l-proġetti infrastrutturali skont dan ir-Regolament ikunu reżiljenti għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju b'rabta mal-klima, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti. Jenħtieġ li l-proġetti li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali jkunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika u jenħtieġ li jintegraw il-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-effetti pożittivi tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima fl-analiżi kost-benefiċċji. Jenħtieġ li l-verifika tar-reżistenza klimatika titwettaq abbażi tal-aħħar gwida u l-aħjar Prattika disponibbli. Din tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-riskji relatati mat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar taħt il-baġit tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għal atti legali oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-allokkazzjoni tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁷, jenħtieġ li r-rekwiżit li titwettaq verifika tar-reżistenza klimatika japplika biss għal proġetti li għalihom il-proċess tal-akkwist tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jkun għadu ma nbediex sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (15) Jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħrajn ta' proġetti jwettqu valutazzjonijiet ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex jevitaw jew, fejn l-evitar ma jkunx possibbli, itaffu jew jikkumpensaw għall-impatti negattivi fuq l-ambjent, bħall-frammentazzjoni tal-pajsaġġ, l-issiġillar tal-ħamrija u t-tniġġis tal-arja u tal-ilma, kif ukoll l-istorbju, u jiproteġu l-bijodiversità b'mod effettiv.

⁷ *Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).*

- (16) Jenħtieġ li l-interessi tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll dawk tal-pubbliku kkonċernat minn proġett ta' interess komuni, jitqiesu kif xieraq fil-fażi tal-ippjanar u tal-konstruzzjoni tal-proġetti.
- (17) Jenħtieġ li d-definizzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport tkun ibbażata fuq metodoloġija komuni u trasparenti u jenħtieġ li tirrappreżenta l-ogħla livell ta' ppjanar tal-infrastruttura fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ikun multimodali, jiġifieri jenħtieġ li jinkludi l-modi kollha ta' trasport u l-konnessjonijiet tagħhom, kif ukoll is-sistemi rilevanti tal-ġestjoni tal-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar.
- (18) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jiġi żviluppat gradwalment fi tliet passi bl-għan ġenerali li jiġi realizzat network multimodali u interoperabbli fl-Ewropa kollha ta' standards ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġu rrispettati l-oġettivi ġenerali tal-Unjoni b'rabta mal-ambjent u n-newtralità klimatika: it-tlestija ta' network ewlieni sal-2030, ta' network ewlieni estiż sal-2040 u ta' network komprensiv sal-2050, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

- (19) Minbarra l-iskadenzi tal-2030 u l-2050 li diġà ġew introdotti skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, jenħtieġ li tiżdied skadenza intermedjarja tal-2040 għall-konformità tan-network ma' dan ir-Regolament għan-network ewlieni estiż li huwa parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Jenħtieġ li l-istess skadenza intermedjarja tapplika wkoll għal standards ġodda fuq in-network ewlieni li ġew introdotti flimkien mar-rekwiżiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 sabiex jippermettu l-investimenti meħtieġa fil-ħin. ■
- (20) ***L-infrastruttura tat-trasport tiffunzjona bħala network; għalhekk, in-nuqqas ta' konformità jew in-nuqqas ta' operabbiltà ta' segment żgħir jista' jfixkel l-effiċjenza u l-kompetittività tas-sistema kollha kemm hi u jipprevjeni milli jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji kollha tan-network.***

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

- (21) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport ikun network tat-trasport madwar l-Ewropa kollha li jiżgura l-aċċessibbiltà u l-konnettività tar-reġjuni kollha fl-Unjoni, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, rurali, insulari, periferiċi u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati, u li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali bejniethom. Jenħtieġ li r-rekwiżiti għall-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport jiġu stabbiliti sabiex jippromwovu l-iżvilupp ta' network ta' kwalità għolja fl-Unjoni kollha.
- (22) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport ikun mgħammar biżżejjed b'infrastruttura tal-fjuwils alternattivi ⁹, f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (UE) **2023/1804** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, **sabiex jiġi żgurat li jappoġġa b'mod effettiv it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi.**
- (23) Minbarra n-network ewlieni, jenħtieġ li jiġi definit network ewlieni estiż abbażi ta' sezzjonijiet ta' prijorità tan-network komprensiv li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport.

⁹ *Ir-Regolament (UE) 2023/1804 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 1).*

- (24) In-network ewlieni ġie identifikat abbażi ta' metodoloġija oġġettiva tal-ippjanar. Dik il-metodoloġija identifikat in-nodi urbani, il-portijiet u l-ajruporti l-aktar importanti, kif ukoll il-punti ta' qsim tal-fruntieri. Kull fejn ikun possibbli, dawk in-nodi għandhom jiġu konnessi bil-ferroviji jew bit-toroq, jew bit-tnejn, man-network trans-Ewropew tat-trasport sakemm ikunu ekonomikament vijabbli u fattibbli. Il-metodoloġija żgurat l-interkonnessjoni tal-Istati Membri kollha u l-integrazzjoni tal-gżejjer prinċipali fin-network ewlieni.
- (25) Jenħtieġ li n-network ewlieni bi skadenza tal-2030 u n-network ewlieni estiż bi skadenza tal-2040, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, jikkostitwixxu l-pedament tan-network tat-trasport multimodali sostenibbli, li jirrappreżenta n-nodi u l-konnessjonijiet l-aktar importanti mil-lat strateġiku tan-network trans-Ewropew tat-trasport, skont il-ħtiġijiet tat-traffiku. Jenħtieġ li dawn jistimolaw l-iżvilupp tan-network komprensiv kollu u jippermettu li l-azzjoni tal-Unjoni tikkonċentra fuq dawk il-komponenti tan-network trans-Ewropew tat-trasport bl-oġġla valur miżjud Ewropew, b'mod partikolari s-sezzjonijiet transfruntieri, il-konnessjonijiet neqsin, il-punti ta' konnessjoni multimodali u l-konġestjonijiet ewlenin.

- (26) Jenħtieġ li ċerti standards eżistenti tan-network ewlieni jiġu estiżi għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tan-network, tiżdied l-interoperabbiltà bejn it-tipi ta' networks u tkun tista' ssir aktar attività permezz ta' forum ta' trasport aktar sostenibbli, inkluż permezz ta' diġitalizzazzjoni ogħla u soluzzjonijiet teknoloġiċi oħrajn.
- (27) Jenħtieġ li l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv ikunu possibbli biss f'każijiet debitament ġustifikati u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawn ikunu jinkludu każijiet fejn l-investment ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat, jew fejn ikun hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, pereżempju f'reġjuni ultraperiferiċi u f'reġjuni remoti, insulari, periferiċi u muntanjużi oħrajn jew f'żoni skarsament popolati, jew f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, ***jew fejn ikun hemm impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Jenħtieġ li meta l-Kummissjoni tivvaluta t-talbiet tal-Istati Membri għal eżenzjonijiet, hija tqis kif xieraq l-impatti possibbli fuq l-interoperabbiltà u l-kontinwità tan-network kif ukoll l-impatt fuq sezzjonijiet konnessi fi Stati Membri ġirien.***

- (28) *Jenħtieġ li network ferrovjarju ta' Stat Membru, jew parti minnu, b'wisa' tal-binarji differenti minn dak tal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm ("network iżolat" għall-finijiet ta' dan ir-Regolament) ma jkunx soġġett għal ċerti standards u rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, peress li ma jkunx ġustifikat f'termini ta' kostijiet u benefiċċji ekonomiċi minħabba l-ispeċifitàjiet ta' networks iżolati. Tali speċifitàjiet jirriżultaw mid-distakkament ta' networks iżolati minn networks oħra bil-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. Barra minn hekk, filwaqt li jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jippermettu l-allokazzjoni fuq in-network kollu ta' għadd minimu ta' mogħdijiet ferrovjarji għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 metru, huma jistgħu, meta jivvalutaw tali sforzi, iqisu l-karatteristiċi u l-isfidi speċifiċi tan-networks iżolati u l-fatt li, fuq dawk in-networks, tali allokazzjoni mhux dejjem tkun ġustifikata f'termini soċjoekonomiċi.*
- (29) Jenħtieġ li n-network tal-infrastruttura fuq l-art, stabbilit permezz tan-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv jintegra mad-dimensjoni marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jinħoloq Spazju Marittimu Ewropew verament sostenibbli, intelliġenti, bla xkiel u reżiljenti, li għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar Ewropej, li għandu jħaddan dawk li kienu l-"Awtostradi tal-Baħar". Jenħtieġ li dan jinkludi l-komponenti kollha tal-infrastruttura marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport. *Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni b'mod partikolari lill-promozzjoni ta' aċċess imtejjeb għar-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari u periferiċi oħra.*

█

- (30) Il-Kurrituri Ferrovjarji tal-Merkanzija stabbiliti abbażi tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u l-Kurrituri tan-Network Ewlieni definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 huma strumenti ta' politika komplementari li jsegwu objettivi relatati mill-qrib, b'mod partikolari biex jagħtu spinta lis-servizzi tat-trasport sostenibbli, effiċjenti u sikuri. Għalkemm il-kooperazzjoni ħalliet il-frott f'ħafna aspetti, f'xi każijiet ġew identifikati d-duplikazzjoni tal-attivitajiet u l-ħtiġijiet għal skambju aħjar ta' informazzjoni. Barra minn hekk, il-Kurrituri Ferrovjarji tal-Merkanzija u l-Kurrituri tan-Network Ewlieni ma humiex kompletament allinjati ġeografikament, u dan jillimita l-possibbiltà għal koordinazzjoni, pereżempju fi kwistjonijiet bħall-varar tar-rekwiżiti tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport jew it-titjib tal-kwalità tas-servizzi ferrovjarji. Għalhekk, hemm potenzjal importanti mhux sfruttat għal razzjonalizzazzjoni, effettività akbar u aktar sinerġiji.
- (31) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, hija meħtieġa integrazzjoni tal-Kurrituri tan-Network Ewlieni u tal-Kurrituri Ferrovjarji tal-Merkanzija fil-"Kurrituri Ewropej tat-Trasport" sabiex jiżiedu s-sinerġiji bejn l-ippjanar tal-infrastruttura u l-operat tat-trasport. █ Jenħtieġ li l-Kurrituri Ewropej tat-Trasport isiru l-istrument għall-iżvilupp ta' flussi sostenibbli u multimodali tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Ewropa u għall-iżvilupp ta' infrastruttura interoperabbli ta' kwalità għolja u prestazzjoni operazzjonali. Bħala tali, jenħtieġ li dawn ikunu wkoll l-ġhodda biex titwettaq il-viżjoni tal-ħolqien ta' network ferrovjarju ferm kompetittiv fl-Unjoni kollha.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).

(32) *Jenħtieġ li japplikaw prijoritajiet operazzjonali għodda għall-Kuritur Ewropej tat-Transport biex tiġi żgurata kwalità għolja ta' servizzi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-governanza tat-transport ferrovjarju tal-merkanzija tagħmel l-isforzi kollha possibbli biex tiżgura li l-ħin ta' waqfien tal-ferroviji tal-merkanzija li jaqsmu fruntiera bejn żewġ Stati Membri ma jaqbiżx medja ta' 25 minuta u li l-biċċa l-kbira tal-ferroviji li jaqsmu mill-inqas fruntiera waħda ta' Kuritur Ewropew tat-Transport jaslu fid-destinazzjoni tagħhom jew fil-fruntiera esterna tal-Unjoni fil-ħin skedat tagħhom jew b'dewmien ta' inqas minn 30 minuta. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien għall-ħin ta' waqfien ma japplikax fejn isseħħ bidla fil-wisa' tal-binarji. Jenħtieġ li ma japplikax lanqas fil-fruntieri bejn żewġ Stati Membri fejn il-kontrolli b'applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, li jimponi b'mod partikolari li jitwettqu verifiki fuq il-passiġġieri tal-ferroviji u fuq il-persunal ferrovjarju fuq ferroviji tal-passiġġieri u tal-merkanzija li jaqsmu l-fruntieri esterni, ikunu għadhom ma tneħħewx u fejn il-verifiki li jsiru fuq il-ferroviji b'applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ma jippermettux li jkun hemm konformità ma' dan il-limitu ta' żmien. Dawk il-bidliet fil-wisa' tal-binarji u l-verifiki fuq il-ferroviji jistgħu jwasslu għal konġestjoni u ħin itwal ta' stennija fil-fruntiera. Jenħtieġ ukoll li ma jitqiesx id-dewmien f'pajjiżi terzi li minnhom jgħaddu l-ferroviji tal-merkanzija u li jista' jiġi attribwit lilhom.*

¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).*

- (33) *Oriġinarjament, skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010, l-Istati Membri li għandhom network ferrovjarju b'wisa' tal-binarji differenti minn dak tan-network ferrovjarju ewlieni fl-Unjoni ma kinux obbligati jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija jew fl-estensjoni tal-kurituri eżistenti skont dak ir-Regolament. Jenħtieġ li tali Stati Membri jitħallew jiddeċiedu, għal perjodu temporanju massimu ta' 10 snin, li l-manijer(s) tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tagħhom ma jipparteċipawx fil-bord ta' tmexxija tal-kurituri tal-merkanzija fit-territorju tagħhom.*
- (34) *Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 għandu fil-mira prinċipalment l-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport kompetittiv tal-merkanzija bil-ferrovija. Minħabba l-insularità tagħha, l-Irlanda mhijiex konnessa ma' Stati Membri oħra bil-ferrovija. Barra minn hekk, skont dak ir-Regolament, l-Istati Membri li għandhom network ferrovjarju b'wisa' tal-binarji differenti minn dak tan-network ferrovjarju ewlieni fl-Unjoni ma kinux obbligati jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' kurituri tal-merkanzija jew fl-estensjoni tal-kurituri eżistenti. L-Irlanda għamlet użu minn din il-possibbiltà. Għaldaqstant, ma ġie stabbilit ebda kuritur ferrovjarju tal-merkanzija fit-territorju tal-Irlanda. F'dawk iċ-ċirkostanzi, minħabba l-valur miżjud limitat ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Irlandiżi u l-manijers tal-infrastruttura tagħha fil-governanza tal-kurituri tal-merkanzija skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010, jenħtieġ li l-Irlanda tkun tista' tiddeċiedi li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet tagħha u l-manijers tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tagħha ma jipparteċipawx fil-bord eżekuttiv jew fil-bord manijerjali, jew fit-tnejn, tal-kurituri tal-merkanzija fit-territorju tagħha.*

- (35) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport ikopru l-aktar flussi importanti tat-trasport fuq distanzi twal u jkunu jikkonsistu f'assi multimodali ewlieni tat-trasport Ewropew, abbażi ta' partijiet min-network trans-Ewropew tat-trasport, jaqsmu l-fruntieri, ikunu multimodali u miftuħa għall-inklużjoni tal-modi kollha ta' trasport koperti f'dan ir-Regolament, ***u jistgħu jinkludu wkoll pajjiżi ġirien.***
- (36) Sabiex jiġi stabbilit in-network trans-Ewropew tat-trasport b'mod ikkoordinat u f'waqtu, u b'hekk ikun possibbli li jiġu massimizzati l-effetti tan-network, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu ffinalizzati l-proġetti ta' interess komuni tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv sal-iskadenzi stabbiliti, jiġifieri l-2030, l-2040 u l-2050, rispettivament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm koerenza tal-pjanijiet nazzjonali tat-trasport u tal-investment mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu wkoll, fost oħrajn, il-prijoritajiet stipulati fil-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej ***u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament.*** Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġija jew l-iskeda ta' żmien tal-pjanijiet u l-programmi nazzjonali jibqgħu biss fil-kompetenza tal-Istati Membri.

- (37) Jenħtieġ li jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni li jikkontribwixxu għall-kisba tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi u jikkorrispondu għall-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tagħhom tkun tiddependi fuq il-grad ta' maturità tagħhom, fuq il-konformità tagħhom mal-proċeduri legali nazzjonali u tal-Unjoni u fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-impenn finanzjarju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni.
- (38) Il-proġetti ta' interess komuni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom valur miżjud Ewropew, minħabba li jikkontribwixxu għal network Ewropew ta' kwalità għolja, **reżiljenti**, interoperabbli u multimodali, li jżid is-sostenibbiltà, il-koeżjoni, l-effiċjenza jew il-benefiċċji għall-utenti. Il-valur miżjud Ewropew ikun oġġla jekk iwassal, minbarra l-valur potenzjali għall-Istat Membru rispettiv biss, għal titjib sinifikanti fil-konnessjonijiet tat-trasport jew fil-flussi tat-trasport bejn l-Istati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz. Jenħtieġ li tali proġetti transfruntieri jkunu s-suġġett ta' intervent ta' prijetà mill-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu implimentati.

- (39) ***Bil-ħsieb li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***, jenħtieġ li l-Istati Membri u promoturi oħra tal-proġetti jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-proġetti ta' interess komuni jitwettqu b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġi evitat dewmien bla bżonn, ***u, fejn applikabbli f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹² ***jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li daww il-proġetti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod effiċjenti.***
- (40) ***Jenħtieġ li, meta jwettqu analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, l-Istati Membri jsegwu approċċ rikonoxxut u armonizzat sabiex jippermettu evalwazzjoni trasparenti u komparattiva tal-proġetti ta' interess komuni. Jenħtieġ li l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji klimatiċi u ambjentali tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹³.

¹² Id-Direttiva (UE) 2021/1187 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twertiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) (ĠU L 258, 20.7.2021, p. 1).

¹³ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

- (41) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi pajjiżi ġirien, hija meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-konnessjoni u l-interoperabbiltà bejn in-networks tal-infrastruttura tal-Unjoni u dawk il-pajjiżi. Jenħtieġ li l-Unjoni, fejn xieraq, tippromwovi proġetti ta' interess komuni ma' dawk il-pajjiżi, filwaqt li tiżgura li jiġu rrispettati l-oġettivi u r-rekwiżiti ta' interoperabbiltà tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Jenħtieġ li tali proġetti jkunu allinjati wkoll mal-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u jiżguraw li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti fit-trasport, b'mod partikolari billi tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.
- (42) ***Ir-reżiljenza tan-network Ewropew tat-trasport ġiet sfidata u ttestjata mill-impatt devastanti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dik l-aggressjoni ddefiniet mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku, u wriet il-vulnerabbiltà tal-Unjoni għal avvenimenti ta' tfixkil imprevisti lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. L-impatti ewlenin tagħha fuq is-swieq globali, bħas-sigurtà alimentari globali, enfasizzaw il-fatt li s-suq intern tal-Unjoni u n-network tat-trasport tagħha ma jistgħux jitqiesu b'mod iżolat meta tkun qed titfassal il-politika tal-Unjoni. Aktar minn qatt qabel, huma meħtieġa konnessjonijiet aħjar mal-pajjiżi sħab ġirien tal-Unjoni.***

(43) *Minħabba l-kuntest ġeopolitiku ġdid, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2022 intitolata "Pjan ta' azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna sabiex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE" tidentifika diversi sfidi kbar għall-infrastruttura tat-trasport li l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha jeħtieġ li jsolvu sabiex jappoġġaw l-ekonomija u l-irkupru tal-Ukrajna, biex il-prodotti agrikoli u oġġetti oħra jkunu jistgħu jaslu fl-Unjoni u fis-swieq dinjija, u biex jiġi żgurat li l-konnettività mal-Unjoni tissaħħaħ ħafna kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet. Biex toffri konnettività akbar mal-Unjoni, dik il-Komunikazzjoni pproponiet li tivvaluta l-estensjoni tal-Kurrituri Ewropej tat-Trasport fl-Ukrajna u fir-Repubblika tal-Moldova.*

(44) *Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-pożizzjoni adottata mill-Belarussja f'dak il-kunflitt, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Russja u l-Belarussja fil-qasam tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport la hija xierqa u lanqas fl-interess tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport f'dawk iż-żewġ pajjiżi terzi ma jitkomplix. B'konsegwenza ta' dan, konnessjonijiet transfruntieri mtejba għar-Russja u għall-Belarussja ma għadhomx ta' prijorità għolja fit-territorju tal-Istati Membri. Bħalissa jeżistu konnessjonijiet bejn il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja ma' dawk iż-żewġ pajjiżi terzi. Sabiex tiġi riflessa l-prijorità anqas fil-bini u fil-modernizzazzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet, jenħtieġ li jitnaqqas l-istatus tal-aħħar mili tal-konnessjonijiet transfruntieri kollha mar-Russja u mal-Belarussja li bħalissa huma inklużi fin-network ewlieni fil-mapep inklużi f'dan ir-Regolament min-network ewlieni għal dak komprensiv li għalih hija prevista biss skadenza aktar tard għall-implimentazzjoni, jiġifieri l-2050. Madankollu, fil-każ ta' tranżizzjoni demokratika fil-Belarussja li tibni u timmodernizza l-konnessjonijiet transfruntieri tal-pajjiż mal-Unjoni f'konformità mal-pjan ekonomiku komprensiv għal Belarussja demokratika, dan jingħata prijorità għolja, inkluż permezz tal-inklużjoni mill-ġdid tal-pajjiż fir-Regolament.*

(45) *Il-kuntest ġeopolitiku l-ġdid li jirriżulta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wera wkoll kemm huma importanti il-konnessjonijiet tat-trasport bla xkiel fit-territorju tal-Unjoni u ma' pajjiżi ġirien. Wisa' tal-binarji ferrovjarji differenti mill-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm tfixkel serjament l-interoperabbiltà tan-networks ferrovjarji madwar l-Unjoni u saħansitra għandha impatt fuq il-kompetittività ta' dawk in-networks ferrovjarji iżolati. Għalhekk, jenħtieġ li jinbnew linji ferrovjarji ġodda tan-network ewlieni jew tan-network ewlieni estiż b'wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri b'network b'wisa' tal-binarji differenti minn dak tal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarj ta' 1 435 mm jivvalutaw il-migrazzjoni tal-linji eżistenti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għall-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma japplikax għall-gżejjer u għar-reġjuni ultraperiferiċi, peress li, minħabba s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, in-network tagħhom huwa kompletament distakkat minn kwalunkwe konnessjoni mal-art fit-territorju tal-Unjoni.*

- (46) Sabiex tinkiseb it-trasformazzjoni tas-settur tat-trasport f'sistema verament multimodali ta' servizzi ta' mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, jenħtieġ li l-Unjoni tibni network tat-trasport ta' kwalità għolja **li jippermetti servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri u għall-merkanzija b'veloċitajiet minimi. Jenħtieġ ukoll li l-Unjoni, fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, tagħti l-attenzjoni dovuta lill-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' żewġ binarji għall-infrastruttura ferrovjarja li tbat i minn konġestjonijiet fil-kapaċità.** Trasport ferrovjarju tal-passiġġieri kompetittiv **ta' veloċità għolja** għandu potenzjal għoli għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Hemm il-ħtieġa li jiġi żviluppat network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja koerenti u interoperabbli li jgħaqqad il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tiegħu. Jenħtieġ li l-ikkomplementar tal-linji ta' veloċità għolja eżistenti b'linji ddisinjati għal veloċità ta' mill-inqas 160 km/h, min-naħa tiegħu, iwassal għal effetti fuq in-network, għal network aktar koerenti u għal għadd akbar ta' passiġġieri li jivvjaġġaw bil-ferrovija. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' disinn għall-veloċità **għal-linji tal-passiġġieri u tal-merkanzija** jkunu limitati għal ċertu perċentwal tas-sezzjonijiet ferrovjarji kkonċernati sabiex jittieħed kont tal-ħtieġa għal flessibbiltà fuq sezzjonijiet ferrovjarji b'karatteristiċi speċjali bħala riżultat ta' restrizzjonijiet topografiċi, ta' riljiev jew tal-ippjanar tal-ibliet, li għalihom il-veloċità għandha tiġi adattata f'kull każ, inkluż fost l-oħrajn linji ta' interkonnessjoni, linji permezz ta' stazzjonijiet, aċċessi għal terminals u faċilitajiet ta' servizz jew depots. Jenħtieġ li jingħataw eżenzjonijiet mill-Kummissjoni fuq talba ta' Stat Membru biex tkun possibbli aktar flessibbiltà lil hinn mill-valuri perċentwali speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jekk dan ikun meħtieġ u ġustifikat. Meta jimmodernizzaw l-infrastruttura, l-Istati Membri huma mħeġġa jeżaminaw il-possibbiltajiet ta' disinn għal veloċità oġhla kif previst fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴. **B'mod komplementari għall-ferroviji ta' veloċità għolja, il-ferroviji ta' billejl jirrappreżentaw mod sostenibbli ta' vjaġġar fuq distanzi twal madwar l-Unjoni.**

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

- (47) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija aktar sostenibbli, reżiljenti u affidabbli madwar l-Ewropa biex jikkontribwixxi għall-kompetittività tat-trasport **multimodali u** kkombinat. Jenħtieġ li tiġi modernizzata l-infrastruttura għat-trasport ferrovjarju kkombinat u tat-terminals biex jiġi żgurat li t-trasport intermodali jsir primarjament bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bit-trasport marittimu fuq distanzi qosra u li kwalunkwe komponent inizjali jew finali, jew it-tnejn, imwettaq bit-triq ikun qasir kemm jista' jkun.

(48) *It-trasport intermodali jammonta għal madwar nofs it-tunnellati għal kull kilometru tal-merkanzija bil-ferrovija fl-Ewropa, u s-sehem tiegħu qed jikber. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti li jiġi rduppjat il-porzjon tat-trasport tal-merkanzija li jinġarr bil-ferrovija, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lit-trasport li jgħaqqad il-ferroviji għall-parti ewlenija tal-vjaġġ u t-trakk għall-ewwel u l-aħħar mil. Bil-ħsieb li l-infrastruttura tikkontribwixxi għaż-żieda fit-traffiku intermodali, jenħtieġ li din tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ta' ferroviji tal-merkanzija li jgħorru semitrejlers standard b'tagħbija għolja sa 4 m f'għoli ta' mill-inqas 27 cm 'il fuq mill-parti ta' fuq tal-binarji filwaqt li jiġi mħeġġeġ għoli minimu ta' 33 cm. Madankollu, il-konformità ma' dan ir-rekwiżit timplika diversi adattamenti, xi kultant għaljin. Għalhekk huwa importanti li jinstab approċċ bilanċjat għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit u li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tiegħu ssir b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rekwiżit jiġi implimentat b'mod li tiġi żgurata mill-inqas linja diretta domestika waħda, konnessjoni ta' linja ferrovjarja tal-merkanzija diretta waħda ma' Stat Membru ġar jew Stati Membri ġirien, u konnessjoni waħda ma' mill-inqas terminal stradali-ferrovjarju wieħed jew terminal multimodali tal-merkanzija wieħed li jinsab f'port marittimu jew maġenbu li huwa parti mill-Kuritur Ewropew tat-Trasport fit-territorju ta' Stat Membru.*

Barra minn hekk, jekk punt tat-tmiem wieħed jew aktar ta' kuritur ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru, jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas linja diretta waħda li tissodisfa dak ir-rekwiżit għal mill-inqas wieħed minn dawn il-punti tat-tmiem. Meta jagħżlu l-linji rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-flussi attwali u futuri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija. Meta l-Kummissjoni tivvaluta t-talbiet għal eżenzjonijiet mir-rekwiżit relatat mal-ġarr tas-semitrejlers skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tqis b'mod partikolari r-riżultat tal-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji kif ukoll it-tfixkil potenzjali tas-servizzi kkawżat mix-xogħol meħtieġ biex jintlaħaq dan l-istandard. Barra minn hekk, meta tivvaluta t-talbiet għall-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti applikabbli għall-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis b'mod partikolari kwalunkwe investment kbir imwettaq mill-Istat Membru kkonċernat fuq linja parallela qrib ħafna ta' dawk li jkunu ser jinbnew ġodda.

- (49) *Minħabba l-fatt li l-varar tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarju (ERTMS) fl-Ewropa qed jaççellera, u diversi Stati Membri diġà adottaw pjanijiet biex iwaraw l-ERTMS fuq in-networks ferrovjarji nazzjonali kollha tagħhom b'mod antiçipat, hemm bżonn li titqies din il-bidla fundamentali u li jiġi stabbilit approçç aktar ambizzjuż għall-varar tal-ERTMS għan-network komprensiv.*
- (50) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ERTMS tiġi introdotta fuq in-network komprensiv sal-2050, fuq in-network ewlieni estiż sal-2040 u fuq in-network ewlieni sal-2030. Meta tiġi implimentata l-ERTMS fuq in-network komprensiv, jenħtieġ li tingħata prijorità f'termini ta' żmien lil-linji li jistgħu jikkontribwixxu għat-trasport ferrovjarju internazzjonali transfruntier sikur u effiçjenti. Billi l-varar ta' ERTMS ibbażata fuq ir-radju jkompli jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-regoli nazzjonali li jaffettwaw l-operat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li **l-ERTMS ibbażata fuq ir-radju tiġi varata mill-2030 fuq linji ġodda, jew mill-2040 fil-każ tal-modernizzazzjoni tas-sistema ta' sinjalazzjoni fuq il-linji eżistenti, u li n-network trans-Ewropew tat-trasport kollu jkun mgħammar b'ERTMS ibbażata fuq ir-radju sal-2050.**

I

- (51) Id-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B iġib miegħu ffrankar sinifikanti fil-manutenzjoni għall-maniġers tal-infrastruttura meta jitqiesu l-kostijiet u l-kumplessità tal-varar tal-ERTMS u ż-żamma ta' sistemi addizzjonali fuq l-art għal perjodu mtawwal. Jenħtieġ li l-Istati Membri, ***ħlief f'ċerti każijiet, jiżguraw id-dekummissjonar tas-sistemi tal-klassi B sal-2040 fuq in-network ewlieni, sal-2045 fuq in-network ewlieni estiż u sal-2050 fuq in-network komprensiv dment li jkun garantit livell xieraq ta' sikurezza, filwaqt li jiżguraw informazzjoni f'waqtha lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar tali dekummissjonar u l-varar tal-ERTMS.***

(52) Il-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa huma kkaratterizzati minn idromorfoloġija eteroġenea li xxekkel prestazzjoni koerenti għall-meded kollha tal-passaġġi fuq l-ilma. Il-passaġġi fuq l-ilma interni, speċjalment il-meded ġierja, jistgħu jiġu affettwati ħafna mill-kundizzjonijiet klimatiċi u tat-temp. Sabiex jiġi żgurat traffiku internazzjonali affidabbli, filwaqt li jiġu rrispettati l-idromorfoloġija u l-leġislazzjoni ambjentali applikabbli, jenħtieġ li r-rekwiżiti tan-network trans-Ewropew tat-trasport iqisu l-idromorfoloġija speċifika ta' kull passaġġ fuq l-ilma (pereżempju, xmajjar ġierja jew regolati), kif ukoll l-oġettivi tal-politiki ambjentali u tal-bijodiversità. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli tal-ilma ta' referenza għal kull Kuritur Ewropew tat-Trasport, passaġġ fuq l-ilma jew sezzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma, ***filwaqt li jitqies l-impatt tat-tibdil fil-klima***. Fil-proċess tal-ispeċifikazzjoni tal-livelli tal-ilma ta' referenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri ***u mal-Koordinaturi Ewropej*** ikkonċernati u mal-kummissjonijiet tan-navigazzjoni fuq ix-xmajjar ikkonċernati stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fir-rigward tar-rekwiżiti għall-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni bl-għan li jiġi promoss dak il-mod ta' trasport.

- (53) *Meta tinbena jew tiġi modernizzata l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu evitati ostakli potenzjali għall-konnettività ta' xmajjar ġierja.*
- (54) Bħala l-punti ta' dħul u ta' ħruġ għall-infrastruttura tal-art tan-network trans-Ewropew tat-trasport, il-portijiet marittimi għandhom rwol *ġeostrateġiku* importanti bħala nodi multimodali transfruntieri li jservu mhux biss bħala ċentri tat-trasport, iżda jistgħu jkunu wkoll gateways għall-kummerċ, clusters industrijali, *mobilità militari* u ċentri tal-enerġija. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 intitolata "Pjan RePowerEU", hemm bżonn ta' diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, u introduzzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli. Il-portijiet marittimi jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-għan permezz tal-użu ta' installazzjonijiet tar-riħ lil hinn mill-kosta, il-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u t-trasport u l-ħżin tal-gass naturali likwifikat. Sabiex jissaħħu s-sinerġiji bejn is-settur tat-trasport u tal-enerġija fl-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija *tal-Unjoni*, il-portijiet marittimi jista' wkoll ikollhom rwol fit-trasport tad-diossidu tal-karbonju permezz ta' pipelines jew mezzi oħra ta' trasport.

(55) It-trasport marittimu fuq distanzi qosra jista' jagħti kontribut sostanzjali għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport billi jgħorr aktar merkanzija u passiġġieri fuq il-baħar, fost l-oħrajn biex titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq fit-territorju tal-Unjoni u biex jitjieb l-aċċess għar-reġjuni u l-istati periferiċi u insulari. Madankollu, hemm bżonn li jiġu integrati aħjar il-konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, li jikkostitwixxu d-dimensjoni marittima tan-network trans-Ewropew tat-trasport, man-network fuq l-art u li ssir enfasi akbar fuq il-katina kollha tat-trasport u tal-loġistika, kemm lejn il-baħar kif ukoll lejn iż-żoni interni. Jenħtiegħ li l-kunċett globali l-ġdid tal-Ispazju Marittimu Ewropew jiġi promoss billi jinħolqu jew jiġu modernizzati r-rotot tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u billi jiġu żviluppati l-portijiet marittimi u l-konnessjonijiet tagħhom maż-żoni interni tal-pajjiż sabiex tiġi pprovduta integrazzjoni effiċjenti u sostenibbli ma' modi oħrajn ta' trasport. Barra minn hekk, jenħtiegħ li dak il-kunċett il-ġdid irawwem konnessjonijiet sostenibbli tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra bil-għan li l-flussi tal-merkanzija jiġu kkonċentrati fuq rotot loġistiċi bbażati fuq il-baħar b'tali mod li jittejjbu l-konnessjonijiet marittimi eżistenti jew li jiġu stabbiliti konnessjonijiet marittimi ġodda, vijabbli, regolari u frekwenti.

- (56) It-trasport bit-triq fl-Unjoni jikkostitwixxi tliet kwarti tat-trasport intern totali tal-merkanzija (abbażi ta' tunnellati-kilometri mwettqa) u madwar 90 % tat-trasport intern totali tal-passiġġieri (abbażi tal-ġhadd totali ta' kilometri tal-passiġġieri). Minħabba l-importanza tat-trasport bit-triq u l-impenn li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq f'konformità mal-istadju importanti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, jeħtieġ li tittejjeb l-infrastruttura tat-toroq mil-lat tas-sikurezza. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw is-sikurezza tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq, u li din tiġi mmonitorjata u, meta jkun meħtieġ, tittejjeb f'konformità mad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵. F'dak ir-rigward, dik id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni bl-għan li jiġi żgurat l-użu operazzjonali tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-toroq wara li grupp ta' esperti jkun iwwaluta l-opportunità li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet.***
- (57) ***Sabiex jiġi ggarantit l-aċċess għal faċilitajiet adegwati ta' mistrieħ, b'mod partikolari għax-xufiera professjonali, jenħtieġ li jiġu żviluppati żoni ta' mistrieħ fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport kollu u żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri tul in-network ewlieni u n-network ewlieni estiż.***

¹⁵ ***Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).***

- (58) *Sabiex jiġu pprovduti alternattivi għal titjiriet fuq distanzi qosra, jenħtieġ li l-Istati Membri, ħlief fejn restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti jipprevjenu tali konnessjonijiet, jiżguraw il-konnessjoni tal-ajruporti tan-network trans-Ewropew tat-trasport ta' volum ta' traffiku ta' aktar minn 12-il miljun passiġġier man-network ferrovjarju trans-Ewropew, inkluż in-network ferrovjarju ta' veloċità għolja fejn ikun possibbli, li jippermetti servizzi fuq distanzi twal, jew, għal ajruporti b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn 4 miljun u inqas minn 12-il miljun passiġġier li jinsabu f'nodu urban tan-network ferrovjarju trans-Ewropew jew fil-viċinanza tiegħu, il-konnessjoni ta' tali ajruport ma' dak in-nodu bil-ferrovija, bil-metro, bit-tramm ferrovjarju ħafif, bil-funikular jew, b'mod eċċezzjonali, b'soluzzjonijiet oħra ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet żero. Jenħtieġ li tali konnessjonijiet jiġu mħeġġa għal ajruporti b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' inqas minn 4 miljun passiġġier.*
- (59) *Sabiex titrawwem l-innovazzjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru, jenħtieġ li l-portijiet spazjali jiġu inklużi fil-lista ta' komponenti tal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru. Madankollu, jenħtieġ li dik l-inklużjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-ispazju skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 189 TFUE li jeskludi kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-inklużjoni tal-portijiet spazjali fil-lista tal-komponenti tal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru skont dan ir-Regolament ma twassalx għall-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti jew futura tal-Unjoni relatata mal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru għall-portijiet spazjali sakemm ma jkunx previst b'mod espliċitu minn tali leġiżlazzjoni.*

- (60) *Meta l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw in-network trans-Ewropew tat-transport, jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lil miżuri li jiżguraw qsim effiċjenti tal-fruntieri għat-transport tal-merkanzija filwaqt li jqisu l-ħinijiet ta' stennija u l-interruzzjonijiet fil-fruntiera kkawżati pereżempju mill-ipproċessar u l-kontrolli tal-vetturi abbord il-ferroviji fil-fruntieri tal-Unjoni jew minħabba raġunijiet amministrattivi, operazzjonali, ta' sikurezza, tekniċi jew ta' interoperabbiltà.*
- (61) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-transport jiżgura multimodalità effiċjenti sabiex jagħti lok għal għażliet modali aħjar u aktar sostenibbli li għandhom isiru għall-passiġġieri u għall-merkanzija u sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati volumi kbar għal trasferimenti fuq distanzi twal. Jenħtieġ li t-terminals multimodali jkollhom rwol ewlieni biex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (62) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu analiżi tas-suq u prospettiva dwar terminals multimodali tal-merkanzija fit-territorju tagħhom u jelaboraw pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' network ta' terminals multimodali tal-merkanzija. Għal dan l-għan, huma jistgħu jirreferu għal studji u pjanijiet eżistenti. Jenħtieġ li l-pjan ta' azzjoni mħejji mill-Istati Membri jipromwovi l-iżvilupp ta' terminals multimodali tal-merkanzija. Madanakollu, jenħtieġ li l-pjan ta' azzjoni ma jwassalx għal obbligu għas-settur privat li jinvesti fit-terminals u ma jkunx suġġett għal Valutazzjoni Ambjentali Strateġika.*

- (63) In-nodi urbani għandhom rwol importanti fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport bħala l-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni finali ("l-aħħar mil") għall-passiġġieri u l-merkanzija li jiġu ttrasportati fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport u huma punti ta' trasferiment fi ħdan jew bejn modi ta' trasport differenti. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-konġestjonijiet fil-kapaċità u konnettività insuffiċjenti tan-network fi ħdan in-nodi urbani ma jibqgħux ifixklu l-multimodalità tul in-network trans-Ewropew tat-trasport. Jenħtieġ li l-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport tiffoka fuq il-promozzjoni ta' flussi tat-traffiku mingħajr xkiel min-nodi urbani fuq in-network, kif ukoll lejhom u bejnhom. Jenħtieġ li tiġi indirizzata l-konnettività lokali fin-nodi urbani mill-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' miżuri rilevanti tal-pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMPs) tagħhom.
- (64) Bħala qafas uniku effettiv għall-indirizzar tal-isfidi tal-mobbiltà urbana, jenħtieġ li jiġi adottat SUMP, li huwa pjan fit-tul, li jinkludi kollox u integrat għall-mobbiltà tal-merkanzija u tal-passiġġieri għaż-żona urbana funzjonali kollha, għal kull nodu urban. Dan jista' jinkludi objettivi, miri u indikaturi li jirfdu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport urban. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw il-ġbir ta' data dwar il-mobbiltà urbana għal kull nodu urban fl-oqsma tas-sostenibbiltà, is-sikurezza u l-aċċessibbiltà bil-ħsieb li jirfed il-prestazzjoni attwali u futura tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Sabiex tiġi mmonitorjata l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, jenħtieġ li tiġi mħeġġa d-diżaggregazzjoni tad-data bbażata fuq l-età, il-ġeneru u d-diżabilità, fejn ikun possibbli u f'konformità mal-liġi nazzjonali.***

- (65) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu l-adozzjoni tas-SUMPs bil-għan li dawn itejbu l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni, il-bliet u l-irħula. Għal dak l-għan, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jistabbilixxu programm nazzjonali SUMP bl-għan li jappoġġaw*** lill-awtoritajiet lokali biex jiżviluppaw SUMPs ta' kwalità għolja u jsaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-SUMP permezz ta' **■** miżuri, gwida, konsolidazzjoni tal-kapaċità, assistenza u possibbilment appoġġ finanzjarju xierqa. ***Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali tas-SUMP li jipprovdi assistenza għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tas-SUMPs f'konformità mal-linji gwida mogħtija f'dan ir-Regolament.***
- (66) ***Il-promozzjoni ta' modi attivi, b'mod partikolari fin-nodi urbani, tikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, ittejjeb is-saħħa pubblika, tnaqqas il-konġestjoni, toffri soluzzjoni għall-aħħar mil għall-passiġġieri u tipprovdi benefiċċji ekonomiċi. Meta tkun qed tiġi ppjanata jew modernizzata l-infrastruttura tat-trasport, jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-infrastrutturi tal-modi attivi, inkluż l-infrastrutturi tal-mixi u taċ-ċikliżmu.***
- (67) Il-Missjoni dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, stabbilita taħt il-programm qafas Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ ("Orizzont Ewropa"), timmira li jkun hemm 100 belt newtrali għall-klima fl-Unjoni sal-2030. Il-bliet involuti fil-Missjoni ser jaġixxu bħala ċentri ta' esperimentazzjoni u innovazzjoni u jservu ta' xempju li oħrajn isegwu sal-2050.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

- (68) Is-servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali jgħinu biex tittiejeb l-integrazzjoni tal-modi ta' trasport differenti billi jikkombinaw diversi offerti ta' trasport f'waħda. Jenħtieġ li l-iżvilupp ulterjuri tagħhom jikkontribwixxi biex jagħti spinta lejn l-aktar modi sostenibbli, it-trasport pubbliku u modi attivi bħall-mixi u ċ-ċikliżmu, **u jisfruttaw il-benefiċċji sħaħ ta' soluzzjonijiet ta' "Mobbiltà bħala Servizz"**.
- (69) Is-sistemi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) għat-trasport huma meħtieġa sabiex jipprovdu l-bażi għall-ottimizzazzjoni tat-traffiku u tal-operazzjonijiet tat-trasport u s-sikurezza tat-traffiku u għat-titjib tas-servizzi relatati. Jenħtieġ li jiġu ffaċilitati l-flussi ta' infommazzjoni fin-network tat-trasport u tal-mobbiltà, inkluż permezz tal-varar tal-Ispazju tad-Data tal-Unjoni dwar il-Mobbiltà. Jenħtieġ li l-infommazzjoni **għall-passiġġieri u l-operaturi tal-merkanzija**, inkluż infommazzjoni dwar sistemi ta' ħruġ ta' biljetti u prenotazzjoni **multimodali**, tkun disponibbli **u mtejba, bl-għan li jiġu żviluppati sistemi ta' infommazzjoni diġitali u interoperabbli Ewropej**.
- (70) **Jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ l-użu ta' sistemi tal-ICT li jippermettu infurzar intelliġenti bbażat fuq l-iskambju ta' data f'ħin reali bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet tal-infurzar meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli, inkluż waqt li l-vetturi jkunu qed jiċċaqilqu.**

- (71) Jenħtieġ li s-sistemi u s-servizzi ta' trasport intelliġenti, kif ukoll it-teknoloġiji emerġenti ġodda jservu bħala katalist għall-varar ta' sistemi u servizzi tat-trasport intelliġenti fit-toroq kollha tan-network trans-Ewropew tat-trasport.
- (72) Huwa meħtieġ ippjanar adegwat tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Dan jinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi fin-network kollu f'termini ta' infrastruttura, sistemi tal-ICT, tagħmir u servizzi, inkluż ir-rekwiżiti għat-tnedija tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi kif definita fir-Regolament (UE) **2023/1804**. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-varar adegwat u miftiehem ta' tali rekwiżiti madwar l-Ewropa kollha għal kull mod ta' trasport u għall-interkonnnessjoni tagħhom fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu u lil hinn minnu, sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-effett tan-network u sabiex l-operazzjonijiet ta' trasport trans-Ewropew effiċjenti u fuq distanzi twal isiru possibbli. Sabiex jiġi żgurat il-varar ta' fjuwils alternattivi fin-network kollu tat-toroq tan-network trans-Ewropew tat-trasport skont il-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) **2023/1804**, jenħtieġ li r-referenzi għal "network ewlieni" f'dak ir-Regolament jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni" kif definiti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) **2023/1804** jiġu interpretati bħala referenzi għal "network ewlieni estiż" u "network komprensiv" kif definiti f'dan ir-Regolament.

- (73) Jenħtieġ li n-network trans-Ewropew tat-trasport jipprovdi l-bażi għall-varar fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, li ***jistgħu jippermettu l-iskambju ta' data u informazzjoni f'ħin reali, u li jistgħu*** jgħinu biex itejbu l-effiċjenza ġenerali tas-settur tat-trasport Ewropew u l-kapaċità li jippermettu flussi siguri tal-passiġġieri bl-użu ta' mezzi effiċjenti, li jagħmlu l-mezzi ta' trasport pubbliku jew trasport aktar ekoloġiku aktar attraenti għall-passiġġieri, u jnaqqsu l-impronta tal-karbonju tiegħu. Dan ser jikkontribwixxi lejn l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u, fl-istess ħin, jikkontribwixxi għall-oġettivi li tiżdied is-sigurtà tal-enerġija għall-Unjoni. Sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi, jenħtieġ li d-disponibbiltà ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura relatata tittejjeb fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu.
- (74) ***Sabiex in-network trans-Ewropew tat-trasport ilaħħaq mal-iżviluppi u l-varar ta' teknoloġiċi innovattivi, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jinkoraġġixxu proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jipromwovu u jvaraw teknoloġiji emerġenti sostenibbli li jtejbu u jiffaċilitaw it-trasport u l-mobbiltà tal-passiġġieri u tal-merkanzija. Dawn jistgħu jkopru, iżda jenħtieġ li ma jkunux limitati għal, operazzjonijiet ferrovjarji awtomatizzati, vetturi awtonomi, soluzzjonijiet avvanzati ta' mobbiltà bl-ajru, inkluż droni tal-passiġġieri u tal-merkanzija, li joperaw ukoll fl-aħħar mil urban, u teknoloġiji ferrovjarji ġodda bħall-hyperloop.***

- (75) Jenħtieġ li jiġu varati għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar **u tar-riforniment** veloċi għal vetturi light-duty u heavy-duty aċċessibbli għall-pubbliku madwar in-network trans-Ewropew tat-trasport. Jenħtieġ li dan l-għan jiżgura konnettività transfruntiera sħiħa ■ . Il-miri bbażati fuq id-distanza għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) **2023/1804** għandhom jiżguraw kopertura suffiċjenti minima tal-punti tal-irriċarġjar elettriku **u tar-riforniment tal-idroġenu** tul in-networks ewlenin tat-toroq tal-Unjoni.
- (76) Jenħtieġ li l-infrastruttura tal-irriċarġjar **u tar-riforniment** aċċessibbli għall-pubbliku tul in-network trans-Ewropew tat-trasport kif definit fir-Regolament (UE) **2023/1804** tiġi kkomplementata b'rekwiżiti dwar il-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar **korrispondenti, u, fejn ikun xieraq, l-infrastruttura tar-riforniment tal-idroġenu, fit-terminals multimodali tal-merkanzija jew fil-viċinanza tagħhom**, biex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' ċċarġjar **u ta' riforniment tal-idroġenu** għal trakkijiet għal distanzi twal meta jkunu qed jitgħabbew jew jinħattu. **Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiżguraw il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u jeżaminaw l-iżvilupp ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu f'ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jippermettu opportunitajiet ta' ċċarġjar u riforniment tal-idroġenu** meta s-sewwieq ikun qed jistrieħ jew għall-karozzi tal-linja ■ . Sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera, meta t-terminals jew iċ-ċentri tal-passiġġieri jirċievu appoġġ mill-Unjoni jew appoġġ pubbliku, jenħtieġ li l-aċċess għall-finijiet ta' ċċarġjar **u riforniment tal-idroġenu** jkun fuq bażi **ġusta, affordabbli**, trasparenti u mhux diskriminatorja, sabiex jiġi evitat l-imblukkar tas-suq għal intrapriżi speċifiċi jew distorsjonijiet possibbli tal-kompetizzjoni.

- (77) Is-sikurezza, is-sigurtà u l-affidabbiltà insuffiċjenti tal-infrastruttura, ikkawżati minn perikli naturali, inklużi avvenimenti relatati mal-klima u okkorrenzi eċċezzjonali oħrajn bħal pandemiji, diżastri kkawżati mill-bniedem bħal aċċidenti, jew it-tfixkil ikkawżat minn atti intenzjonati bħat-terroriżmu u l-attakki ċibernetiċi, huma problema kbira għall-effiċjenza u l-funzjonament tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Pereżempju, l-aċċidenti kkawżati minn diversi diżastri naturali minħabba avvenimenti estremi tat-temp wasslu għal interruzzjonijiet sinifikanti tal-flussi tat-trasport fis-snin li għaddew. B'hekk, jenħtieġ li tittejjeb ir-reżiljenza tan-network tat-trasport għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem u għal tfixkil ieħor, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-miżuri li jsaħħu r-reżiljenza meħuda minn entitajiet kritiċi għas-settur tat-trasport skont id-Direttiva **(UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹⁷.
- (78) ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, twettaq valutazzjoni tar-reżiljenza u l-vulnerabbiltà tan-network ewlieni għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.***

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

(79) B'kont meħud tal-esperjenza fir-rigward tal-immaniġġjar tal-kriżijiet matul il-pandemija tal-COVID-19 u sabiex jevitaw it-tfixkil tat-traffiku u imprevisi fil-futur, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem u għal tfixkil ieħor li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, meta jkunu qegħdin jippjanaw l-infrastruttura. Biex jinkiseb dak l-għan, ***jenħtieġ li l-konġestjonijiet eżistenti jiġu eliminati*** u li l-Kuritur Ewropej tat-Trasport jinkludu wkoll linji ta' devjazzjoni importanti li jistgħu jintużaw fil-każ ta' konġestjoni jew problemi oħrajn fuq ir-rotot prinċipali. Barra minn hekk, minħabba n-natura multimodali tagħhom, mod wieħed jista' jissostitwixxi lill-ieħor fil-każ ta' emerġenzi.

(80) *L-infrastruttura tat-trasport hija s-sinsla tal-ekonomija u tas-soċjetà kollha kemm hi. Xi infrastruttura tat-trasport hija kritika biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, u għalhekk hija pilastru tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Qed jiżdedu l-investimenti, l-interessi u l-preżenza ta' impriżi ta' pajjiżi terzi fl-infrastruttura strateġika – u xi kultant anke dik militari – Ewropea, pereżempju fil-portijiet, fl-ajruporti u fit-terminals tal-kontejners. F'dan il-kuntest, il-parteċipazzjoni ta' impriżi ta' pajjiż terz tista' taċċellera r-realizzazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Madankollu, f'ċirkostanzi speċifiċi, il-parteċipazzjoni ta' tali impriżi jew il-kontribuzzjoni tagħhom għal proġetti ta' interess komuni jistgħu jikkompromettu s-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni. Tali preżenza barranija li qed tiżded fl-infrastruttura strateġika Ewropea tista' timmina r-reżiljenza tal-Unjoni. Għalhekk, huwa kruċjali li tiġi prevenuta l-preżenza ta' pajjiżi terzi li x'aktarx taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għal u minbarra l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, hija meħtieġa sensibilizzazzjoni akbar dwar tali parteċipazzjoni jew kontribut sabiex tippermetti l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi jekk jidher li l-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni ta' impriża ta' pajjiż terz fi proġett ta' interess komuni x'aktarx ser jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni u l-parteċipazzjoni jew il-kontribut ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452.*

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1).

- (81) Filwaqt li l-manutenzjoni hija u ser tibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri u mingħajr preġudizzju għar-*responsabbiltà* tal-Istati Membri rigward b'mod partikolari *l-ippjanar*, il-finanzjament u l-ġestjoni tal-manutenzjoni, huwa importanti li jkun hemm manutenzjoni kif xieraq tan-network trans-Ewropew tat-trasport – ladarba jinbena – biex tiġi żgurata kwalità għolja tas-servizzi, filwaqt li jiġi segwit approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja meta jiġu ppjanati u akkwistati proġetti ta' infrastruttura. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li jiġi stabbilit ippjanar ta' manutenzjoni fit-tul għat-toroq u fejn rilevanti, għall-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni.
- (82) Sabiex jiġu implimentati partijiet min-network trans-Ewropew tat-trasport tal-ogħla importanza strateġika fi żmien speċifiku, jenħtieġ li jintuża approċċ ta' kuritur bħala strument biex jiġu kkoordinati proġetti differenti fuq bażi tranżnazzjonali u biex jiġi sinkronizzat l-iżvilupp tal-kuritur, u b'hekk jiġu massimizzati l-benefiċċji tan-network.

- (83) Jenħtieġ li l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jgħinu fl-iżvilupp tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport b'tali mod li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet, jissaħħu l-konnessjonijiet transfruntieri u jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà. Jenħtieġ li dawn jikkontribwixxu għal koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba, **inkluż ma' pajjiżi ġirien**. Jenħtieġ li dawn jindirizzaw ukoll objettivi usa' tal-politika tat-trasport u jiffaċilitaw l-interoperabbiltà, l-integrazzjoni modali u l-operazzjonijiet multimodali. Jenħtieġ li l-approċċ tal-kurituri jkun trasparenti u ċar u jenħtieġ li l-ġestjoni ta' tali kurituri ma toħloqx piżijiet jew kostijiet amministrattivi addizzjonali. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirrakkomanda l-istabbiliment ta' entitajiet uniċi għall-koordinazzjoni, il-kostruzzjoni jew il-ġestjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera ta' interess komuni, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera fuq skala kbira u kumplessi u tirrakkomanda, fejn ikun rilevanti, il-kooperazzjoni bejn ir-regġuni transfruntieri biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-mobbiltà.**
- (84) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koordinata tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali, jiġifieri l-ERTMS u l-Ispazju Marittimu Ewropew, jenħtieġ li l-Koordinaturi Ewropej jinħatru mill-Kummissjoni bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati **u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill u, fejn ikun xieraq, mal-pajjiżi ġirien ikkonċernati**. Jenħtieġ li dawn jiffaċilitaw miżuri biex titfassal l-istruttura ta' governanza t-tajba u biex jiġi żgurat l-istabbiliment koerenti tal-prijoritajiet tal-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investment tul il-Kurituri Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali.

- (85) Jenħtieġ li l-oqfsa Ewropej u nazzjonali għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport, kif ukoll il-pjanijiet ta' ħidma stabbiliti mill-Koordinaturi Ewropej jikkontribwixxu għall-iskeda u l-ippjanar f'waqthom tal-investimenti meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament.
- (86) Jenħtieġ li l-pjanijiet ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej jintużaw biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ***inkluż, fejn ikun xieraq, partijiet ikkonċernati rilevanti minn pajjiżi ġirien. Jenħtieġ li*** jsaħħu l-komplementarjetà mal-azzjonijiet tal-Istati Membri u tal-manigġers tal-infrastruttura u b'mod partikolari biex jistabbilixxu stadji importanti indikattivi **■**.
- (87) ***Jenħtieġ li l-Koordinatur Ewropew ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport jew ta' prijorità orizzontali li testendi għal pajjiżi ġirien speċifiċi jkun intitolat li jikkoopera ma' dawn il-pajjiżi u jinvolvihom fl-attivitajiet rilevanti fil-kuritur.***
- (88) Il-bażi teknika tal-mapep li jispeċifikaw in-network trans-Ewropew tat-trasport hija pprovduta mis-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec).

- (89) B'kont meħud tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar il-Mobbiltà Militari ta' Marzu 2018 ¹⁹ il-Kummissjoni vvalutat il-ħtieġa li tadatta n-network trans-Ewropew tat-trasport biex ikun jirrifletti l-użu militari tal-infrastruttura. Abbażi ¹⁹ tad-dokument intitolat *"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha"* approvati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023 u fit-23 ta' Ottubru 2023¹⁹, ġew inklużi toroq u ferroviji addizzjonali fin-network trans-Ewropew biex jissaħħu s-sinerġiji bejn in-networks tat-trasport ċivili u militari.
- (90) *Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kuntest ġeopolitiku l-ġdid li ħolqot, u kif enfasizzat mill-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża adottata mill-Kunsill fl-21 ta' Marzu 2022 – Għal Unjoni Ewropea li tiproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali – l-Unjoni għandha bżonn issaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju fin-network trans-Ewropew tat-trasport kollu sabiex tippromwovi l-moviment rapidu u bla xkiel ta' persunal, materjal u taġmir militari għal skjeramenti u eżerċizzji operazzjonali.*

¹⁹ Id-dokument ST10440/23.

(91) Sabiex tiġi massimizzata l-konsistenza bejn il-linji gwida u l-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji rilevanti disponibbli fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-finanzjament tan-network trans-Ewropew tat-trasport ikun konformi ma' dan ir-Regolament u jkun ibbażat, b'mod partikolari, fuq ir-Regolament (UE) 2021/1153. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-finanzjament tan-network jibni wkoll fuq il-finanzjament u l-istrumenti ta' finanzjament ipprovduti skont liġijiet oħra tal-Unjoni, inkluż l-InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, il-Politika ta' Koeżjoni kif stabbilita fl-Artikolu 174 TFUE, l-Orizzont Ewropa, ***il-Fond għall-Innovazzjoni stabbilit bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***²², u strumenti oħra ta' finanzjament stabbiliti mill-Bank Ewropew tal-Investment. Sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li r-referenzi għal "pjattaformi loġistiċi multimodali", "awtostradi tal-baħar" u "applikazzjonijiet telematiċi" fir-Regolament (UE) 2021/1153 jiġu interpretati, rispettivament, bħala referenzi għal "terminals multimodali tal-merkanzija", "Spazju Marittimu Ewropew" u "Sistemi tal-ICT għat-trasport" kif definiti f'dan ir-Regolament. Għall-istess skop, jenħtieġ li r-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) 2021/1153 jinftiehem bħala li jinkludu "network ewlieni estiż" kif speċifikat f'dan ir-Regolament.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

²¹ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

²² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (92) Il-kisba tal-objettivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport, b'mod partikolari fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tat-trasport fl-Unjoni, teħtieġ qafas regolatorju robust. Jenħtieġ li jiġu implimentati riformi ambizzjużi mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi tat-trasport sostenibbli kif identifikati fis-Semestru Ewropew. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tappoġġa kemm ir-riformi kif ukoll l-investimenti sabiex it-trasport isir aktar sostenibbli, jitnaqqsu l-emissjonijiet u jittejbu s-sikurezza u l-effiċjenza. Miżuri rilevanti għal dak l-għan huma inklużi fil-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza approvati.
- (93) Sabiex jiġu aġġornati l-mapep u l-lista ta' portijiet, ajruporti, terminals u nodi urbani inklużi fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament, biex jitqiesu l-bidliet possibbli li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-użu attwali ta' ċerti elementi tal-infrastruttura tat-trasport analizzati fl-isfond tal-livelli limitu kwantitattivi stabbiliti minn qabel u biex jiġu emendati l-allinjamenti tal-Kurrituri Ewropej tat-Trasport fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendi għall-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²³. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

²³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (94) *Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u biex ikun jista' jsir ippjanar strateġiku fit-tul, huwa essenzjali li n-network trans-Ewropew tat-trasport jinżamm kemm jista' jkun stabbli u li l-aġġornamenti potenzjali għan-network jiġu limitati għal kriterji oġġettivi u trasparenti kif stabbiliti f'dan ir-Regolament.*
- (95) Xi partijiet tan-network huma ġestiti minn atturi oħrajn minbarra l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li r-regoli li jirregolaw in-network jiġu applikati b'mod korrett fit-territorju tagħhom.
- (96) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel u effettiva tal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ li jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi, inklużi dawk li jippromwovu l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (97) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ġhoti ta' eżenzjonijiet minn ċerti rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif ukoll għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza, li jistabbilixxu metodoloġija għad-data dwar il-mobbiltà urbana li għandha tinġabar mill-Istati Membri, għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni tal-**Kurituri Ewropej tat-Trasport, għall-implimentazzjoni ta' sezzjonijiet transfruntieri** u għaż-żewġ prijoritajiet orizzontali. **Fejn previst b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.**
- (98) **Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati mal-linji ferrovjarji u, b'mod partikolari, kwalunkwe rekwiżit biex l-ajruporti u l-portijiet jiġu konnessi mal-linji ferrovjarji, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mat-terminals multimodali tal-merkanzija ma japplikawx għal Ċipru, Malta, gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi, sakemm ma tkun stabbilita ebda sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom. Jenħtieġ li lanqas id-dispożizzjonijiet relatati ma' parkeġġ sikur u sigur ma japplikaw għal dawk l-Istati Membri, għal gżejjer u għal reġjuni ultraperiferiċi peress li tali spazji ta' parkeġġ mhumiex essenzjali fin-nuqqas ta' traffiku tal-merkanzija bit-triq fi tranżitu fit-territorju tagħhom.**

²⁵ **Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).**

- (99) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-istabbiliment u l-iżvilupp ikkoordinati tan-network trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-ħtieġa ta' koordinazzjoni ta' dawk l-objettivi, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (100) Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2021/1153 sabiex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li l-Kurituri tan-Network Ewlieni jiġu integrati fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport. Jenħtieġ li d-definizzjoni u l-allinjament tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport jiġu definiti f'dan ir-Regolament u jissostitwixxu l-Kurituri tan-Network Ewlieni kif definiti fir-Regolament (UE) 2021/1153.
- (101) Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 sabiex jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li l-Kurituri Ferrovjarji tal-Merkanzija jiġu integrati fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport.
- (102) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp ta' network trans-Ewropew tat-trasport li jikkonsisti minn network komprensiv u minn network ewlieni u network ewlieni estiż, bin-network ewlieni u n-network ewlieni estiż jiġu stabbiliti abbażi tan-network komprensiv.
2. Dan ir-Regolament jidentifika l-Kurituri Ewropej tat-Trasport tal-ogħla importanza strateġika abbażi ta' sezzjonijiet ta' prijorità tan-network trans-Ewropew tat-trasport u proġetti ta' interess komuni, u jispeċifika r-rekwiżiti li għandhom jiġu rrispettati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport.
3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u jipprevedi miżuri għall-implimentazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għan-network trans-Ewropew tat-trasport kif *speċifikat fil-* mapep fl-Anness I *u fil-listi fl-Anness II*. In-network trans-Ewropew tat-trasport jinkludi l-infrastruttura tat-trasport, inkluż l-infrastruttura għall-varar ta' fjuwils alternattivi, is-sistemi tal-ICT għat-trasport, u l-miżuri għall-promozzjoni tal-ġestjoni u l-użu effiċjenti ta' tali infrastruttura u li jippermettu l-istabbiliment u l-operat ta' servizzi tat-trasport sostenibbli u effiċjenti.
2. L-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport tikkonsisti mill-infrastruttura għat-trasport bil-ferrovija, it-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport marittimu, it-trasport bit-triq, it-trasport bl-ajru *u* t-trasport multimodali, *inkluż* f'nodi urbani, kif stipulat fit-taqsimiet rilevanti tal-Kapitoli II, III u IV.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "proġett ta' interess komuni" tfisser kwalunkwe proġett imwettaq skont dan ir-Regolament;
- (2) "pajjiż ġar" tfisser pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Politika tat-Tkabbir, u ż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles jew il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra²⁶;
- (3) "reġjun NUTS" tfisser reġjun kif stabbilit bir-**Regolament** (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ u kklassifikat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament;
- (4) "sezzjoni transfruntiera" tfisser is-sezzjoni li tiżgura l-kontinwità ta' proġett ta' interess komuni fuq iż-żewġ naħat ta' fruntiera, li tinsab bejn l-eqreb nodi urbani għall-fruntiera ta' żewġ Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż ġar;

²⁶ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

²⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

- (5) "konġestjoni" tfisser ostaklu fiżiku, tekniku, funzjonali, operattiv jew amministrattiv li jwassal għal interruzzjoni tas-sistema, **inkluż konġestjoni sistematika jew waqfien**, li taffettwa l-kontinwità tat-traffiku għall-flussi fuq distanzi twal jew flussi transfruntieri;
- (6) "nodu urban" tfisser żona urbana fejn l-elementi tal-infrastruttura tat-trasport tan-network trans-Ewropew tat-trasport **għall-passiġġieri u l-merkanzija**, bħal portijiet, inkluż terminals tal-passiġġieri, ajruporti, stazzjonijiet ferrovjarji, terminals tal-karozzi tal-linja, u terminals **multimodali** tal-merkanzija, li jinsabu fiż-żona urbana u madwarha, huma konnessi ma' elementi oħrajn ta' dik l-infrastruttura u mal-infrastruttura għat-traffiku reġjonali u lokali, inkluż **l-infrastruttura għall-modi attivi**;
- (7) "network iżolat" tfisser network ferrovjarju ta' Stat Membru, jew parti minnu, b'wisa' tal-binarji differenti minn dik tal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm **■** ;
-
- (8) "trasport multimodali" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija, jew tat-tnejn li huma, bl-użu ta' żewġ modi ta' trasport jew aktar;

- (9) "servizz ta' mobbiltà diġitali multimodali" tfisser "servizz ta' mobbiltà diġitali multimodali" kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (24), tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸;
- (10) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità, inkluż fid-dawl tal-kundizzjonijiet regolatorji, tekniċi, **amministrattivi** u operattivi kollha, tal-infrastruttura, inkluż l-infrastruttura diġitali f'mod jew segment ta' trasport **u bejn modi differenti ta' trasport**, li jkunu permessi flussi ta' traffiku u ta' informazzjoni sikuri u mingħajr interruzzjonijiet li jiksbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa għal dak il-mod jew is-segment tal-infrastruttura;
- (11) "ċentru multimodali tal-passiġġieri" tfisser punt ta' konnessjoni bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport għall-passiġġieri, fejn l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, l-aċċess għat-trasport pubbliku u t-trasferimenti bejn il-modi **huma żgurati, bħal stazzjonijiet park-and-ride,** u li jaġixxi bħala interfaċċa **fi ħdan u** bejn nodi urbani u **bejn nodi urbani u** networks tat-trasport fuq distanzi itwal;

²⁸ Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

- (12) "terminal multimodali tal-merkanzija" tfisser struttura mgħammra għat-trażbord bejn mill-inqas żewġ modi ta' trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija, bħat-terminals fil-portijiet interni jew marittimi, tul il-passaġġi fuq l-ilma interni u fl-ajruporti, kif ukoll fit-terminals stradali-ferrovjarji ■ ;
- (13) "pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli" jew "SUMP" tfisser dokument għall-ippjanar strateġiku tal-mobbiltà, li għandu l-għan li jtejjeb, **b'mod sostenibbli**, l-aċċessibbiltà għaż-żona urbana funzjonali u l-mobbiltà fi ħdanha, **inkluż iż-żoni tal-ivvjaġġar lejn ix-xogħol f'dik iż-żona urbana jew fil-viċinanza tagħha**, għan-nies, in-negozji u l-merkanzija bil-ħsieb, b'mod partikolari, ta' kwalità tal-ħajja aħjar;
- (14) "mod attiv" tfisser it-trasport ta' nies jew ta' oġġetti, b'mezzi mhux motorizzati, abbażi tal-attività fiżika tal-bniedem, **inkluż vetturi bi propulsjoni elettrika awżiljarja kif imsemmija fl-Artikolu 2(2), il-punt (h) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹**;

²⁹ ***Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).***

- (15) "sistemi tal-ICT għat-trasport" tfisser sistemi u applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jużaw teknoloġiji tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni jew tal-pożizzjonament jew tal-lokalizzazzjoni, **inkluż teknoloġiji bbażati fl-ispazju**, li jagħmluha possibbli li tiġi pproċessata, maħżuna u skambjata d-data u l-informazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni effettiva tal-infrastruttura, tal-mobbiltà u tat-traffiku fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, li tiġi rrapportata informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet u li jiġu pprovduti servizzi ta' valur miżjud liċ-ċittadini, lill-ispedituri u lill-operaturi, inkluż sistemi għal użu tan-network li jkun reżiljenti, sikur, sigur, jirrispetta l-ambjent u effiċjenti f'dak li jirrigwarda l-kapaċitajiet; dawn jinkludu s-sistemi, it-teknoloġiji u s-servizzi msemmija fil-punti minn (16) sa (22) u jistgħu jinkludu wkoll apparati abbord b'komponenti tal-infrastruttura jew diġitali korrispondenti;
- (16) "Sistemi ta' Trasport Intelliġenti" jew "STI" tfisser "Sistemi ta' Trasport Intelliġenti" kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (1), tad-Direttiva 2010/40/UE;
- (17) "Sistema għall-Monitoraġġ u l-Informazzjoni dwar it-Traffiku tal-Bastimenti" jew "VTMIS" tfisser is-"sistema **għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti**" stabbilita bid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰;

³⁰ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

- (18) "Servizzi ta' Informazzjoni tax-Xmajjar" jew "RIS" tfisser "servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS)" kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (a) tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹;
- (19) "Sistema ta' Single Window Marittima Ewropea" jew "EMSWe" tfisser "sistema ta' Single Window Marittima Ewropea", kif definita fl-**Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2019/1239** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²;
- (20) "Sistema ta' Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru / Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru" jew "Sistema tal-ATM/ANS" tfisser "sistema tal-ATM/ANS" kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (7) tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³;
- (21) "Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarjarju" jew "ERTMS" tfisser "Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovarjarju (**ERTMS**)", kif definita fil-punt 2.2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) **2023/1695**³⁴, u **fil-kuntest tal-iskadenzi tal-implimentazzjoni tirreferi għas-sistema ta' protezzjoni tal-ferroviji tal-Klassi A u għal kwalunkwe sistema tar-radju tal-Klassi A, imsemmija f'dak ir-Regolament**;

³¹ Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

³² Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).

³³ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

³⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 tal-10 ta' Awwissu 2023 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/919 (ĠU L 222, 8.9.2023, p. 380).

- (22) "ERTMS ibbażata fuq ir-radju" tfisser il-livell 2 tal-*applikazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ETCS) li ma tehtiegħx sinjali mal-ġenb tal-binarji u li tuża sistema tar-radju tal-Klassi A għall-iskambju tad-data tas-sikurezza u mhux relatat mas-sikurezza bejn il-binarji u* l-ferrovija skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) **2023/1695**;
- (23) "sistemi tal-klassi B" tfisser "sistemi tal-klassi B" kif definiti fil-punt 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) **2023/1695**;
- (24) "port marittimu" tfisser "port marittimu" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16) tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵;
- (25) "trasport marittimu fuq distanzi qosra" tfisser il-moviment ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar bejn portijiet li jinsabu fl-ilmijiet ġeografiċi ta' Stat Membru wieħed jew ta' diversi Stati Membri jew bejn port li jinsab fl-ilmijiet tal-Istati Membri u port li jinsab fl-ilmijiet ta' pajjiż terz kontigwu li jkollu kosta fuq l-ibħra li jmissu mal-ilmijiet ta' Stat Membru wieħed jew ta' diversi Stati Membri;

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 057, 3.3.2017, p. 1).

- (26) "informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija" jew "eFTI" tfisser l-"informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija" kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (4) tar-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶;
- (27) "ajru uniku Ewropew" jew "SES" tfisser is-sistemi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004³⁷, (KE) Nru 550/2004³⁸, (KE) Nru 551/2004³⁹, u (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex isaħħu l-istandards tas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru, biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-sistema tat-trasport bl-ajru u biex itejbu l-prestazzjoni ġenerali tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għat-traffiku tal-ajru ġenerali fl-Ewropa;
- (28) "vertiport" tfisser żona użata għall-qtugħ mill-art u għall-inżul l-art ta' inġenju tal-ajru bil-qtugħ mill-art u l-inżul l-art vertikali (VTOL);
- (29) "stand ta' kuntatt għall-inġenji tal-ajru" tfisser stand f'żona magħżula tar-rampa tal-ajruport mgħammra b'pont tal-imbark tal-passiġġieri;

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33).

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10).

³⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-ispazju ta' l-arja) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

- (30) *"stand remot għall-inġenji tal-ajru" tfisser stand f'żona magħżula tar-rampa tal-ajruport mgħammra b'pont tal-imbark tal-passiġġieri;*
- (31) "proġett SESAR" tfisser il-proġett għall-immodernizzar tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, immirat biex jipprovdi lill-Unjoni b'infrastruttura tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bi prestazzjoni għolja, standardizzata u interoperabbli, u li jikkonsisti minn ċiklu ta' innovazzjoni li jinkludi l-fażi tad-definizzjoni ta' SESAR, il-fażi tal-iżvilupp ta' SESAR u l-fażi tal-mobilizzazzjoni ta' SESAR;
- (32) "port spazjali" tfisser installazzjoni għall-ittestjar u l-illanċjar ta' inġenji spazjali;
- (33) "Proġett tas-Sistema Ferrovjarja Ewropea" tfisser proġett tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085⁴⁰, jew il-predeċessur tagħha Impriża Konġunta Shift2Rail;
- (34) "Pjan Regulatorju tal-ATM Ewropew " tfisser il-pjan approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE⁴¹ u kif emendat sussegwentement;

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17).

⁴¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE tat-30 ta' Marzu 2009 li tendorsja l-Pjan Direttur Ewropew għall-Ġestjoni tal-Ajru tal-proġett ta' Riċerka tal-ATM tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) (ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41).

- (35) "governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija" tfisser il-korpi ta' governanza msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010;
- (36) "manutenzjoni" tfisser xogħlijiet maħsuba biex iżommu l-kundizzjoni u l-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti ***b'mod li tipprovi livell ta' servizz adatt għall-fluss tat-traffiku u livell għoli ta' sikurezza*** matul il-ħajja tagħha;
- (37) "analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji" tfisser evalwazzjoni ex ante kwantifikata, ibbażata fuq metodoloġija rikonoxxuta, tal-valur ta' proġett, li tqis il-benefiċċji u l-kostijiet soċjali, ekonomiċi, tas-saħħa, klimatiċi u ambjentali kollha rilevanti; l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji klimatiċi u ambjentali hija bbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE;
- (38) "fjuwils alternattivi" tfisser "fjuwils alternattivi" kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2023/1804;

- (39) "żona ta' parkeġġ sikura u sigura" tfisser żona ta' parkeġġ aċċessibbli għas-sewwieqa involuti fil-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² u li tkun ġiet iċċertifikata f'konformità mal-istandards u l-proċeduri tal-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 8a(2) ta' dak ir-Regolament;
- (40) "sistema ta' użin waqt il-moviment" tfisser sistema awtomatika stabbilita fl-infrastruttura tat-toroq bl-għan li tidentifika vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li x'aktarx ikunu qabżu l-limiti tal-piż rilevanti, f'konformità mad-Direttiva 96/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³;
- (41) "deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-proġett" tfisser deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet, inkluż ta' natura amministrattiva, meħuda simultanjament jew suċċessivament minn awtorità jew awtoritajiet ta' Stat Membru, li ma jinkludux awtoritajiet amministrattivi u ta' appell ġudizzjarju, taħt sistema legali nazzjonali u liġi amministrattiva li tiddetermina jekk promotur ta' proġett ikunx intitolat jew le jimplimenta proġett fiż-żona ġeografika kkonċernata fin-network ewlieni, fin-network ewlieni estiż jew fin-network komprensiv, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva jew ta' appell ġudizzjarju.

⁴² Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

⁴³ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

Artikolu 4

Objettivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport

1. L-objettiv ġenerali tal-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport huwa li jiġi stabbilit network tat-trasport multimodali uniku ta' kwalità għolja għall-Unjoni kollha .
2. In-network trans-Ewropew tat-trasport għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona unika Ewropea tat-trasport li tkun sostenibbli, *sikura*, effiċjenti u reżiljenti u li żżid il-benefiċċji għall-utenti tagħha u tappoġġa t-tkabbir inklużiv. In-network trans-Ewropew tat-trasport għandu juri valur miżjud Ewropew billi jikkontribwixxi għall-objettivi stipulati fl-erba' kategoriji li ġejjin:
 - (a) sostenibbiltà permezz ta':
 - (i) il-promozzjoni ta' mobbiltà b'emissjonijiet zero *u* emissjonijiet *baxxi* f'konformità mal-miri rilevanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tas-CO₂;

- (ii) l-iffaċilitar ta' użu akbar ta' modi ta' trasport aktar sostenibbli, ***b'mod partikolari*** permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' network ferrovjarju ***interoperabbli*** għat-trasport tal-passiġġieri fuq distanzi twal, ***inkluż*** b'veloċità għolja u network ferrovjarju interoperabbli għat-trasport tal-merkanzija, network affidabbli ta' passaġġi fuq l-ilma interni u ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra ***għall-passiġġieri u għall-merkanzija madwar l-Unjoni***;
 - (iii) żieda fil-protezzjoni tal-ambjent;
 - (iv) it-tnaqqis ta' ***esternalitajiet negattivi***, inkluż dawk relatati mal-ambjent, ***il-klima***, is-saħħa, il-konġestjoni u l-inċidenti, ***pereżempju permezz ta' skemi ta' ekoinċentivi; jew***
 - (v) sigurtà akbar tal-enerġija;
- (b) koeżjoni permezz ta':
- (i) aċċessibbiltà u konnettività tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, ***b'attenzjoni partikolari għar***-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari, periferali u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati;

- (ii) tnaqqis tal-lakuni fil-kwalità tal-infrastruttura, **u l-promozzjoni tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi diġitali tal-modi kollha tat-trasport, b'kapaċità tan-network adegwata** bejn **ir-reġjuni** u l-Istati Membri;
 - (iii) kemm għat-traffiku tal-passiġġieri kif ukoll għat-traffiku tal-merkanzija, koordinazzjoni u interkonnessjoni effiċjenti bejn l-infrastruttura tat-trasport għat-traffiku fuq distanzi twal u għat-traffiku reġjonali u lokali, **sabiex jiġu ffaċilitati** s-servizzi tat-trasport, **inkluż** fin-nodi urbani; jew
 - (iv) infrastruttura tat-trasport li tirrifletti s-sitwazzjonijiet speċifiċi f'partijiet differenti tal-Unjoni u li tipprevedi kopertura bilanċjata tar-reġjuni Ewropej kollha;
- (c) effiċjenza permezz ta':
- (i) it-tneħħija ta' konġestjonijiet fl-infrastruttura u l-ħolqien ta' konnessjonijiet neqsin, kemm fl-infrastrutturi tat-trasport kif ukoll fil-punti ta' konnessjoni **bejniethom**, fit-territorji tal-Istati Membri u bejniethom, **b'mod partikolari f'sezzjonijiet transfruntieri, u l-konnessjoni, fejn ikun xieraq, man-network trans-Ewropew tat-trasport f'pajjiżi terzi;**

- (ii) it-tneħħija ta' **█** konġestjonijiet fl-interoperabbiltà, inkluż lakuni fid-diġitalizzazzjoni;
- (iii) l-interoperabbiltà tan-networks tat-trasport nazzjonali, reġjonali u lokali;
- (iv) integrazzjoni u interkonnessjoni ottimali tal-modi kollha ta' trasport, inkluż fin-nodi urbani;
- (v) il-promozzjoni ta' trasport ekonomikament effiċjenti u ta' kwalità għolja li jikkontribwixxi għal aktar tkabbir ekonomiku u kompetittività;
- (vi) użu aktar effiċjenti ta' infrastruttura ġdida u eżistenti li qed topera, ***pereżempju fis-settur ferrovjarju;***
- (vii) applikazzjoni kosteffiċjenti ta' kunċetti ***u sistemi diġitali interoperabbli***, innovattivi, teknoloġiċi u operazzjonali; jew
- (viii) ***koordinazzjoni akbar ta' xogħlijiet ta' infrastruttura bejn l-Istati Membri għal proġetti transfruntieri;***

- (d) iż-żieda tal-benefiċċji għall-utenti tiegħu permezz ta':
- (i) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-utenti u l-issodisfar tal-ħtiġijiet ta' mobbiltà u trasport tagħhom, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inkluż il-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa u n-nies li jgħixu f'regġuni remoti, inkluż ir-regġuni ultraperiferiċi u regġuni remoti, **rurali, insulari, periferiċi u muntanjużi oħra, kif ukoll żoni skarsament popolati**;
 - (ii) l-iżgurar ta' standards sikuri, siguri u ta' kwalità għolja, inkluż il-kwalità tas-servizzi għall-utenti **kollha**, għat-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija;
 - (iii) **l-appoġġ** għall-kwalità, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-servizzi tat-trasport li għandhom ikunu aċċessibbli u affordabbli;
 - (iv) l-appoġġ għal mobbiltà li tkun adattata għall-klima li qed tinbidel u reżiljenti għall-perikli naturali u d-diżastri kkawżati mill-bniedem, u li **tiffaċilita** l-varar effiċjenti u rapidu ta' servizzi ta' emerġenza u ta' salvataġġ, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa;

- (v) l-iżgurar tar-reżiljenza tal-infrastruttura, b'mod partikolari fuq sezzjonijiet transfruntieri;
- (vi) l-offerta ta' soluzzjonijiet ta' trasport alternattivi, inkluż fuq modi oħrajn, fil-każ ta' disturbi fin-network;
- (vii) l-appoġġ għal modi attivi ta' mobbiltà billi jittejbu l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-infrastruttura relatata, u b'hekk jittejbu s-sikurezza u s-saħħa għall-utenti attivi tal-infrastruttura u jitrawmu l-benefiċċji ambjentali ta' dawk il-modi;**
- (viii) l-appoġġ għall-mobbiltà bla xkiel fl-Unjoni; jew**
- (ix) l-iżgurar ta' manutenzjoni adegwata maħsuba biex tipprovdi, għall-infrastruttura eżistenti, livell ta' servizz adatt għall-fluss tat-traffiku, u livell għoli ta' sikurezza matul il-ħajja tal-infrastruttura.**

Artikolu 5

Protezzjoni tan-network u tal-ambjent effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u **reżiljenti**

1. In-network trans-Ewropew tat-trasport għandu jiġi ppjanat, żviluppat u operat b'mod effiċjenti fir-riżorsi, **u f'konformità** mar-rekwiżiti ambjentali nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, permezz ta':

- (a) l-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida, it-titjib u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti, notevolment billi tiġi inkluża l-manutenzjoni tul il-ħajja tal-infrastruttura fil-fażi tal-ippjanar tal-kostruzzjoni jew tat-titjib tal-infrastruttura u billi l-infrastruttura tinżamm operazzjonali;
- (b) l-ottimizzazzjoni tal-integrazzjoni u l-interkonnnessjoni tal-infrastruttura;
- (c) il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwils alternattivi, **li jikkontribwixxi għall-varar ta' teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni;**
- (d) l-użu ta' teknoloġiji ġodda u sistemi tal-ICT għat-trasport biex tiġi ppreservata u tittejjeb il-prestazzjoni tal-infrastruttura, **fejn tali użu jkun ekonomikament ġustifikat jew meħtieġ biex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà;**
- (e) l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastruttura, b'mod partikolari permezz ta' ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità u tat-traffiku, **li trawwem il-multimodalità u l-bidla lejn xejriet ta' mobbiltà aktar sostenibbli, inkluż l-iżvilupp ta' servizzi tat-trasport multimodali sostenibbli, attraenti u effiċjenti;**

- (f) il-kunsiderazzjoni **u l-ottimizzazzjoni** tas-sinerġiji possibbli ma' networks oħra, b'mod partikolari n-networks trans-Ewropej tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni **inkluż, fejn ikun rilevanti, il-grilja kollha tal-elettriku sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-ippjanar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u l-ippjanar tal-grilja rispettiv, kif ukoll il-kunsiderazzjoni tas-sinerġiji possibbli mal-użu doppju tal-infrastruttura identifikata fir-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha" approvati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023 u t-23 ta' Ottubru 2023 u fi kwalunkwe dokument sussegwenti li jirrevedi dawk ir-rekwiżiti approvati wara, kif ukoll mal-infrastruttura taċ-ċikliżmu, inkluż rotot taċ-ċikliżmu fuq distanzi twal;**
- (g) l-iżvilupp ta' infrastruttura ekoloġika, sostenibbli u reżiljenti għall-klima, **filwaqt li jitqiesu l-modi attivi, u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda li għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport, inkluż permezz tal-użu ta' materjali effiċjenti fir-riżorsi u reżistenti għall-klima, imfassla biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq is-saħħa taċ-ċittadini li jgħixu madwar in-network, l-ambjent, inkluż mit-tniġġis tal-arja u t-tniġġis akustiku, u d-degradazzjoni tal-ekosistemi; u**

(h) il-kunsiderazzjoni adegwata tar-reżiljenza tan-network tat-trasport u l-infrastruttura **u s-servizzi tiegħu, speċjalment fis-sezzjonijiet transfruntieri**, fir-rigward ta' **kuntest klimatiku u ġeopolitiku** li qed jinbidel, kif ukoll perikli naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem, u **■ tfixkil, intenzjonali jew le, bil-ħsieb li jiġu indirizzati dawk l-isfidi u bil-ħsieb li jkun possibbli rispons adegwat u rkupru f'waqtu minn dak it-tfixkil, kif ukoll bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-ktajjen tal-provvista.**

■

2. Meta jiġu biex jippjanaw u jiżviluppaw in-network trans-Ewropew tat-trasport, l-Istati Membri jistgħu jadattaw l-allinjament dettaljat tar-rotot tas-sezzjonijiet **■** billi jqisu ċ-ċirkostanzi partikolari fid-diversi partijiet tal-Unjoni, bħall-karatteristiċi topografiċi tar-reġjuni kkonċernati u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali, filwaqt li jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. **Tali adattament ma għandux imur lil hinn minn dak li huwa permess mid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-proġett rilevanti f'konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 58(1), il-punt (g).**

3. Il-valutazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-proġetti għandha titwettaq f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴⁴, mad-Direttivi 2000/60/KE⁴⁵, 2001/42/KE⁴⁶, 2002/49/KE⁴⁷, 2009/147/KE⁴⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2011/92/UE. Għal dawk il-proġetti ta' interess komuni li għalihom il-*proċess ta' akkwist għal* valutazzjoni ambjentali jkun għadu ma *nbediex* sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], **għandha tiġi vvalutata wkoll** il-konformità tagħhom mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Artikolu 6

L-iżvilupp gradwali tan-network trans-Ewropew tat-trasport

1. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(5)**, in-network trans-Ewropew tat-trasport għandu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament, jiġi żviluppat gradwalment fi tliet stadji:

- (a) it-tlestija ta' network ewlieni sal-31 ta' Diċembru 2030;

⁴⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

⁴⁵ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

⁴⁶ Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

⁴⁷ Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

⁴⁸ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

- (b) it-tlestija ta' network ewlieni estiż sal-31 ta' Diċembru 2040; u,
- (c) it-tlestija ta' network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2050.

L-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport għandu jinkiseb, b'mod partikolari, bl-implimentazzjoni ta' struttura għal dak in-network b'approċċ metodoloġiku koerenti u trasparenti, li jinkludi network ewlieni, network ewlieni estiż u network komprensiv, b'nodi tat-trasport u nodi urbani bħala punti ta' konnessjoni **multimodali** bejn it-traffiku fuq distanzi twal u n-networks tat-trasport reġjonali u lokali.

2. In-network komprensiv għandu jikkonsisti fl-infrastrutturi tat-trasport eżistenti u ppjanati kollha tan-network trans-Ewropew tat-trasport, kif ukoll f'miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti, u soċjalment u ambjentalment sostenibbli, ta' tali infrastruttura.
3. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li għandhom jiġu żviluppati bħala kwistjoni ta' priorità **u jitlestew skont l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 1**, għall-kisba tal-oġġettivi għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Artikolu 7

Kuritur Ewropej tat-Trasport

Il-Kuritur Ewropej tat-Trasport għandhom jikkonsistu fil-partijiet tan-**network ewlieni jew tan-network ewlieni estiż** li huma tal-ogħla importanza strateġika għall-iżvilupp ta' flussi sostenibbli u multimodali tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Ewropa u għall-iżvilupp ta' infrastruttura interoperabli ta' kwalità għolja u ta' prestazzjoni operazzjonali.

Artikolu 8

Proġetti ta' interess komuni

1. Il-proġetti ta' interess komuni għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida tat-trasport, permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport eżistenti jew permezz ta' miżuri li jippromwovu l-użu effiċjenti fir-riżorsi tan-network.
2. Proġetti ta' interess komuni għandhom:
 - (a) ***juru valur miżjud Ewropew billi jikkontribwixxu*** għal objettivi li jaqgħu taħt mill-inqas tnejn mill-erba' kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 4(2); ***u***

- (b) ikunu ekonomikament vijabbli abbażi ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji *jew, fil-każ ta' żoni skarsament popolati jew proġetti li huma essenzjali għall-użu doppju tal-infrastruttura, jagħtu kontribut pożittiv għall-iżvilupp tan-network abbażi ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji.*



3. Proġett ta' interess komuni jħaddan iċ-ċiklu kollu tiegħu, inkluż l-istudji tal-fattibbiltà, il-proċeduri tal-permess, il-kostruzzjoni, l-operat, *il-manutenzjoni* u l-evalwazzjoni.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-proġetti ta' interess komuni jitwettqu f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, u b'mod partikolari mal-liġijiet tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-protezzjoni tal-klima, is-sikurezza, is-sigurtà, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku, is-saħħa pubblika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll mal-atti legali tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar in-nondiskriminazzjoni.
5. *L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni tiddependi mill-grad ta' maturità tagħhom, mill-konformità mal-proċeduri legali nazzjonali u dawk tal-Unjoni, u mid-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr ma jiġi preġudikat l-impenn finanzjarju tal-Stat Membru jew tal-Unjoni.*

6. Il-Kummissjoni tista' **tirakkomanda** li l-Istati Membri jistabbilixxu **entitajiet** uniċi għall-**koordinazzjoni**, il-kostruzzjoni **jew** il-ġestjoni ta' proġetti infrastrutturali transfruntieri ta' interess komuni, **speċjalment għal dawk fuq skala kbira u kumplessi**. Il-Koordinatur Ewropew rilevanti għandu jkollu l-istatus ta' osservatur fil-**board** superviżorju jew **f'korp ta' tmexxija simili** ta' tali entità unika.
7. **L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li l-proġetti ta' interess komuni jiġu implimentati fil-ħin u b'mod effiċjenti.**
8. **L-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji għandha tiġi applikata mill-Istati Membri, b'approċċ rikonoxxut u armonizzat sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni trasparenti u komparattiva ta' dawn il-proġetti.**

Artikolu 9

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. L-Unjoni tista' tikkoopera ma' pajjiżi terzi sabiex tgħaqqad in-network trans-Ewropew tat-transport man-networks tal-infrastruttura tagħhom permezz ta' proġetti ta' interess komuni, fejn ikun rilevanti bil-ħsieb li jtejbu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-kompetittività u, b'mod partikolari, sabiex:

- (a) tippromwovi l-estensjoni **f'pajjiżi terzi** tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport **flimkien ma' politiki oħra relatati tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ambjent u l-protezzjoni tal-klima;**
- (b) tiżgura l-konnessjoni bejn in-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks tat-trasport tal-pajjiżi terzi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, **inkluż fit-territorju ta' pajjiż terz li huwa parti mill-Kuritur Ewropew tat-Trasport, sabiex tiggarrantixxi flussi tat-traffiku mingħajr xkiel, kontrolli fil-fruntieri, sorveljanza fil-fruntieri u proċeduri oħrajn ta' kontroll fil-fruntieri;**
- (c) **fit-territorju ta' pajjiżi terzi, tiżgura l-konnessjoni bejn in-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks tat-trasport ta' dawk il-pajjiżi terzi, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiffaċilita, fejn ikun rilevanti u xieraq, it-trasport ferrovjarju ma' pajjiżi terzi;**
- (d) tlesti l-infrastruttura tat-trasport f'pajjiżi terzi li jservu bħala konnessjonijiet bejn partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport fl-Unjoni;
- (e) tippromwovi l-interoperabbiltà tan-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks ta' pajjiżi terzi;

- (f) tiffaċilita t-trasport marittimu u tippromwovi rotot ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra ma' pajjiżi terzi ***dment li dawn ma jikkontribwixxux għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju***;
 - (g) tiffaċilita t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni ma' pajjiżi terzi;
 - (h) tiffaċilita t-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi, sabiex tippromwovi t-tkabbir ekonomiku effiċjenti u sostenibbli u l-kompetittività, inkluż l-estensjoni tal-ajru uniku Ewropew u l-kooperazzjoni mtejba fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;
 - (i) tikkonnettja u timplimenta sistemi tal-ICT għat-trasport f'dawk il-pajjiżi terzi; ***u***
 - (j) ***tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, b'mod partikolari permezz tal-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi f'pajjiżi terzi bil-ħsieb li jiġi stabbilit network kontinwu marbut man-network trans-Ewropew tat-trasport.***
2. L-Anness IV jistabbilixxi mapep indikattivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi ġirien speċifiċi, li jispeċifikaw, fejn ikun applikabbli, network ewlieni u network komprensiv f'konformità mal-kriterji ta' dan ir-Regolament.
3. ***Xejn f'dan l-Artikolu ma jimplika dritt għal kwalunkwe tip ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal proġetti f'pajjiżi terzi skont atti legali oħra tal-Unjoni.***

KAPITOLU II
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet ġenerali għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv

1. In-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv għandhom:
 - (a) ikunu dawk speċifikati fil-mapep li jinsabu fl-Anness I u fil-listi fl-Anness II;
 - (b) jiġu speċifikati aktar permezz tad-deskrizzjoni tal-komponenti tal-infrastruttura;
 - (c) jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-infrastrutturi tat-trasport stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitoli III u IV; u
 - (d) jikkostitwixxu l-bażi għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni.

2. In-network ewlieni u n-network ewlieni estiż għandhom jikkonsistu f'dawk il-partijiet tan-network *trans-Ewropew tat-trasport* li għandhom jiġu żviluppati bħala kwistjoni ta' prijorità biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Ir-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) 2021/1153 għandhom jiġu interpretati bħala li jinkludu n-"network ewlieni estiż" skont it-tifsira f'dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għal "network ewlieni" fir-Regolament (UE) **2023/1804** għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għan-"network ewlieni" skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għal "network komprensiv" fir-Regolament (UE) **2023/1804** għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għan-"network ewlieni estiż" u n-"network komprensiv" skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

3. In-nodi tan-network huma stabbiliti fl-Anness II u jinkludu nodi urbani ***u nodi tat-trasport*** (ajruporti, portijiet marittimi, portijiet interni, **■** terminals stradali-ferrovjarji ***u terminals tul passaġġi fuq l-ilma interni***).
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv li għandhom jiġu żviluppati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament sad-dati speċifikati fl-Artikolu 6(1), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet ġenerali għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport

1. Id-***disa'*** Kurituri Ewropej tat-Trasport speċifikati fil-mapep li jidhru fl-Anness III huma:
 - (a) ***Atlantiku;***
 - (b) ***Baħar Baltiku – Baħar l-Iswed – Baħar Eġew;***
 - (c) ***Baħar Baltiku – Baħar Adrijatiku;***
 - (d) ***Mediterran;***
 - (e) ***Baħar tat-Tramuntana – Renu – Mediterran;***
 - (f) ***Baħar tat-Tramuntana – Baltiku;***

- (g) *Renu – Danubju;*
- (h) *Skandinavu – Mediterran;*
- (i) *Balkani tal-Punent – Lvant tal-Mediterran.*

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa għall-Kuritur Ewropej tat-Trasport li ser jiġu żviluppati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni, u sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-infrastruttura tagħhom li hija parti min-network ewlieni estiż, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor *f'dan ir-Regolament.*
3. Soġġett għall-*approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 172, it-tieni paragrafu*, TFUE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament biex temenda, *fil-limiti tal-Artikolu 7* ta' dan ir-Regolament, l-allinjament tal-Kuritur Ewropej tat-Trasport fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, sabiex jittqies l-iżvilupp ta' flussi u ta' traffiku kummerċjali ewlenin jew ta' bidliet sostanzjali fin-network. *Fir-rigward tal-emendi għall-allinjamenti tal-kuritur li jaffettwaw il-partijiet fit-territorju tal-pajjiżi ġirien, tali atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet ta' livell għoli dwar in-networks tal-infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.*

Artikolu 12

Prijoritajiet ġenerali għan-network ewlieni, għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv

1. Fl-iżvilupp tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, għandha tingħata prijorità ġenerali lil miżuri li huma meħtieġa għal:
 - (a) iż-żieda *tas-sehem u, fejn rilevanti, il-kapaċità ta' trasport aktar sostenibbli għall-merkanzija u l-passiġġieri, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis u jiżiedu l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw mit-trasport;*
 - (b) l-iżgurar ta' aċċessibbiltà u konnettività mtejba għar-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li titqies il-koeżjoni territorjali u soċjali, **u l-inklużjoni** tal-każ speċifiku tar-reġjuni ultraperiferiċi u ta' reġjuni remoti, insulari, periferiċi u muntanjużi oħrajn, kif ukoll ta' żoni skarsament popolati;
 - (c) l-iżgurar tal-aħjar integrazzjoni tal-modi ta' trasport u l-interoperabbiltà bejn il-modi ta' trasport, **inkluż modi attivi ta' mobbiltà f'żoni urbani;**
 - (d) il-ħolqien tal-konnessjonijiet neqsin u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, b'mod partikolari fis-sezzjonijiet **transfruntieri;**

- (e) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni bla xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi, ***u ta' bastimenti u inġenji tal-ajru li jużaw fjuwils li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport u għal żieda fis-sigurtà tal-enerġija;***
- (f) il-promozzjoni tal-użu effiċjenti, ***bla xkiel*** u sostenibbli tal-infrastruttura u, fejn meħtieġ, iż-żieda fil-kapaċità;
- (g) iż-żamma tal-infrastruttura eżistenti operattiva u t-titjib jew iż-żamma tal-kwalità tagħha f'termini ta' sikurezza, sigurtà, effiċjenza tas-sistema tat-trasport u l-operazzjonijiet tat-trasport, ir-reżiljenza għall-klima u għad-diżastri, il-prestazzjoni ambjentali, u l-kontinwità tal-flussi tat-traffiku;
- (h) it-titjib tal-kwalità tas-servizzi u tal-kundizzjonijiet soċjali għall-ħaddiema tat-trasport, l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, inkluż il-persuni b'diżabilità jew b'mobbiltà mnaqqsa u persuni oħrajn f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, ***filwaqt li jiġi prevenut u mitigat il-faqar tat-trasport;***
- (i) ***it-titjib tad-diġitalizzazzjoni, l-iffaċilitar tal-infurzar diġitali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-iżvilupp tal-awtomatizzazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni u l-varar ta' sistemi tal-ICT għat-trasport; jew***

(j) *l-adattament, fejn ikun meħtieġ u b'kont meħud tar-rekwiżiti kostituzzjonali ta' ċerti Stati Membri, tal-infrastruttura għal użu doppju sabiex jiġu indirizzati kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk tad-difiża, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-itinerarji meħtieġa għal movimenti fi żmien qasir u fuq skala kbira tal-forzi militari.*

2. Sabiex jiġu kkomplementati l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil miżuri li huma meħtieġa għal:

(a) *kontribuzzjoni għall-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani u, fejn rilevanti, żoni sensittivi b'densità għolja ta' popolazzjoni, għall-effetti negattivi tat-trasport fi tranżitu bil-ferrovija u bit-triq;*

(b) *l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastruttura, b'mod partikolari permezz ta' ġestjoni effiċjenti tal-kapaċità, ġestjoni tat-traffiku u prestazzjoni operazzjonali akbar;*

(c) *il-kontribuzzjoni għal effetti pożittivi fuq is-saħħa u l-ambjent billi jiġi promoss l-użu ta' modi attivi ta' mobbiltà permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura korrispondenti għaċ-ċikliżmu u għall-mixi;*

- (d) *l-iżgurar ta' aċċess nondiskriminatorju għall-parteciċipanti kollha tas-suq fl-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport; jew*
- (e) *l-iżgurar ta' qsim effiċjenti tal-fruntieri għat-trasport tal-merkanzija filwaqt li jitqiesu l-ħinijiet ta' stennija.*

Artikolu 13

Prijoritajiet ġenerali għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport

Fl-iżvilupp tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport, għandha tingħata prijorità ġenerali lil miżuri li huma meħtieġa għal:

- (a) l-iżvilupp ta' network ferrovjarju għat-trasport tal-merkanzija ta' prestazzjoni għolja, ***bla xkiel*** u kompletament interoperabbli madwar l-Unjoni;
- (b) l-iżvilupp ta' network ferrovjarju tal-passiġġieri interoperabbli ta' prestazzjoni għolja, inkluż b'veloċità għolja, li jgħaqqad in-nodi urbani madwar l-Unjoni;
- (c) l-iżvilupp ta' ***infrastruttura effiċjenti tat-trasport tal-avjazzjoni u tal-passaġġi fuq l-ilma interni u ta' infrastruttura tat-trasport marittimu integrata tajjeb fl-Ispazju Marittimu Ewropew***;

- (d) l-iżvilupp ta' network tat-toroq sikur u sigur, b'infrastrutturi suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi, ***kif ukoll żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri;***
- (e) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-trasport multimodali u interoperabbli ■ ;
- (f) ***il-promozzjoni ta'*** integrazzjoni intermodali tal-katina loġistika kollha, b'interkonnessjoni effiċjenti fin-nodi urbani u tat-trasport;
- (g) il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li tiżgura ċirkolazzjoni bla xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi, ***u ta' bastimenti u inġenji tal-ajru li jużaw fjuwils li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport u għal żieda fis-sigurtà tal-enerġija;***
- (h) ***il-varar ta' sistemi tal-ICT għat-trasport fuq il-modi kollha fuq in-network, fejn ikun rilevanti, sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-infrastruttura u jkun jista' jsir skambju ta' informazzjoni diġitali; jew***
- (i) ***it-titjib tal-konnessjonijiet bejn in-network trans-Ewropew tat-trasport u n-networks tal-infrastruttura ta' pajjiżi ġirien, fejn ikun rilevanti.***

KAPITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

TAQSIMA 1

Infrastruttura tat-trasport ferrovjarju

Artikolu 14

Komponenti tal-infrastruttura

1. L-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju għandha tinkludi, b'mod partikolari:
 - (a) linji ferrovjarji, inkluż:
 - (i) binarji;
 - (ii) punti;
 - (iii) passaġġi invell;
 - (iv) binarji żgħar (sidings);
 - (v) mini;
 - (vi) pontijiet; u
 - (vii) infrastruttura li ttaffi l-impatt fuq l-ambjent;
 - (b) stazzjonijiet tul il-linji ferrovjarji speċifikati fil-mapep li jinsabu fl-Anness I għat-trasferiment tal-passiġġieri fi ħdan il-modalità ferrovjarja u bejn il-modalità ferrovjarja u modi oħrajn ta' trasport;

- (c) faċilitajiet ta' servizzi ferrovjarji ***tul il-linji ferrovjarji speċifikati fil-mapep li jinsabu fl-Anness I*** minbarra stazzjonijiet tal-passiġġieri kif definiti fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹, b'mod partikolari marshalling yards, faċilitajiet ta' formazzjoni tal-ferroviji, faċilitajiet ta' shunting, sidings tal-ħżin, faċilitajiet ta' manutenzjoni, faċilitajiet tekniċi oħrajn bħal faċilitajiet ta' tindif u ta' ħasil, faċilitajiet ta' għajjnuna u faċilitajiet ta' riforniment tal-fjuwil, kif ukoll faċilitajiet awtomatiċi għall-bdil tal-gauge għall-ferroviji;
- (d) il-konnessjonijiet **■** tar-rotot ta' aċċess ferrovjarju ***sat-terminals multimodali tal-merkanzija*** konnessi bil-ferrovija, inkluż il-ferroviji, ***ir-rotot ta' aċċess sat-terminals multimodali tal-merkanzija*** f'portijiet interni u marittimi u ajruporti, u ***r-rotot ta' aċċess ferrovjarju sal-"marshalling yards" kif imsemmija fil-punt 2(c) tal-Anness II tad-Direttiva 2012/34/UE***;
- (e) is-sinjalar ta' kontroll-kmand fuq l-art;
- (f) l-infrastruttura tal-enerġija fuq l-art;
- (g) *l-infrastruttura relatata ma' faċilitajiet għall-fjuwils alternattivi***;
- (h) it-tagħmir assoċjat; u
- (i) is-sistemi tal-ICT għat-trasport.

⁴⁹ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

2. It-tagħmir tekniku assoċjat mal-linji ferrovjarji jista' jinkludi sistemi ta' elettrifikazzjoni, tagħmir għall-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri u t-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija fl-istazzjonijiet u fit-terminals, kif ukoll teknoloġiji innovattivi fil-fażi tal-varar tagħhom.

Artikolu 15

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network komprensiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv tikkonforma ma':
 - (a) id-Direttiva (UE) 2016/797 u l-atti ta' implimentazzjoni adottati taħtha sabiex tinkiseb l-interoperabbiltà tan-network komprensiv; u
 - (b) ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (TSIs) adottati skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva (UE) 2016/797, **mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet** previsti fl-Artikolu 7(1) ■ ta' dik id-Direttiva.

■

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, *sal-31 ta' Diċembru 2050*, l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv, *minbarra* l-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d) **■** :

- (a) tkun kompletament elettrifikata fir-rigward tal-binarji u, sa fejn meħtieġ għall-operazzjonijiet tal-ferroviji elettriċi, fir-rigward tas-sidings;
- (b) tippermetti, mingħajr permess speċjali, tagħbija fuq il-fus ta' mill-inqas 22.5 tunnellata; u
- (c) tippermetti, mingħajr permess speċjali, it-tħaddim ta' ferroviji għat-trasport tal-merkanzija b'tul tal-ferrovija ta' mill-inqas 740 m (inkluż il-lokomottiva jew lokomottivi). Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat jekk **■** , fuq linji b'binarju doppju, tista' tiġi allokata *medja ta' kuljum* ta' mill-inqas mogħdija ferrovjarja waħda fis-*siegħa* u għal kull direzzjoni għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m *jekk tkun mitluba minn impriża ferrovjarja*.

■

3. *Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), għandhom japplikaw biss fuq dawk il-linji tan-network komprensiv li:*

- (a) *jikkollegaw terminal multimodali tal-merkanzija jew port marittimu jew port intern mal-eqreb punt ta' qsim tiegħu man-network ewlieni jew man-network ewlieni estiż tal-merkanzija;*

- (b) jikkostitwixxu rotta differenti ta' linja li hija parti min-network ewlieni tal-merkanzija jew min-network ewlieni estiż tal-merkanzija; jew*
- (c) joperaw bħala medja aktar minn għaxar ferroviji tal-merkanzija kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet abbażi tad-data għas-sena preċedenti qabel in-notifika.*

Sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-linji kkonċernati. Għal sezzjonijiet transfruntieri, tali notifika għandha ssir bi ftehim mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

- 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2050, l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), u li tkun konnessa mal-linji ferrovjarji użati għat-trasport tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 15(3) tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan l-Artikolu sakemm, fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, ma tkunx inġat eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 38(3) mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38(4).*

5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network komprensiv, fil-każ tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida, ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (a), sal-31 ta' Diċembru 2040. Il-proġetti li għalihom tkun inbdiel il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jiġu esklużi minn dan l-obbligu.***
6. ***Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 4 ma għandhomx japplikaw għan-networks iżolati.***
7. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' restrizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi jew fiżiċi sinifikanti, riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji jew impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tkun ikkoordinata mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdni opinjoni lill-Istat Membru li jitlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta kif ukoll f'termini tal-impatt sinifikanti tagħha fuq l-interoperabbiltà u l-kontinwità tan-network ferrovjarju fejn ikun rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 16

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni u għan-network ewlieni estiż

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż tkun konformi mal-Artikolu 15(1).
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, *sal-31 ta' Diċembru 2040*, l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż, *ħliet* il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), *għal-linji li jagħmlu parti min-network għat-trasport tal-merkanzija*:
 - (a) tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 15(2), il-punti (a) u (b);
 - (b) *tippermetti, mingħajr permess speċjali, it-tħaddim ta' ferroviji għat-trasport tal-merkanzija b'tul tal-ferrovija ta' mill-inqas 740 m (inkluż il-lokomottiva jew lokomottivi). Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat jekk ikun hemm konformità mill-inqas mal-kundizzjonijiet li ġejjin:*
 - (i) *fuq linji b'binarju doppju, tista' tiġi allokata kuljum ta' mill-inqas mogħdija ferrovjarja waħda kull sagħtejn u għal kull direzzjoni u mhux anqas minn 24 mogħdija ferrovjarja għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m jekk mitluba minn impriża ferrovjarja;*
 - (ii) *fuq linji b'binarju wieħed, tista' tiġi allokata kuljum ta' mill-inqas mogħdija ferrovjarja waħda kull tliet sigħat u għal kull direzzjoni u mhux anqas minn 12-il mogħdija ferrovjarja għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m jekk mitluba minn impriża ferrovjarja; u*

(c) *għas-sezzjonijiet ferrovjarji li jgħaqqdu t-terminals multimodali tal-merkanzija ta' żewġ nodi urbani jew it-terminal multimodali tal-merkanzija ta' nodu urban u punt ta' qsim tal-fruntiera, aktar minn 75 % tat-tul ta' kull sezzjoni ferrovjarja, huwa ddisinjat għal veloċità ta' mill-inqas 100 km/h għall-ferroviji tal-merkanzija fuq il-linji tal-merkanzija tan-network ewlieni estiż.*

3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż, fil-każ tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida, ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), sal-31 ta' Diċembru 2030. Il-proġetti li għalihom tkun inbdiet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jiġu esklużi minn dan l-obbligu.*

4. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2040, l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż, ħlief il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), għal-linji li huma parti min-network għat-trasport tal-passiġġieri:*

(a) *tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni estiż; u*

(b) *għas-sezzjonijiet ferrovjarji li jgħaqqdu ċentri multimodali tal-passiġġieri ta' żewġ nodi urbani jew iċ-ċentri multimodali tal-passiġġieri ta' nodu urban u punt ta' qsim tal-fruntiera, aktar minn 75 % tat-tul ta' kull sezzjoni ferrovjarja huwa ddisinjat għal veloċità ta' mill-inqas 160 km/h għall-ferroviji tal-passiġġieri fuq il-linji tal-passiġġieri tan-network ewlieni estiż.*

5. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2040, l-infrastruttura ferrovarja tan-network ewlieni estiż fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 15(2), il-punti (a) u (b), u fil-paragrafu (2), il-punt (b), ta' dan l-Artikolu sakemm, fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu (2), il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, ma tkunx ingħatat eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 38(3) skont l-Artikolu 38(4).*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2030, l-infrastruttura ferrovarja tan-network ewlieni, *ħliet* il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d) **■** :
- (a) *għal-linji li huma parti min-network għat-trasport tal-merkanzija*: tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu (2), il-punti (a), (b) u (c) ta' dan l-Artikolu; u
- (b) *għal-linji li huma parti min-network għat-trasport tal-passiġġieri*: tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2), il-punt (a) **■** .

-
7. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2040, l-infrastruttura ferrovarja li tagħmel parti min-network ewlieni għat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu (4), il-punt (b) ta' dan l-Artikolu.*

8. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2040, il-linji għat-trasport tal-merkanzija li jagħmlu parti mill-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni jew tan-network ewlieni estiż, inkluż il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' ferroviji tal-merkanzija li jgħorru semitrejlers standard sa 4 m għoljin mgħobbija f'għoli ta' mill-inqas 27 cm 'il fuq mill-parti ta' fuq tal-binarji fil-Kuritur Ewropej tat-Trasport fit-territorji tagħhom.*

Dan ir-rekwiżit għandu jitqies li għie ssodisfat jekk ikun hemm konformità mill-inqas mal-kundizzjonijiet li għejjin f'kull Kuritur Ewropew tat-Trasport fit-territorju tal-Istat Membru:

- (a) ikun hemm mill-inqas linja diretta waħda li tissodisfa dak ir-rekwiżit li tippermetti t-tħaddim mingħajr interruzzjoni tal-ferroviji fit-territorju ta' Stat Membru u fuq linji transfruntieri ma' kull Stat Membru ġar;*
- (b) ikun hemm mill-inqas linja diretta waħda li tissodisfa dak ir-rekwiżit lejn mill-inqas terminal stradali-ferrovjarju wieħed jew terminal multimodali tal-merkanzija wieħed li jinsab f'port marittimu jew maġenbu li huwa parti mill-Kuritur Ewropew tat-Trasport fit-territorju ta' Stat Membru; u*

(c) ikun hemm mill-inqas linja diretta waħda li tissodisfa dak ir-rekwiżit lejn mill-inqas wieħed minn dawn il-punti tat-tmiem jekk punt tat-tmiem wieħed jew aktar ta' kuritur ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru.

Għal sezzjonijiet transfruntieri, id-determinazzjoni tal-linji kkonċernati għandha ssir bi qbil mal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Sa mhux aktar tard minn ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-linji kkonċernati.

- 9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2030, l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 15(2), il-punti (a) u (b), u fil-paragrafu (2), il-punt (b), ta' dan l-Artikolu sakemm, fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu (2), il-punt (b), ta' dan l-Artikolu, ma tkunx inġat eżenzjoni mill-Kummissjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 38(3) skont l-Artikolu 38(4).*
- 10. Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 sa 9 ma għandhomx japplikaw għan-networks iżolati.*

11. *Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 10, fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu abbażi ta' restrizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi jew fiżiċi sinifikanti, riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji jew impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tkun ikkoordinata mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdni opinjoni lill-Istat Membru li jitlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.*

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta kif ukoll f'termini tal-impatt sinifikanti tagħha fuq l-interoperabbiltà u l-kontinwità tan-network ferrovjarju, fejn ikun rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Meta tivvaluta t-talbiet għal eżenzjonijiet mir-rekwiżit relatat mal-ġarr tas-semitrejlors stipulat fil-paragrafu 8, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari r-riżultati tal-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji kif ukoll it-tfixkil potenzjali tas-servizzi kkawżat mix-xogħlijiet meħtieġa biex jiġi ssodisfat dak ir-rekwiżit.

Meta tivvaluta t-talbiet għall-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għan-network ewlieni estiż, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari kwalunkwe investiment kbir imwettaq mill-Istat Membru kkonċernat fuq linja parallela qrib ħafna ta' dawk li jkunu ser jinbnew ġodda.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 17

Wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji għall-ferroviji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe **linja** ferrovjarja ġdida **tan**-network ewlieni u n-network ewlieni estiż, inkluż il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tipprevedi l-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. Dak ir-rekwiżit jitqies li ġie ssodisfat meta, **sal-31 ta' Diċembru 2030 għan-network ewlieni u sal-31 ta' Diċembru 2040 għan-network ewlieni estiż**, il-ferroviji b'wisa' tal-binarji ta' 1 435 mm ikunu jistgħu jiċċirkolaw fuq l-infrastruttura. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **linja** ferrovjarja ġdida tfisser kwalunkwe **linja** li għaliha x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ma jkunux għadhom bdew sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. *B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom, fi... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ebda linja ferrovjarja ġdida ma hija ppjanata li tkun konnessa mal-fruntiera tal-art ta' Stat Membru ieħor skont l-Anness I, għandhom ifasslu pjan li jidentifika l-linja ferrovjarja l-ġdida li għandha tinbena f'konformità mal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. Dak il-pjan għandu jqis l-impatt fuq l-interoperabbiltà mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien, billi jqis, b'mod partikolari, il-migrazzjoni possibbli tal-linji ferrovjarji eżistenti lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-pjan għandu jinkludi analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji li tiġġustifika d-deċiżjoni tal-Istat Membru, fejn rilevanti, li ma jibnix infrastruttura ferrovjarja ġdida għall-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. Dak il-pjan għandu jiġi ppreżentati lill-Kummissjoni sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

3. L-Istati Membri b'network ferrovjarju *eżistenti*, jew parti minnu, li jkollu wisa' tal-binarji differenti minn dik tal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm għandhom *iwettqu valutazzjoni*, sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], *li tidentifika* l-linji ferrovjarji *eżistenti* li jinsabu fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport *bil-ħsieb tal-migrazzjoni possibbli tagħhom* lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm. *Il-valutazzjoni* għandha tiġi kkoordinata mal-Istat Membru ġar jew l-Istati Membri ġirien *fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri*. *Il-valutazzjoni għandha tinkludi analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji dwar il-vijabbiltà tal-migrazzjoni possibbli lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà.*

Abbażi tal-valutazzjoni skont l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjan għall-migrazzjoni lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm fejn ikun rilevanti, mhux aktar tard minn sena wara t-tlestija tal-valutazzjoni, li jidentifika l-linji ferrovjarji eżistenti li jinsabu fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport li għandhom jiġu migrati lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm u jipprevedu indikazzjoni tal-iskeda ta' żmien ta' dik il-migrazzjoni.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw mutatis mutandis għal-linji ferrovjarji li għalihom ikunu bdew xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

4. Il-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investment ***li jirriżultaw mill-pjanijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu*** għandhom jiġu inklużi fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew għal Kuritur Ewropew tat-Trasport li l-linji ferrovjarji tal-merkanzija b'wisa' tal-binarji differenti minn dak tal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ikunu parti minnu, f'konformità mal-Artikolu 54.
5. ***Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjoni temporanja mir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għal linji ferrovjarji ġodda tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż, jew għal parti minnhom, minħabba riżultati negattivi tal-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq ġustifikazzjoni suffiċjenti. It-talbiet għal eżenzjoni għandhom ikunu kkoordinati mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdni opinjoni lill-Istat Membru li jitlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta kif ukoll f'termini tal-impatt sinifikanti tagħha fuq l-interoperabbiltà u l-kontinwità tan-network ferrovjarju, fejn ikun rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Id-deċiżjoni għandha tindika l-perjodu li għalih tingħata l-eżenzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) *l-ERTMS tkun mgħammra* fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni estiż *sal-31 ta' Diċembru 2040* u tan-network komprensiv *sal-31 ta' Diċembru 2050*, *ħlief* għall-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), *filwaqt li tiżgura varar sinkronizzat u armonizzat tal-ERTMS fuq l-art u abbord il-ferroviji*; u
 - (b) *l-ERTMS tiġi varata fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tan-network ewlieni estiż sal-31 ta' Diċembru 2040 u tan-network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2050, fejn tali tagħmir jitqies meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat f'koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-manijer tal-infrastruttura.*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *sal-31 ta' Diċembru 2030*:
 - (a) l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, *ħlief* il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 **■** ; u
 - (b) *l-ERTMS tiġi varata fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tan-network ewlieni fejn tali tagħmir jitqies meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat f'koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-manijer tal-infrastruttura.*

3. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi tal-klassi B jiġu dekommissjonati, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2040 fuq in-network ewlieni, sal-31 ta' Diċembru 2045 fuq in-network ewlieni estiż u sal-31 ta' Diċembru 2050 fuq in-network komprensiv, dment li jiġi żgurat livell xieraq ta' sikurezza, ħliet għal sezzjonijiet f'nodi urbani użati wkoll minn ferroviji suburbani tal-passiġġieri mgħammra b'sistemi ddedikati għall-protezzjoni tal-ferroviji tal-klassi B.***
4. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv tkun mgħammra b'ERTMS ibbażata fuq ir-radju sal-31 ta' Diċembru 2050.***
5. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ERTMS ibbażata fuq ir-radju tiġi varata fuq l-infrastruttura ferrovjarja tan-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv mill-31 ta' Diċembru 2030, fil-każ tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida, jew mill-31 ta' Diċembru 2040, fil-każ tal-aġġornament tas-sistema ta' sinjalazzjoni.***
6. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ERTMS ibbażata fuq ir-radju tiġi varata sal-31 ta' Diċembru 2050 fuq il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1), il-punt (d), tan-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, fejn tali tagħmir jittqies meħtieġ mill-Istat Membru kkonċernat f'koordinazzjoni mal-manijer tal-infrastruttura u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Fil-każ ta' kostruzzjoni ta' linja ġdida, tali varar għandu jiġi żgurat mill-31 ta' Diċembru 2030.***

7. ***Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 6 ma għandhomx japplikaw għan-networks iżolati.***
8. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 sa 6. Kwalunkwe talba għal eżenzjoni għandha tkun ibbażata fuq riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji u valutazzjoni tal-impatt fuq l-interoperabbiltà. ***Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tkun ikkoordinata mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdi opinjoni lill-Istat Membru li jitlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda. L-eżenzjonijiet mitluba*** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797***

■

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu kif ukoll f'termini tal-impatt sinifikanti tagħha fuq l-interoperabbiltà. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Prijoritajiet operazzjonali

1. ***Il-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija għandha tagħmel l-isforzi kollha possibbli biex tiżgura, sal-31 ta' Diċembru 2030, li fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport, il-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-impriżi ferrovjarji u r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali għall-użu tal-infrastruttura ma jipprevjenux il-prestazzjoni operazzjonali tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-Kurituri Ewropej tat-Trasport milli tilħaq il-valuri fil-mira li ġejjin:***
- (a) ***għal kull sezzjoni transfruntiera interna, il-ħin ta' waqfien tal-ferroviji kollha tal-merkanzija li jaqsmu l-fruntiera bejn żewġ Stati Membri ma jaqbiżx medja ta' 25 minuta, ħlief fis-sezzjonijiet fejn ikun hemm bidla fil-wisa' tal-binariji jew fejn il-verifiki mwettqa fi fruntiera fejn il-kontrolli jkunu għadhom ma tneħħewx fuq il-ferroviji bl-applikazzjoni tal-punt 1.2 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2016/399 ma jippermettux il-konformità ma' dan il-limitu ta' ħin; il-ħin ta' waqfien ta' ferrovija f'sezzjoni transfruntiera jfisser il-ħin ta' tranżitu addizzjonali totali li jista' jiġi attribwit għall-eżistenza tal-qsim tal-fruntiera, irrispettivament mill-proċeduri jew mill-kunsiderazzjonijiet ta' natura infrastrutturali, operazzjonali, teknika u amministrattiva; il-ħin ta' waqfien ma jinkludix il-ħin li ma jistax jiġi attribwit għall-qsim tal-fruntiera, bħal proċeduri operazzjonali mwettqa f'faċilitajiet li jinsabu qrib il-qsim tal-fruntiera iżda li mhumiex intrinsikament relatati miegħu; u***

(b) mill-inqas 75 % tal-ferroviji tal-merkanzija li jaqsmu mill-inqas fruntiera waħda ***tul*** il-Kuritur Ewropew tat-Trasport jaslu fid-destinazzjoni tagħhom, jew fil-fruntiera esterna tal-Unjoni jekk id-destinazzjoni tagħhom tkun barra mill-Unjoni, fil-ħin skedat tagħhom jew b'dewmien ta' inqas minn 30 minuta ***minħabba raġunijiet li huma attribwibbli għall-manijer(s) tal-infrastruttura tal-Unjoni; id-dewmien li ġġarrab f'pajjiżi terzi li minnhom jgħaddu l-ferroviji tal-merkanzija u li jista' jiġi attribwit lilhom ma għandux jitqies.***

2. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2030 għal-linji tat-trasport tal-merkanzija fuq in-network ewlieni, sal-31 ta' Diċembru 2040 għal-linji tat-trasport tal-merkanzija fuq in-network ewlieni estiż, u sal-31 ta' Diċembru 2050 għal-linji għat-trasport tal-merkanzija tan-network komprensiv imsemmi fl-Artikolu 15(3), japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:***

(a) ***fuq linji b'binarju doppju, jistgħu jiġu allokatu mill-inqas żewġ mogħdijiet tal-ferrovija fis-siegħa u għal kull direzzjoni għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m (inkluż il-lokomottiva jew lokomottivi); u***

(b) ***fuq linji b'binarju wieħed, tista' tiġi allokata mill-inqas mogħdija waħda tal-ferrovija kull sagħtejn u għal kull direzzjoni għal ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mill-inqas 740 m (inkluż il-lokomottiva jew lokomottivi).***

Artikolu 20

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura ferrovjarja u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) il-migrazzjoni lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm, fejn ikun rilevanti;
- (b) il-mitigazzjoni tal-impatt tal-istorbju u tal-vibrazzjoni kkawżati mit-trasport ferrovjarju, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għall-vetturi ferrovjarji u għall-infrastruttura, inkluż għall-ħitan ta' protezzjoni mill-istorbju;
- (c) it-titjib fis-sikurezza tal-passaġġi invell;
- (d) fejn xieraq, il-konnessjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju mal-infrastruttura ta' port ta' passaġġi fuq l-ilma interni;
- (e) soġġett għal analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, l-iżvilupp tal-infrastruttura għal tulijiet tal-ferroviji ta' aktar minn 740 m u sa 1 500 m u tagħbija fuq il-fus ta' 25,0 tunnellata meta jinbnew u jiġu mmodernizzati linji ferrovjarji rilevanti għat-traffiku tal-merkanzija;

- (f) l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji innovattivi għall-ferroviji, li jibnu b'mod partikolari fuq il-ħidma tal-Impriża Konġunti "Shift2Rail" u "Sistema Ferrovjarja Ewropea", notevolment it-tħaddim awtomatiku tal-ferroviji, il-ġestjoni avvanzata tat-traffiku, u l-konnettività diġitali għall-passiġġieri bbażata fuq ERTMS u akkoppjamenti diġitali awtomatiċi, ***il-konnettività bbażata fuq il-5G u l-unitajiet satellitari u inerzjali għall-unitajiet ġeopożizzjonali tal-ERTMS***;
- (g) meta tinbena jew tiġi mmodernizzata l-infrastruttura ferrovjarja, jiġu żgurati l-kontinwità u l-aċċessibilità tal-moġhdijiet pedonali u għaċ-ċiklisti, ***u jiġi żviluppat parkeġġ għar-roti fil-viċinanza tal-istazzjonijiet*** sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport;
- (h) l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ta' fjuwils alternattivi għall-ferroviji, bħall-idroġenu ***jew il-ferroviji li jaħdmu bil-batteriji*** għal sezzjonijiet u rotot ta' aċċess ferrovjarju li huma eżentati mir-rekwiżit ta' elettrifikazzjoni;
- (i) ***għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, jiġi pprovdut standard li jiżgura ċ-ċirkolazzjoni ta' ferroviji tal-merkanzija li jgħorru semitrejlers standard sa 4 m għoljin mgħobbija f'għoli ta' 33 cm, mingħajr ebda rekwiżit addizzjonali għal permess speċjali biex jitħaddmu servizzi***; u
- (j) ***titjib lejn ferroviji b'żewġ binarji f'sezzjonijiet ta' konġestjoni li jsofru minn ostakli għall-kapaċità***.

TAQSIMA 2

Infrastruttura tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni

Artikolu 21

Komponenti tal-infrastruttura

1. L-infrastruttura fil-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tinkludi, b'mod partikolari:
 - (a) xmajjar;
 - (b) kanali;
 - (c) lagi u laguni;
 - (d) l-infrastruttura relatata bħal magħlaq, liftijiet, pontijiet, ġibjuni u miżuri assoċjati ta' prevenzjoni u mitigazzjoni ta' għargħar u nixfa li jistgħu jħallu effetti pożittivi għan-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni;
 - (e) l-aċċess tal-passaġġi fuq l-ilma u l-konnessjonijiet tal-aħħar mil għat-terminals multimodali tal-merkanzija konnessi permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, b'mod partikolari f'portijiet interni u marittimi;
 - (f) il-postijiet ta' rmiġġ u ta' mistrieħ;

- (g) il-portijiet interni, inkluż l-infrastruttura bażika tal-port fil-forma ta' baċiri interni, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills, pjattaformi, ir-reklamazzjoni tal-art u l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' trasport fiż-żona tal-port u barra miż-żona tal-port;
- (h) it-tagħmir assoċjat *imsemmi fil-paragrafu 2*;
- (i) is-sistemi tal-ICT għat-trasport, inkluż l-RIS;
- (j) il-konnessjonijiet tal-portijiet interni mal-modi l-oħrajn fin-network trans-Ewropew tat-trasport;
- (k) l-infrastruttura relatata ma' faċilitajiet għal fjuwils alternattivi **■** ; u
- (l) l-infrastruttura meħtieġa għal operazzjonijiet ta' zero skart u miżuri ta' ekonomija ċirkolari.

2. It-tagħmir assoċjat ma' passaġġi fuq l-ilma interni jista' jinkludi tagħmir għat-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija u l-ħżin tal-merkanzija f'portijiet interni. It-tagħmir assoċjat jista' jinkludi, b'mod partikolari, sistemi ta' propulsjoni u sistemi operattivi li jnaqqsu t-tniġġis, bħat-tniġġis tal-ilma u tal-arja, il-konsum tal-enerġija u l-intensità tal-karbonju. Jista' jinkludi wkoll faċilitajiet tal-akkoljenza tal-iskart, provvista tal-enerġija elettrika mix-xatt u infrastruttura oħra ta' fjuwils alternattivi għall-provvista u l-ġenerazzjoni **■** , kif ukoll tagħmir għat-*tkissir tas-silġ*, servizzi idroloġiċi u tħammil tal-passaġġi navigabbli, il-portijiet u approċċi tal-portijiet biex tiġi żgurata navigabbiltà matul is-sena kollha.

3. **Sabiex ikun** parti min-network komprensiv, **port intern għandu jissodisfa** l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) ikollu volum annwali ta' trażbord tal-merkanzija li jaqbeż il-500 000 tunnellata, fejn il-volum annwali totali ta' trażbord tal-merkanzija għandu jkun ibbażat fuq l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat; u
 - (b) dan ikun jinsab fuq in-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Artikolu 22

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network komprensiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet interni fuq in-network komprensiv, sal-31 ta' Diċembru 2050:
- (a) ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-toroq jew tal-ferroviji;
 - (b) joffru mill-inqas terminal multimodali tal-merkanzija wieħed miftuħ għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u li għandu japplika imposti trasparenti u mhux diskriminatorji; u
 - (c) ikunu mgħammra b'faċilitajiet biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti fil-portijiet, **li jistgħu jinkludu** l-faċilitajiet għall-akkoljenza tal-iskart, il-faċilitajiet ta' tneħħija tal-gass, il-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju, kif ukoll miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi tiġi varata fil-portijiet interni f'**konformità** mar-**Regolament (UE) 2023/1804**.

Artikolu 23

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portijiet interni tan-network ewlieni jikkonformaw mal-Artikolu 22(2) u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(1), il-punti (a) u (b), sal-31 ta' Diċembru 2030 u fl-Artikolu 22(1), il-punt (c), sal-31 ta' Diċembru 2040.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż il-konnessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(1), il-punt (e), jinżamm taħt manutenzjoni regolari sabiex jippermetti navigazzjoni effiċjenti, affidabbli u sikura għall-utenti billi jiġu żgurati r-rekwiżiti minimi tal-passaġġi fuq l-ilma **u** l-livelli **minimi** tar-**rekwiżiti ta' servizz stabbiliti fil-paragrafu 3** ta' dan l-Artikolu (Status ta' Navigazzjoni Tajjeb).

L-Istati Membri għandhom jipprevjenu d-deterjorament tal-Istatus ta' Navigazzjoni Tajjeb, kif ukoll jipprevjenu d-deterjorament tal-istatus attwali ta' dawk il-partijiet tan-network li diġà jaqbżu dawk ir-rekwiżiti minimi sa... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Sal-31 ta' Diċembru 2030 l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:
- (a) ix-xmajjar, il-kanali, il-lagi, il-laguni, il-portijiet interni u r-rotot ta' aċċess tagħhom jipprovdu fond tal-kanal navigabbli ta' mill-inqas 2,5 m u għoli minimu taħt pontijiet li ma jinfetħux ta' mill-inqas 5,25 m f'livelli tal-ilma ta' referenza speċifikati, li jinqabżu f'għadd definit ta' jiem fis-sena fuq medja statistika;
 - (b) l-Istati Membri għandhom jipubblikaw fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku l-għadd ta' jiem fis-sena kif imsemmi *fil*-punt (a) li matulhom il-livell tal-ilma attwali jaqbeż jew ma jilħaqx il-livell tal-ilma ta' referenza speċifikat għall-fond tal-kanal tan-navigazzjoni, kif ukoll il-ħinijiet medji ta' stennija f'kull magħlaq;
 - (c) l-operaturi tal-magħlaq għandhom jiżguraw li tali magħlaq jitħaddmu u jinżammu b'tali mod li l-ħinijiet ta' stennija jiġu minimizzati; u
 - (d) ix-xmajjar, il-kanali, il-lagi u l-laguni huma mgħammra b'RIS għas-servizzi kollha f'konformità mad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰, sabiex tiġi ggarantita informazzjoni f'ħin reali lill-utenti minn naħa għall-oħra tal-fruntieri.

⁵⁰ Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).

Għall-finijiet tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu, il-livelli tal-ilma ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-għadd ta' jiem fis-sena li fihom il-livell proprju tal-ilma jkun qabeż il-livell tal-ilma ta' referenza speċifikat. ***Soġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 172, it-tieni subparagrafu, TFUE***, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, ***li għandhom jiġu elaborati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' tali Stati Membri, f'konsultazzjoni mal-Koordinaturi Ewropej ikkonċernati u, jekk ikun applikabbli, f'konsultazzjoni mal-kummissjonijiet għan-navigazzjoni tax-xmajjar stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali, li jispeċifikaw il-livelli tal-ilma ta' referenza msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għal kull kuritur, għal kull passaġġ fuq l-ilma jew għal kull sezzjoni ta' passaġġi fuq l-ilma. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti li huma stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali, fi ftehimiet konklużi bejn l-Istati Membri, inkluż fir-regolamenti adottati mill-kummissjonijiet għan-navigazzjoni fuq ix-xmajjar stabbiliti minn tali konvenzjonijiet u ftehimiet.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3) ta' dan ir-Regolament.

4. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti **■** msemmija fil-**paragrafi 2 u 3 għal kull passaġġ fuq l-ilma u fejn ikun xieraq għal kull sezzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma, abbażi** ta' limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, **riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, jew** impatti negattivi **sinifikanti** fuq l-ambjent, il-bijodiversità **jew** il-wirt kulturali.
- Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tiġi kkoordinata mal-Istat jew l-Istati Membri ġirien, fejn ikun applikabbli. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdi opinjoni lill-Istat Membru li jitleb l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitleb l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.**
- Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.**

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Id-deterjorament tar-rekwiżiti minimi kkawżat minn azzjoni diretta tal-bniedem jew minn nuqqas ta' diliġenza fil-manutenzjoni tan-network tal-passaġġi fuq l-ilma interni ma għandux jitqies bħala każ li jiġġustifika l-għoti ta' eżenzjoni.

5. ***Fil-każ ta' force majeure l-Istati Membri għandhom ireġġgħu lura l-kundizzjonijiet ta' navigabbiltà għall-istatus preċedenti tagħhom hekk kif is-sitwazzjoni tippermetti.***
6. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta ***linji gwida li jiżguraw approċċ koerenti dwar l-applikazzjoni tal-Istatus ta' Navigazzjoni Tajjeb fl-Unjoni. Dawn il-linji gwida jistgħu jkopru*** b'mod partikolari:
- (a) parametri ***speċifiċi*** għal **█** xmajjar bi fluss liberu;
 - (b) ***parametri komplementari għall-wisa' navigabbli tal-kanal;***
█
 - (c) il-varar ta' infrastruttura tal-enerġija alternattiva sabiex jiġi żgurat aċċess għal fjuwils alternattivi mal-kuritur kollu;
 - (d) ***l-użu ta'*** applikazzjonijiet diġitali tan-network u proċessi ta' awtomatizzazzjoni;
 - (e) ir-reżiljenza tal-infrastruttura għat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali u d-diżastri kkawżati mill-bniedem jew tfixkil intenzjonali; jew
 - (f) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni għal fjuwils u sistemi ta' propulsjoni b'livelli ***zero u baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.***
- █**
- █**

Artikolu 24

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastrutturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni u flimkien mal-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) fejn xieraq, il-kisba ta' standards ogħla għall-modernizzazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma eżistenti u għall-ħolqien ta' passaġġi fuq l-ilma ġodda, sabiex jiġu ssodisfati d-domandi tas-suq;
- (b) il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni kontra l-għargħar u n-nixfiet;
- (c) ***it-titjib tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiżiedu s-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà fit-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż f'nodi urbani;***
- (d) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura, ***inkluż il-postijiet ta' rmiġġ u ta' mistrieħ u s-servizzi tagħhom*** meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport ***multimodali*** kemm fiż-żona tal-port kif ukoll 'il barra minnu ***u tul il-passaġġ fuq l-ilma;***

- (e) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura tat-trasport, inkluż bastimenti b'emissjonijiet zero jew b'emissjonijiet baxxi u miżuri maħsuba biex itaffu l-impatti fuq il-korpi tal-ilma u l-bijodiversità dipendenti mill-ilma, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti;
- (f) *l-iżvilupp u l-użu ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'pikka baxxa adattati għal livelli baxxi ta' ilma;*
- (g) *meta tinbena jew tiġi modernizzata l-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni, l-iżgurar tal-kontinwità u l-aċċessibilità tal-mogħdijiet pedonali u għaċ-ċiklisti sabiex jiġu promossi l-modi attivi tat-trasport;*
- (h) *il-promozzjoni ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni tad-deterjorament tar-rekwiżiti tal-passaġġi fuq l-ilma, inkluż mezzi għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-kanali navigabbli; u*
- (i) *fejn ikun xieraq, it-titjib tal-kundizzjonijiet tan-navigazzjoni, tul il-passaġġi fuq l-ilma interni fil-kostruzzjoni ta' pontijiet ġodda, jew fir-rinnovazzjoni ta' pontijiet li ma jinfetħux, billi tingħata attenzjoni partikolari għall-għoli permissibbli tagħhom fir-rigward tal-pontijiet eżistenti ta' sezzjoni speċifika tal-passaġġ fuq l-ilma.*

TAQSIMA 3

Infrastruttura tat-trasport marittimu u l-Ispazju Marittimu Ewropew

Artikolu 25

Komponenti tal-infrastruttura

1. L-Ispazju Marittimu Ewropew jgħaqqad u jintegra l-komponenti marittimi deskritti fil-paragrafu 2 man-network fuq l-art permezz tal-ħolqien jew il-modernizzazzjoni ta' rotot ta' trasport marittimu fuq distanzi qosra u permezz tal-iżvilupp ta' portijiet marittimi fit-territorju *tal-Istati Membri* u l-konnessjonijiet tagħhom maż-żoni interni, ***inkluż iż-żona ġeografika tar-reġjuni ultraperiferiċi***, biex tiġi pprovduta integrazzjoni effiċjenti, vijabbli u sostenibbli ma' modi oħra tat-trasport.
2. L-Ispazju Marittimu Ewropew jikkonsisti fi:
 - (a) l-infrastruttura tat-trasport marittimu fiż-żona tal-port tan-network ewlieni u tan-network komprensiv, ***inkluż il-konnettività maż-żoni interni***;
 - (b) azzjonijiet ta' benefiċċju usa' li mhumiex marbuta ma' portijiet speċifiċi u li huma ta' benefiċċju għall-Ispazju Marittimu Ewropew u l-industrija marittima b'mod ġenerali, bħal appoġġ għal attivitajiet li jiżguraw in-navigabbiltà matul is-sena kollha (tkissir tas-silġ), ***l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn trasport marittimu sostenibbli, it-titjib tas-sinerġiji bejn it-trasport u l-enerġija, fost l-oħrajn billi jiġrawwem ir-rwol tal-portijiet bħala ċentri tal-enerġija u tiġi meġhuna t-tranżizzjoni tal-enerġija, u s-sistemi tal-ICT għat-trasport u l-istħarriġ idrografiku; u***

(c) *il-promozzjoni ta' konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra sostenibbli u reżiljenti, b'mod partikolari dawk li jikkonċentraw il-flussi tal-merkanzija sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni negattivi bħall-emissjonijiet u l-konġestjoni mit-trasport bit-triq fl-Unjoni u dawk li jtejbu l-aċċess għar-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni remoti, insulari u periferiċi oħra permezz tal-istabiliment jew il-modernizzazzjoni ta' servizzi marittimi sostenibbli, regolari u frekwenti.*

3. L-infrastruttura tat-trasport marittimu msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandha tinkludi, b'mod partikolari:

- (a) portijiet marittimi, inkluż l-infrastruttura meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport fiż-żona tal-port;
- (b) infrastruttura bażika tal-portijiet bħal baċiri interni, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, ***pjattaformi***, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills u r-reklamazzjoni tal-art;
- (c) kanali fil-baħar;
- (d) għajnuniet għan-navigazzjoni;
- (e) approċċi tal-portijiet, passaġġi navigabbli u mgħalaq;

- (f) breakwaters;
- (g) il-konnessjonijiet tal-portijiet għan-network trans-Ewropew tat-trasport ■ ;
- (h) sistemi tal-ICT għat-trasport, inkluż l-EMSWe u l-VTMIS;
- (i) infrastruttura relatata ma' ■ fjuwils alternattivi ■ ;
- (j) tagħmir assoċjat, li jista' jinkludi, b'mod partikolari, tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija, għat-tnaqqis tal-effetti negattivi fuq l-ambjent, **inkluż għal operazzjonijiet ta' żero skart u miżuri ta' ekonomija ċirkolari**, għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, għat-tnaqqis tal-istorbju, u għall-użu ta' fjuwils alternattivi, kif ukoll tagħmir biex tiġi żgurata n-navigabbiltà matul is-sena kollha, inkluż it-tkissir tas-silġ, sfharriġ idroloġiku, u għal ■ tħammil u l-protezzjoni tal-portijiet u l-approċċi tal-portijiet; u
- (k) infrastruttura **li tiffaċilita l-attivitajiet portwarji relatati mal-enerġija rinnovabbli, inkluż parks eoliċi lil hinn mill-kosta.**

4. **Sabiex ikun** parti min-network komprensiv, **port marittimu għandu jissodisfa** mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ■ :
- (a) il-volum totali annwali tat-traffiku tal-passiġġieri tiegħu jaqbeż 0.1 % tal-volum totali annwali tat-traffiku tal-passiġġieri tal-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni bl-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali jkun l-aħħar medja disponibbli ta' tliet snin, abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;
 - (b) il-volum totali annwali tal-merkanzija tiegħu, għall-immaniġġjar tal-merkanzija bl-ingrossa jew mhux bl-ingrossa, jaqbeż 0.1 % tal-volum totali annwali korrispondenti tal-merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni bl-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali jkun l-aħħar medja disponibbli ta' tliet snin, abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;
 - (c) ***il-volum totali annwali tal-merkanzija tiegħu, għall-immaniġġjar tal-merkanzija bl-ingrossa jew mhux bl-ingrossa, jaqbeż il-500 000 tonnellata fis-sena u l-kontribut tiegħu għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tal-UE u għall-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli huwa wieħed mill-attivitajiet ewlenin tal-port, bl-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali jkun l-aħħar medja disponibbli ta' tliet snin, abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;***

- (d) ikun jinsab fuq gżira u jipprovdi l-uniku punt ta' aċċess għal reġjun NUTS 3 fin-network komprensiv *fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003*; jew
- (e) ikun jinsab f'reġjun ultraperiferiku jew f'żona periferika, barra raġġ ta' 200 km mill-eqreb port ieħor fin-network komprensiv.

Artikolu 26

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network komprensiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tiġi varata f'portijiet marittimi tan-network komprensiv f'*konformità* mar-Regolament (UE) *2023/1804*;
 - (b) il-portijiet marittimi tan-network komprensiv ikunu mgħammra bl-infrastruttura meħtieġa biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-bastimenti fil-portijiet, *b'mod partikolari* l-faċilitajiet ta' akkoljenza għall-konsenja tal-iskart minn bastimenti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹;

⁵¹ Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

- (c) il-VTMIS u s-SafeSeaNet jiġu implimentati f'konformità mad-Direttiva 2002/59/KE; u
- (d) is-single windows nazzjonali marittimi jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1239.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2050:

- (a) il-portijiet marittimi tan-network komprensiv ***b'volum totali annwali tal-merkanzija ta' aktar minn żewġ miljun tunnelli ikunu*** konnessi mal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq u, fejn ikun possibbli, mal-passaġġi fuq l-ilma interni; ***l-ammont ta' referenza għal dan il-volum totali jkun l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, ibbażata fuq l-istatistika ppubblikata mill-Eurostat;***
- (b) kwalunkwe port marittimu tan-network komprensiv li jservi lit-traffiku tal-merkanzija joffri mill-inqas terminal multimodali wieħed tal-merkanzija li jkun miftuħ għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u li japplika imposti trasparenti u mhux diskriminatorji;

- (c) il-kanali fil-baħar, il-passaġġi navigabbli fil-portijiet u l-estwarji **li** jgħaqqdu żewġ ibħra, jew **li** jipprovdu aċċess mill-baħar għall-portijiet marittimi ■ jikkorrispondu mill-inqas għall-passaġġi fuq l-ilma interni li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 23; u
- (d) il-portijiet marittimi tan-network komprensiv konnessi mal-passaġġi fuq l-ilma interni jkunu mġhammra b'kapaċità ■ tal-immaniġġjar għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

L-obbligu li tiġi żgurata l-konnessjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fejn limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti jipprevjenu tali konnessjoni.

3. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 ***għal raġunijiet ta'*** limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, ***riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, jew*** impatti negattivi ***sinifikanti*** fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. ***Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 27

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-trasport marittimu tan-network ewlieni tkun konformi mal-Artikolu 26(1).
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-trasport marittimu tan-network ewlieni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) sal-31 ta' Diċembru 2030.
3. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 ***għal raġunijiet ta'*** limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, ***riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, jew*** impatti negattivi ***sinifikanti*** fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. ***Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 28

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura marittima u l-Ispazju Marittimu Ewropew

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura marittima **u l-Ispazju Marittimu Ewropew**, u minbarra l-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) il-modernizzazzjoni tal-aċċess marittimu, bħal breakwaters, kanali fil-baħar, passaġġi navigabbli, mgħalaq, **■** tħammil u għajnuniet għan-navigazzjoni;
- (b) il-kostruzzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura bażika tal-portijiet, bħal baċiri interni, **infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**, ħitan tal-mollijiet, irmiġġi, **pjattaformi**, pontijiet tal-imbark, baċiri, digi, backfills u r-reklamazzjoni tal-art;
- (c) **it-titjib tal-infrastruttura li tgħaqqad flimkien il-modi differenti ta' trasport, it-tagħmir u s-sistemi msemmija fl-Artikolu 37, il-punti (a), (b) u (d); kif ukoll il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja meħtieġa għall-operazzjonijiet tat-trasport fiż-żona tal-port jew maġenb iż-żona tal-port, jekk ikun meħtieġ għall-konnessjoni man-network ferrovjarju trans-Ewropew;**
- (d) it-titjib tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' sikurezza, sigurtà, **effiċjenza** u sostenibbiltà akbar;

- (e) l-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, **kif ukoll fjuwils rinnovabbli** u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;
- (f) **it-titjib tar-**reżiljenza tal-ktajjen loġistiċi u tal-kummerċ marittimu internazzjonali, inkluż b'rabta mal-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (g) il-miżuri ta' tnaqqis tal-istorbju u ta' effiċjenza enerġetika;
- (h) il-promozzjoni ta' bastimenti b'emissjonijiet żero jew emissjonijiet baxxi li jservu u joperaw konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, u l-iżvilupp ta' miżuri biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tat-trasport marittimu għall-ottimizzazzjoni tal-waqqiet fil-portijiet **u** tal-katina tal-provvista f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti, **bħall-użu ta' skemi ta' ekoinċentivi**;

- (i) azzjonijiet marbuta mal-promozzjoni ta' azzjonijiet ta' benefiċċju usa' u ta' konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra fil-qafas tal-Ispazju Marittimu Ewropew, inkluż il-promozzjoni ta' aċċess imtejjeb għal reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari u periferiċi oħra;*
- (j) il-promozzjoni tat-trasport bil-vapur b'emissjonijiet żero u baxxi bħala mezz sostenibbli ta' trasport tal-passiġġieri;*
- (k) azzjonijiet bil-għan li jiżdied is-sehem tal-merkanzija, inkluż għall-konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, li tittrasferixxi mit-trasport bit-triq u bl-ajru lejn it-trasport marittimu jew fuq passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport ferrovjarju, sabiex jitnaqqsu l-kostijiet esterni negattivi bħall-emissjonijiet u l-konġestjoni; u*
- (l) it-titjib tal-aċċess għar-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni remoti, insulari u periferiċi oħra.*

TAQSIMA 4
Infrastruttura tat-trasport bit-triq
Artikolu 29
Komponenti tal-infrastruttura

1. L-infrastruttura tat-trasport bit-triq għandha tinkludi b'mod partikolari:
- (a) toroq li jinkludu:
- (i) pontijiet;
 - (ii) mini;
 - (iii) intersezzjonijiet;
 - (iv) qsim;
 - (v) interkambji;
 - (vi) korsiji ta' emerġenza; u
-
- (vii) infrastruttura li ttaffi l-impatt fuq l-ambjent, ***inkluż soluzzjonijiet għall-preservazzjoni tal-fawna jew għat-tnaqqis tal-istorbju***;

- (b) tagħmir assoċjat, **inkluż sistemi ta' użin waqt il-moviment**;
- (c) **infrastruttura diġitali u** sistemi tal-ICT għat-trasport;
- (d) rotot ta' aċċess ■ għal terminals multimodali tal-merkanzija;
- (e) konnessjonijiet tat-terminals tal-merkanzija u tal-pjattaformi loġistiċi mal-modi l-oħrajn fin-network trans-Ewropew tat-trasport;
- (f) terminals tal-karozzi tal-linja;
- (g) **l-infrastruttura relatata ma' faċilitajiet għal fjuwils alternattivi; u**
- (h) **żoni ta' parkeġġ u ta' mistrieħ, inkluż żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri għall-vetturi kummerċjali.**

2. It-toroq imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu **u speċifikati fil-mapep li jinsabu fl-Anness I** huma dawk li għandhom rwol importanti fit-traffiku tal-merkanzija u tal-passiġġieri fuq distanzi twal, jintegraw **iċ-ċentri** urbani u ekonomiċi ewlenin u jiġu interkonnessi ma' modi oħrajn ta' trasport.

3. It-tagħmir assoċjat mat-toroq ***imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b)***, jista' jinkludi, b'mod partikolari, tagħmir għall-ġestjoni tat-traffiku, informazzjoni u gwida tar-rotot, għall-ġbir ta' pedaqġi jew tariffi għall-użu tat-triq, għas-sikurezza, għat-tnaqqis tal-effetti ambjentali negattivi, għar-riforniment jew l-irriċarġjar tal-vetturi bi propulsjoni alternattiva, u għaż-żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri għal vetturi kummerċjali.

Artikolu 30

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network komprensiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
- (a) is-sikurezza tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq tiġi żgurata, immonitorjata u, meta jkun meħtieġ, imtejba f'konformità mad-Direttiva 2008/96/KE **■** ;
 - (b) it-toroq ikunu ddisinjati, mibnija jew modernizzati u miżmuma bi ***standards*** għoljin ***ta' kwalità u*** ta' sikurezza;

- (c) it-toroq ikunu ddisinjati, mibnija jew modernizzati u miżmuma b'livell **għoli** ta' protezzjoni tal-ambjent, inkluż, kif xieraq, permezz ta' **miżuri ta' tnaqqis** tal-istorbju u l-għbir, it-trattament u r-rilaxx tal-ilma tax-xeba';
- (d) il-mini tat-toroq b'tul ta' aktar minn 500 m ikunu konformi mad-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵²;
- (e) fejn ikun applikabbli, l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' għbir tal-pedaġġ tiġi żgurata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³ u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/204⁵⁴ u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/203⁵⁵;
- (f) fejn ikun applikabbli, il-pedaġġi jew it-tariffi għall-utenti jiġu imposti f'konformità mad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁶;

⁵² Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-network trans-Ewropew tat-toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

⁵³ Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' hłas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45).

⁵⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/204 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-obbligi dettaljati tal-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku, il-kontenut minimu tad-dikjarazzjoni tad-dominju tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku, l-interfaċċi elettroniċi, ir-rekwiżiti għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/750/KE (ĠU L 43, 17.2.2020, p. 49).

⁵⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/203 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-klassifikazzjoni tal-vetturi, l-obbligi tal-utenti tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku, ir-rekwiżiti għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà u l-kriterji minimi ta' eliġibbiltà għall-korpi notifikati (ĠU L 43, 17.2.2020, p. 41).

⁵⁶ Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-hłas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

- (g) kwalunkwe sistema ta' trasport intelliġenti fuq l-infrastruttura tat-trasport bit-triq tikkonforma mad-Direttiva **2010/40/UE** u tiġi varata b'mod konsistenti mal-atti delegati adottati **abbażi tagħha**; u
 - (h) l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tiġi varata fin-network tat-toroq f'**konformità** mar-**Regolament (UE) 2023/1804**.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2050, it-**toroq imsemmija fl-Artikolu 29(1), il-punt (a)**, tan-network komprensiv jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) **it-triq tkun iddisinjata, mibnija jew modernizzata b'mod speċjali għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur** ;
 - (b) ikunu disponibbli żoni ta' mistrieħ f'distanza massima ta' **100** km minn xulxin, li jipprovdu spazju għall-parkeġġ **sikur u** suffiċjenti **u** faċilitajiet xierqa, inkluż faċilitajiet sanitarji, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol diversa; u
 - (c) jiġu installati sistemi ta' użin waqt il-moviment **kull 300 km bħala medja fuq in-network ta' Stat Membru**.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, meta jiġu installati sistemi ta' użin waqt il-moviment, l-Istati Membri jistgħu jiffukaw fuq sezzjonijiet tat-toroq b'intensità għolja ta' traffiku tal-merkanzija. Is-sistemi ta' użin waqt il-moviment għandhom jippermettu l-identifikazzjoni ta' vetturi u ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li x'aktarx ikunu qabżu l-piżijiet massimi awtorizzati stabbiliti fid-Direttiva 96/53/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw **■** il-varar jew l-użu tal-mezzi biex jiġu identifikati avvenimenti jew kundizzjonijiet relatati mas-sikurezza, u l-għbir tad-data rilevanti dwar it-traffiku fit-toroq, għall-fini li tiġi pprovduta informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza kif definita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013⁵⁷:

- (a) ***għall-infrastruttura eżistenti tan-network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2030; u***
- (b) ***għall-infrastruttura l-ġdida tan-network komprensiv sal-31 ta' Diċembru 2050 jew, f'każ li dik is-sezzjoni tat-triq titlesta qabel, sad-data tat-tlestija tagħha.***

⁵⁷ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 6).

4. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex jingħataw eżenzjonijiet mir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 2 ***fir-rigward ta' toroq*** fejn id-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet, jew ***għal raġunijiet ta'*** limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, ***riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji jew*** impatti negattivi ***sinifikanti*** fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti, ***filwaqt li jiġqies ukoll li l-infrastrutturi kkonċernati huma soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt, awditi u spezzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq u, fejn ikun meħtieġ, għal azzjonijiet ta' rimedju f'konformità mad-Direttiva 2008/96/KE. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tiġi kkoordinata mal-Istat jew l-Istati Membri ġirien, fejn ikun applikabbli. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdu opinjoni lill-Istat Membru li jiġtlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjoni tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jiġtlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni jiet tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun inġhatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 31

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni u għan-network ewlieni estiż

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż tkun konformi mal-Artikolu 30(1).
2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-toroq, kif imsemmi fl-Artikolu 29(1), il-punt (a), jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin, sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni u sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni estiż:***
 - (a) *it-toroq ikunu ddisinjati, mibnija jew modernizzati b'mod speċjali għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur;*
 - (b) *it-toroq jipprovdu, ħlief f'punti speċjali jew temporanjament, karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin bi strixxa diviżorja mhux maħsuba għat-traffiku jew b'mezzi oħrajn filwaqt li jiżguraw livell ekwivalenti ta' sikurezza; u*
 - (c) *it-toroq ma jaqsmux fl-istess livell ma' kwalunkwe triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi.*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *sal-31 ta' Diċembru 2040* l-infrastruttura tat-toroq tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż *tkun konformi ma' dan li ġej:*
- (a) *ikunu disponibbli żoni ta' mistrieħ tul toroq tan-network ewlieni u n-network ewlieni estiż f'distanza massima ta' 60 km minn xulxin, li jipprovdu biżżejjed spazju għall-parkeġġ sikur u faċilitajiet xierqa, inkluż faċilitajiet sanitarji, li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol diversa; u*
- (b) *tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 30(2), il-punt (c).*
4. *Sal-31 ta' Diċembru 2040, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri tul it-toroq tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż, jew f'distanza ta' sewqan ta' 3 km mill-egreb ħruġ tat-triq tan-network trans-Ewropew tat-trasport, b'distanza medja massima ta' 150 km bejn żewġ żoni minn dawn, li jipprovdu biżżejjed spazju ta' parkeġġ għall-vetturi kummerċjali u jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006. L-Istati Membri jistgħu jiffukaw fuq sezzjonijiet tat-toroq b'intensità għolja ta' traffiku tal-merkanzija.*

5. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tat-toroq tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30(3):*

- (a) għall-infrastruttura eżistenti tan-network ewlieni, sal-31 ta' Diċembru 2025, u għall-infrastruttura eżistenti tan-network ewlieni estiż, sal-31 ta' Diċembru 2030; u*
- (b) għall-infrastruttura l-ġdida tan-network ewlieni, sal-31 ta' Diċembru 2030, u għall-infrastruttura l-ġdida tan-network ewlieni estiż, sal-31 ta' Diċembru 2040, jew, f'każ li s-sezzjoni tat-triq titlesta qabel, sad-data tat-tlestija tagħha.*

6. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet mir-**rekwiżiti** stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 **fir-rigward ta' toroq** fejn id-densità tat-traffiku ma taqbiżx l-10 000 vettura kull jum fiż-żewġ direzzjonijiet jew **għal raġunijiet ta'** limitazzjonijiet ġeografiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi speċifiċi, **riżultat negattiv ta' analiżi soċjekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji** jew impatti negattivi **sinifikanti** fuq l-ambjent jew **fuq** il-bijodiversità.
- Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti li tqis ukoll li l-infrastrutturi kkonċernati huma soġġetti għal valutazzjonijiet tal-impatt, awditi u spezzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq u, fejn ikun meħtieġ, għal azzjonijiet ta' rimedju f'konformità mad-Direttiva 2008/96/KE. It-talba għal eżenzjonijiet għandha tkun ikkoordinata mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien fil-każ ta' sezzjonijiet transfruntieri. L-Istati Membri ġirien jistgħu jipprovdu opinjoni lill-Istat Membru li jitlob l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jehmeż l-opinjonijiet tal-Istati Membri ġirien mat-talba tiegħu. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.**

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-opinjoni jiet tal-Istati Membri ġirien ikkonċernati.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun inġhatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 32

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-toroq

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-toroq u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) it-titjib u l-promozzjoni tas-sikurezza fit-toroq, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli u tal-utenti tat-toroq fid-diversità kollha tagħhom, b'mod partikolari l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa;
- (b) il-mitigazzjoni tal-konġestjoni fit-toroq eżistenti, b'mod partikolari permezz tal-ġestjoni intelliġenti tat-traffiku, inkluż l-imposti jew il-pedaġġi dinamiċi għall-konġestjoni li jvarjaw skont il-ħin tal-ġurnata, il-ġimgħa jew l-istaġun;
- (c) ***it-titjib tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomazzjoni***, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi biex jittejjeb il-kontroll tal-konformità mal-qafas legali tal-Unjoni għat-trasport bit-triq, inkluż għodod ta' infurzar intelliġenti u awtomatizzati u **■** infrastruttura tal-komunikazzjoni;
- (d) meta tinbena jew tiġi modernizzata l-infrastruttura tat-toroq, tiġi żgurata l-kontinwità u l-aċċessibbiltà tal-passaġġi pedonali u għaċ-ċiklisti sabiex jiġu promossi l-modi tat-trasport attivi ***u tittejjeb, fejn ikun rilevanti, l-infrastruttura għall-mobbiltà attiva***; u
- (e) ***l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri li jipprovdu biżżejjed spazju ta' parkeġġ għall-vetturi kummerċjali u li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 dwar in-network komprensiv.***

TAQSIMA 5

Infrastruttura tat-trasport bl-ajru

Artikolu 33

Komponenti tal-infrastruttura

1. L-infrastruttura tat-trasport bl-ajru għandha tinkludi b'mod partikolari:
 - (a) l-ispazju tal-ajru, ir-rotot u l-passaġġi bl-ajru;
 - (b) l-ajruporti, inkluż l-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa għall-operazzjonijiet fuq l-art u tat-trasport fiż-żona tal-ajruport, u l-vertiports;
 - (c) il-konnessjonijiet tal-ajruporti mal-modi l-oħrajn fin-network trans-Ewropew tat-trasport;
 - (d) is-Sistemi tal-ATM/ANS u t-tagħmir assoċjati, inkluż it-tagħmir ibbażat fl-ispazju;
 - (e) l-infrastruttura relatata mal-fjuwils alternattivi, u l-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji ;
 - (f) l-infrastruttura għall-produzzjoni fuq il-post ta' fjuwils alternattivi u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet klimatiċi, ambjentali u tal-istorbju tal-ajruporti jew ta' operazzjonijiet tal-ajruporti assoċjati, bħal servizzi fuq l-art, operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u trasport tal-passiġġieri fuq l-art;

(g) l-infrastruttura użata għall-ġbir separat tal-iskart, għall-prevenzjoni tal-iskart u għal attivitajiet fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari; u

(h) *portijiet spazjali*.

2. ***Sabiex ikun parti min-network komprensiv***, ajruport għandu ***jissodisfa*** mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għall-ajruporti tal-merkanzija, il-volum totali annwali tal-merkanzija jkun mill-inqas 0,2 % tal-volum totali annwali tal-merkanzija tal-ajruporti kollha tal-Unjoni;

(b) għall-ajruporti tal-passiġġieri, it-traffiku totali annwali tal-passiġġieri jkun mill-inqas 0,1 % tal-volum totali annwali tal-passiġġieri tal-ajruporti kollha tal-Unjoni, sakemm l-ajruport inkwistjoni ma jkunx jinsab lil hinn minn raġġ ta' 100 km mill-eqreb ajruport fin-network komprensiv, jew lil hinn minn raġġ ta' 200 km fejn ikun hemm linja ferrovjarja ta' veloċità għolja fir-reġjun fejn jinsab.

Il-volum totali annwali tal-passiġġieri u l-volum totali annwali tal-merkanzija huma bbażati fuq l-aktar medja reċenti disponibbli meħuda fuq tliet snin, abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat.

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport għan-network ewlieni u għan-network komprensiv

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:
 - (a) l-ajruporti tan-network *trans-Ewropew tat-trasport b'volum totali annwali tat-traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn 12-il miljun passiġġier* ikunu konnessi *man-network ferrovjarju trans-Ewropew, inkluż in-network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja meta jkun possibbli, li jippermetti servizzi fuq distanza twila sal-31 ta' Diċembru 2040, ħliet fejn limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti jipprevjenu tali konnessjonijiet;*
 - (b) l-ajruporti tan-network *trans-Ewropew tat-trasport b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn erba' miljuni u inqas minn 12-il miljun passiġġier* ikunu konnessi *man-network ferrovjarju trans-Ewropew jew, meta l-ajruport ikun jinsab f'nodu urban tan-network ferrovjarju trans-Ewropew jew fil-viċinanza tiegħu, ma' dak in-nodu urban, bil-ferrovija, bil-metro, bil-ferrovija ħafifa, bit-tramm, bil-funikular jew, b'mod eċċezzjonali, b'soluzzjonijiet oħra ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet żero*, sal-31 ta' Diċembru 2050, ħliet fejn restrizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew fiżiċi sinifikanti jipprevjenu tali konnessjonijiet;

- (c) kwalunkwe ajruport ***tan-network trans-Ewropew tat-trasport*** joffri mill-inqas terminal wieħed li jkun miftuħ għall-operatori u għall-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u li għandu japplika imposti trasparenti u mhux diskriminatorji;
- (d) japplikaw standards bażiċi komuni għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, kif adottati mill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸ għall-infrastruttura tat-trasport bl-ajru;
- (e) l-infrastruttura għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tkun tali li tippermetti l-implimentazzjoni tal-ajru uniku Ewropew, f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (UE) 2018/1139, tal-operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru, sabiex jittejbu l-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-avjazzjoni Ewropea, tar-regoli ta' implimentazzjoni u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni;
- (f) l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tiġi varata fl-ajruporti f'***konformità*** mar-Regolament (UE) **2023/1804**; u

⁵⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

- (g) *l-ajruporti tan-network ewlieni u tan-network komprensiv b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' aktar minn erba' miljun passiġġier jipprovdu infrastruttura għall-provvista tal-arja kundizzjonata lil inġenji tal-ajru stazzjonarji fi stands ta' kuntatt tal-inġenji tal-ajru użati għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-ajruporti tan-network ewlieni u sal-31 ta' Diċembru 2040 għall-ajruporti tan-network komprensiv.*

Il-volum totali annwali ta' passiġġieri msemmi fil-punti (a), (b) u (g), tal-ewwel subparagrafu għandu jkun ibbażat fuq l-aħħar medja disponibbli ta' tliet snin fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat.

2. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha, f'każijiet debitament ġustifikati, tagħti eżenzjonijiet permezz ta' atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (g) *għal raġunijiet ta' limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti, in-nuqqas ta' eżistenza ta' sistema ferrovjarja fit-territorju, ir-riżultat negattiv tal-analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji jew l-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.*

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 35

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-trasport bl-ajru u minbarra l-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva u enerġetika tal-ajruporti;
- (b) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ajru uniku Ewropew u ta' sistemi interoperabbli, b'mod partikolari dawk żviluppati permezz tal-proġett SESAR f'konformità mal-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, ***inkluż dawk li għandhom l-għan li jiżguraw integrazzjoni sikura u sħiħa ta' vetturi tal-ajru ġodda, bl-ekwipaġġ u mingħajr ekwipaġġ***;
- (c) it-titjib tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' sikurezza u sigurtà akbar;
- (d) it-titjib tal-interkonnessjonijiet multimodali bejn l-ajruporti u l-infrastruttura ta' modi oħrajn ta' trasport, u bejn l-ajruporti u n-nodi urbani, fejn xieraq;

- (e) it-titjib tas-sostenibbiltà u l-mitigazzjoni tal-impatti klimatiċi, ambjentali u tal-istorbju, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni, fjuwils alternattivi, inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero u baxxi, infrastruttura b'emissjonijiet żero u baxxi ta' karbonju ***u infrastruttura oħra tal-fjuwils alternattivi li tikkonforma mar-Regolament (UE) 2023/1804, kif ukoll fjuwils li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁵⁹;
- (f) ***il-konnessjoni tal-ajruporti tan-network komprensiv u tan-network ewlieni b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' inqas minn erba' miljun passiġġier man-network u, fejn ikun applikabbli, man-nodi urbani korrispondenti, kif stabbiliti fl-Anness II, bil-ferrovija, bil-metro, bil-ferroviji ħfief, bit-trammijiet, bil-funikular jew, b'mod eċċezzjonali, b'soluzzjonijiet ta' trasport pubbliku ieħor b'emissjonijiet żero; u***
- (g) ***infrastruttura li tipprovdi provvista tal-arja kundizzjonata lil inġenji tal-ajru stazzjonarji fi stands remoti, u fi stands ta' kuntatt fl-ajruporti tan-network trans-Ewropew tat-trasport b'volum totali annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' inqas minn erba' miljun passiġġier.***

⁵⁹ ***Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj>.***

TAQSIMA 6

Infrastruttura għat-terminals multimodali tal-merkanzija

Artikolu 36

Identifikazzjoni tat-terminals multimodali tal-merkanzija

1. It-terminals multimodali tal-merkanzija tan-network trans-Ewropew tat-trasport huma terminals li huma ***miftuħa għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u:***
 - (a) jinsabu fil-portijiet marittimi tan-network trans-Ewropew tat-trasport, kif elenkati fl-Anness II, ***jew magħnibhom;***
 - (b) jinsabu fil-portijiet interni tan-network trans-Ewropew tat-trasport, kif elenkati fl-Anness II, ***jew magħnibhom;***
 - (c) ***jinsabu fl-ajruporti tan-network trans-Ewropew tat-trasport, kif elenkati fl-Anness II; jew***
 - (d) huma kklassifikati bħala terminals stradali-ferrovjarji jew terminals ***tul passaġġi fuq l-ilma interni*** tan-network trans-Ewropew tat-trasport, kif elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex*** jiżguraw li jkun hemm kapaċità suffiċjenti tat-terminals multimodali tal-merkanzija li sservi n-network trans-Ewropew tat-trasport, ***b'kunsiderazzjoni*** tal-flussi tat-traffiku attwali u futuri, b'mod partikolari l-flussi li jservu nodi urbani, ċentri industrijali, portijiet u ċentri tal-loġistika.
3. Sa ... [id-data ***tlit*** snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi tas-suq u analiżi prospettiva dwar it-terminals multimodali tal-merkanzija fit-territorju tagħhom. Din l-analiżi għandha mill-inqas:
 - (a) teżamina l-flussi tat-traffiku attwali u futuri tal-merkanzija, ***skont il-mod ta' trasport***;
 - (b) tidentifika t-terminals multimodali tal-merkanzija eżistenti tan-network trans-Ewropew tat-trasport fit-territorju tagħhom, u tivvaluta l-ħtieġa għal terminals multimodali tal-merkanzija ġodda jew kapaċità addizzjonali ta' trażbord fit-terminals eżistenti; u
 - (c) tanalizza kif tista' tiġi żgurata distribuzzjoni adegwata tat-terminals multimodali tal-merkanzija b'kapaċità adegwata ta' trażbord sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet identifikati fil-punt (b), waqt li jitqiesu t-terminals li jinsabu fiż-żoni tal-fruntiera tal-Istati Membri ġirien.

L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-ispedituri, mal-operaturi tat-trasport u tal-loġistika, ***kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra*** li joperaw fit-territorju tagħhom. Huma għandhom iqisu r-riżultati tal-konsultazzjoni fl-analiżi tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-riżultati tal-analiżi lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

4. ***Meta l-analiżi msemmija fil-paragrafu 3 tidentifika l-ħtieġa għal terminals multimodali tal-merkanzija ġodda jew kapaċità ta' trażbord addizzjonali f'terminals eżistenti, l-Istati Membri għandhom jelaboraw pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' network ta' terminals multimodali tal-merkanzija, inkluż il-postijiet fejn tali ħtiġijiet ikunu ġew identifikati. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-finalizzazzjoni tal-analiżi msemmija fil-paragrafu 3.***
- Abbażi ta' dak il-pjan ta' azzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni lista ta' terminals stradali-ferrovjarji u terminals tul il-passaġġi fuq l-ilma interni li huma jipproponu li jżidu mal-Annessi I u II.***

5. **Sabiex** ikun parti min-network trans-Ewropew tat-trasport u **biex jiġi** elenkat fl-Anness II, **terminal stradali ferrovjarju jew terminal tul il-passaġġi fuq l-ilma interni għandu jissodisfa** mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ■ :
- (a) it-trażbord annwali tal-merkanzija tiegħu jaqbeż, għal merkanzija mhux bl-ingrossa, it-800 000 tunnellata jew, għal merkanzija bl-ingrossa, 0,1 % tal-volum totali annwali korrispondenti tal-merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet marittimi kollha tal-Unjoni;
 - (b) ikun it-terminal stradali-ferrovjarju ewlieni ddeżinjat mill-Istat Membru għal reġjun NUTS 2, meta ma jkun hemm l-ebda terminal stradali-ferrovjarju li jikkonforma mal-punt (a) f'dak ir-reġjun NUTS 2;
 - (c) ikun propost **li jiżdied fl-Annessi I u II** mill-Istat Membru f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 37

Komponenti tal-infrastruttura

It-terminals multimodali tal-merkanzija għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

- (a) infrastruttura li tgħaqqad il-modi differenti ta' trasport f'żona tat-terminal u fil-viċinanza tagħha;
- (b) tagħmir bħal krejnijiet, trasportaturi jew apparat ieħor ta' trażbord sabiex il-merkanzija tiġi ttrasportata bejn modi differenti ta' trasport u għall-pożizzjonament u l-ħżin tal-merkanzija;
- (c) żoni ddedikati bħaż-żona tal-bieb, iż-żona ta' lqugħ intermedja u ż-żona ta' stennija, iż-żona tat-trażbord u l-korsiji tas-sewqan jew tat-tagħbija;
- (d) sistemi tal-ICT għat-trasport rilevanti għal operazzjonijiet effiċjenti tat-terminal bħal dawk li jiffaċilitaw l-ippjanar tal-kapaċità tal-infrastruttura, l-operazzjonijiet tat-trasport, il-konnessjonijiet bejn il-modi, u t-trażbord; u
- (e) infrastruttura ■ għall-fjuwils alternattivi.

Artikolu 38

Rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport

1. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex*** jiżguraw b'mod ġust u mhux diskriminatorju li t-terminals multimodali tal-merkanzija ***kollha, li huma miftuħa għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju u japplikaw tariffi trasparenti u mhux diskriminatorji fil-portijiet marittimi u l-portijiet interni kif elenkat fl-Anness II u fit-terminals stradali-ferrovjarji u t-terminals kollha tul il-passaġġi fuq l-ilma interni speċifikati fil-mapep li jinsabu fl-Anness I u elenkati fl-Anness II, jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:***
 - (a) ikunu konnessi ma' ***tal-inqas żewġ*** modi ta' trasport li huma disponibbli fiż-żona ***■*** ;
 - (b) ***ikunu, sal-31 ta' Diċembru 2030, mgħammra ġewwa t-terminal jew f'distanza ta' 3 km mit-terminal b'tal-inqas stazzjon tal-irriċarġjar wieħed, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (52), tar-Regolament (UE) 2023/1804 iddedikat biex iservi vetturi heavy-duty, u, fejn ikun xieraq, stazzjon tar-riforniment wieħed, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (59), ta' dak ir-Regolament, użat għall-idroġenu u ddedikat biex iservi vetturi heavy-duty; u***

- (c) ikunu mgħammra b'għodod diġitali biex sal-31 ta' Diċembru 2030 **jiffaċilitaw**:
- (i) operazzjonijiet effiċjenti tat-terminal **li jistgħu jinkludu** photogates, sistema tat-tħaddim tat-terminal, sistema ta' reġistrazzjoni diġitali tad-dħul u l-ħruġ tas-sewwieq, kameras jew sensuri oħrajn fuq tagħmir tat-trażbord, kif ukoll sistemi ta' kameras fuq in-naħa tal-binarji; u
 - (ii) il-forniment ta' flussi ta' informazzjoni f'terminal u bejn il-modi ta' trasport tul il-katina loġistika u t-terminal kapaċi li jiskambjaw informazzjoni ma' sistemi miftuħa u interoperabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw b'mod ġust u mhux diskriminatorju li, sal-31 ta' Diċembru 2030, dawk it-terminals multimodali tal-merkanzija msemmija fil-paragrafu 1 ■ li huma konnessi man-network ferrovjarju u **li jwettqu trażbord vertikali, ikollhom biżżejjed kapaċità ta' trażbord u jkunu jistgħu jimmaniġġaw it-tipi ta' unitajiet tat-tagħbija intermodali li jistgħu jiġu merfugħin bi krejn li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli jew semitrejler.**

3. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex*** jiżguraw b'mod ġust u mhux diskriminatorju li t-terminali multimodali tal-merkanzija msemmija fil-paragrafu (1), li huma konnessi ***man-network ferrovjarju ewlieni jew man-network ferrovjarju ewlieni estiż***, ikunu jistgħu jakkomodaw ***ferroviji b'tul ta' 740 m mingħajr manipulazzjoni jew, jekk dan mhuwiex ekonomikament vijabbli, li jittieħdu miżuri adegwati biex tittejjeb l-effiċjenza operazzjonali biex jakkomodaw ferroviji b'tul ta' 740 m sal-31 ta' Diċembru 2040.***

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal terminals multimodali tal-merkanzija li huma konnessi biss ma' networks ferrovjarji iżolati.

4. Fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti msemmija f'***dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi jew limitazzjonijiet fiżiċi sinifikanti***, b'mod partikolari meta t-terminal ikun jinsab f'żona ristretta mil-lat ta' spazju, ***riżultat negattiv ta' analiżi soċjoekonomika tal-kostijiet u l-benefiċċji, jew impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-bijodiversità. Kwalunkwe talba bħal din għandha tiġi sostanzjata b'ġustifikazzjoni suffiċjenti. Stat Membru jista' jitlob l-għoti ta' diversi eżenzjonijiet f'talba waħda.***

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba fid-dawl tal-ġustifikazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru mhux aktar tard minn 30 jum kalendarju wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni pprovduta ma tkunx biżżejjed, tista' titlob lill-Istat Membru jissupplimenta dik l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 30 jum kalendarju minn meta tirċievi dik l-informazzjoni addizzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-eżenzjoni mitluba mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tirċievi t-talba skont l-ewwel subparagrafu jew, f'każ li tkun ġiet ipprovduta aktar informazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati skont it-tielet subparagrafu, mhux aktar tard minn erba' xhur wara l-aħħar wasla ta' tali informazzjoni, skont liema minnhom tkun l-aktar tard. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni espliċita mill-Kummissjoni f'dawn il-limiti ta' żmien, l-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra bl-eżenzjonijiet mogħtija skont dan l-Artikolu.

Artikolu 39

Prijoritajiet addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport multimodali

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati mal-infrastruttura tat-trasport multimodali u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) l-iffaċilitar tal-interkonnessjonijiet bejn modi differenti ta' trasport;
- (b) it-tneħħija tal-ostakli tekniċi u amministrattivi ewlenin għat-trasport multimodali, inkluż bl-implimentazzjoni tal-eFTI;
- (c) l-iżvilupp ta' fluss ta' informazzjoni bla xkiel li jippermetti s-servizzi tat-trasport fis-sistema trans-Ewropea tat-trasport kollha;
- (d) l-iffaċilitar tal-interoperabbiltà għall-kondiviżjoni tad-data, l-aċċess għad-data u l-użu mill-ġdid tad-data fi ħdan u bejn il-modi tat-trasport;
- (e) il-promozzjoni, fejn xieraq, tal-fatt li s-sidings ***u t-terminals multimodali tal-merkanzija*** fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport jippermettu l-immaniġġjar ta' ferroviji b'tul ta' 740 m mingħajr manipulazzjoni;
- (f) ***l-estensjoni u l-elettrifikazzjoni tas-sidings tat-tluq u tal-wasla, l-aġġustamenti għas-sistemi tas-sinjalar u t-titjib fil-konfigurazzjoni tal-binarji;***
- (g) ***il-promozzjoni, fejn ikun xieraq, tal-migrazzjoni tas-sidings lejn il-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji ta' 1 435 mm; u***
- (h) ***il-promozzjoni ta' infrastruttura tat-trasport multimodali li tiffaċilita bidla modali effettiva lejn modi ta' trasport sostenibbli.***

TAQSIMA 7

Nodi urbani

Artikolu 40

Komponenti tan-nodi urbani

1. Nodu urban għandu jinkludi, b'mod partikolari:
 - (a) l-infrastruttura tat-trasport fin-nodu urban li huwa parti min-network trans-Ewropew tat-trasport, inkluż il-bypasses ■ ; u
 - (b) punti ta' aċċess għan-network trans-Ewropew tat-trasport, **li huma miftuħa għall-operaturi u l-utenti kollha b'mod mhux diskriminatorju**, b'mod partikolari **l-portijiet, l-ajruporti kif ukoll l-istazzjonijiet ferrovjarji, it-terminals tal-karozzi tal-linja u t-terminals multimodali tal-merkanzija ■** .

2. Il-**bliet fiċ-ċentru ta' kull** nodu urban tan-network trans-Ewropew tat-trasport huma elenkati fl-Anness II. **Sabiex ikun parti min-network trans-Ewropew tat-trasport u biex jiġi elenkat fl-Anness II, nodu urban għandu jkollu popolazzjoni ta' 100 000 abitant jew aktar, jew, fejn ma jeżisti l-ebda nodu urban bħal dan f'reġjun NUTS 2, għandu jkun in-nodu ewlieni ta' dak ir-reġjun NUTS 2.**

Artikolu 41

Rekwiżiti tan-nodi urbani

1. Meta jiżviluppaw in-network trans-Ewropew tat-trasport f'nodi urbani, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tan-network kollu mingħajr konġestjonijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:
 - (a) **id**-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwils alternattivi, **f'***konformità mar*-Regolament (UE) **2023/1804**;
 - (b) sal-31 ta' Diċembru **2027**:
 - (i) **l**-adozzjoni **u l**-monitoraġġ ta' **pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) għal kull nodu urban li jinkludi fost oħrajn** miżuri għall-integrazzjoni tal-modi differenti ta' trasport **u l**-bidla **lejn mobbiltà sostenibbli**, għall-promozzjoni ta' mobbiltà effiċjenti b'emissjonijiet zero jew emissjonijiet baxxi **inkluż** il-loġistika urbana, biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u dak akustiku **u, fejn ikun xieraq, tiġi vvalutata l-aċċessibbiltà tal-utent għat-trasport; u**
 - (ii) **il**-għbir u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' **data** dwar il-mobbiltà urbana **għal kull nodu urban fl-oqsma tas-sostenibbiltà, is-sikurezza u l-aċċessibbiltà skont l-indikaturi u l-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2;**

- (c) sal-31 ta' Diċembru 2030, ***l-iżvilupp ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiffaċilitaw il-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil, inkluż il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-infrastruttura tat-trasport pubbliku u l-mobbiltà attiva, u*** li jkunu mgħammra b'mill-inqas stazzjon wieħed tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (52), tar-Regolament (UE) 2023/1804 iddedikat biex jaqdi ***l-karozzi tal-linja u l-kowċis; l-Istati Membri għandhom jeżaminaw ukoll l-iżvilupp f'tali ċentri ta' stazzjon tar-riforniment, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (59), ta' dak ir-Regolament, użat għall-idroġenu ddedikat biex jaqdi l-karozzi tal-linja u l-kowċis;***
u
- (d) sal-31 ta' Diċembru 2040, l-iżvilupp, ***soġġett għal analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji,*** ta' mill-inqas terminal multimodali tal-merkanzija wieħed, ***jekk tali terminal ma jeżistix diġà,*** li jippermetti kapacià suffiċjenti ta' trażbord fin-nodu urban jew fil-viċinanza tiegħu.

Terminal multimodali tal-merkanzija wieħed jista' jservi diversi nodi urbani u jkun jinsab fin-nodu urban innifsu jew fil-viċinanzi tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni skont dan.

2. *Meta jadottaw u jimmonitorjaw is-SUMPs, l-awtoritajiet lokali, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali fejn ikun rilevanti, għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw li s-SUMPs ikunu konformi mal-linji gwida fl-Anness V filwaqt li jqisu wkoll il-flussi tat-trasport trans-Ewropew fuq distanzi twal.*

Mhux aktar tard minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li:

- (a) jiddefinixxi, f'għadd limitat, l-indikaturi li għandhom jintużaw għall-ġbir tad-data previst fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu;*
- (b) jistabilixxi metodoloġija għall-ġbir u l-preżentazzjoni ta' data skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu; u*
- (c) jispeċifika skadenzi individwali għall-preżentazzjoni ta' tali data.*

Dawk l-iskadenzi għandhom ikunu stabbiliti minn 3 sa 5 snin.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jitħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom u meta jsir dan, għandhom jitqiesu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data fil-livell lokali, kif ukoll il-pjanijiet ta' mobbiltà urbana eżistenti.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3).

3. *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll, mhux aktar tard minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], interfaċċa tal-internet li tippermetti lill-awtoritajiet rilevanti jippreżentaw s-SUMPs u l-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), u li tippermetti lill-Istati Membri jiżguraw li s-SUMPs u l-indikaturi jkunu ġew ippreżentati.*
4. *Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(5), jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali tas-SUMP u għandhom jistabbilixxu programm nazzjonali tas-SUMP bl-għan li jappoġġaw in-nodi urbani biex jadottaw u jimplimentaw is-SUMPs imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), il-punt (i) ta' dan l-Artikolu.*

Artikolu 42

Prijoritajiet addizzjonali għan-nodi urbani

Fil-promozzjoni ta' proġetti ta' interess komuni relatati man-nodi urbani u minbarra l-prijoritajiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 12 u 13, għandha tingħata attenzjoni lil dawn li ġejjin:

- (a) ***konnessjonijiet tal-ewwel u l-aħħar mil bejn u għall-punti ta' aċċess għan-network trans-Ewropew tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 40(1), il-punt (b), sabiex tiżdied il-prestazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport, bħal metros jew linji tat-tramm;***
- (b) l-interkonnessjoni bla xkiel bejn l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-infrastruttura għat-trasport reġjonali u lokali sostenibbli, ***li jista' jinkludi:***
 - (i) ***għall-passiġġieri, il-kapaċità li jkollhom aċċess għal informazzjoni, jibbukkaw, iħallsu l-vjaġġi tagħhom u jiksbu l-biljetti tagħhom permezz ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali sabiex ikunu possibbli itinerarji ottimizzati għall-vetturi bil-ħsieb li titjeb il-ġestjoni tal-flussi tat-traffiku, is-sikurezza fit-toroq u t-tnaqqis tal-konġestjoni u tat-tniġġis tal-arja; u***
 - (ii) ***għall-merkanzija, faċilitajiet loġistiċi urbani biex tissaħħaħ il-konsolidazzjoni tal-konsenji f'żoni urbani, bħal ċentri mikro u ċentri loġistiċi għaċ-ċiklisti, b'mod partikolari dawk konnessi mal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u fuq l-ilma;***

- (c) *l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura tal-infrastruttura tat-trasport tal-passiġġieri bejn il-ferroviji, it-toroq, u, kif ikun xieraq, in-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni, bl-ajru u dik marittima, inkluż l-integrazzjoni tal-infrastruttura għal modi attivi, speċjalment meta tinbena jew tittnejeb l-infrastruttura tat-trasport;*
- (d) *l-interkonnessjoni sostenibbli, mingħajr xkiel u sikura tal-infrastruttura tat-trasport tal-merkanzija bejn il-ferroviji, it-toroq, u, kif ikun xieraq, in-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni, bl-ajru u dik marittima, kif ukoll il-konnessjonijiet xierqa mal-pjattaformi u l-faċilitajiet loġistiċi;*
- (e) il-mitigazzjoni tal-esponiment ta' żoni urbani għall-effetti negattivi tat-trasport ta' tranżitu bil-ferrovija u bit-triq ■ ;
- (f) il-promozzjoni ta' trasport u mobbiltà effiċjenti, b'livell baxx ta' storbju u mingħajr emissjonijiet, inkluż l-ekoloġizzazzjoni tal-flotot urbani *għall-passiġġieri u l-merkanzija*;
- (g) *fejn ikun xieraq, żieda fis-sehem modali tat-trasport pubbliku u ta' modi attivi permezz ta' miżuri li jorjentaw primarjament il-mobbiltà tal-passiġġieri favur dawn il-modi, inkluż infrastruttura sikura u sigura għal modi attivi;*

- (h) il-promozzjoni ta' kunsinna effiċjenti tal-merkanzija f'żoni urbani b'livell baxx ta' storbju u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;*
- (i) fejn ikun xieraq, żieda fl-aċċessibilità u l-konnettività bejn żoni urbani u rurali u aċċess għal trasport intelliġenti, sostenibbli u affordabbli; u*
- (j) l-adozzjoni ta' miżuri konkreti li jrawmu l-varar usa' ta' għodod tal-ICT u sistemi ta' trasport intelliġenti, b'aċċess miftuħ għall-operaturi kollha, biex jippermettu itinerarji ottimizzati għall-vetturi bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni tal-flussi tat-traffiku, jitnaqqsu l-konġestjoni u t-tniġġis tal-arja u tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, kif ukoll l-informazzjoni f'ħin reali dwar id-disponibilità ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.*

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET GĦAL TRASPORT INTELLIĠENTI U REŻILJENTI

Artikolu 43

Sistemi tal-ICT għat-trasport

1. Is-sistemi tal-ICT għat-trasport għandhom ikunu tali li jippermettu l-ġestjoni tal-kapaċitajiet u tat-traffiku u l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan u bejn il-modi ta' trasport, għal operazzjonijiet tat-trasport multimodali u servizzi b'valur miżjud relatati mat-trasport, it-titjib fir-reżiljenza, is-sikurezza, is-sigurtà, il-konġestjoni u l-prestazzjoni operazzjonali u ambjentali, u proċeduri amministrattivi ssimplifikati. Is-sistemi tal-ICT għat-trasport għandhom jiffaċilitaw ukoll il-konnessjoni bla xkiel bejn l-infrastruttura u l-assi mobbli.

2. Is-sistemi tal-ICT għat-trasport **li għejjin** għandhom jiġu varati **f'konformità ma' u fil-limiti tad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni**, madwar l-Unjoni, sabiex tiġi żgurata l-preżenza ta' sett ta' kapaċitajiet bażiċi interoperabbli fl-Istati Membri kollha:
- (a) għall-ferroviji: l-ERTMS, l-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija u tal-passiġġieri kif imsemmija fl-Ispesifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà ■, b'mod partikolari l-outputs mill-Impriża Konġunta Shift2Rail u mill-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea;
 - (b) għall-passaġġi fuq l-ilma interni: l-RIS;
 - (c) għat-trasport bit-triq: l-STI;
 - (d) għat-trasport marittimu: is-servizzi VTMS għall-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti u l-EMSWe għall-iskambju ta' informazzjoni;
 - (e) għat-trasport bl-ajru: is-sistemi ATM/ANS, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-proġett SESAR; u
 - (f) għat-trasport multimodali: l-eFTI ■ .

3. *L-Istati Membri jistgħu jippromwovu wkoll sistemi oħra tal-ICT għat-trasport, fejn ikun rilevanti, b'mod koordinat u armonizzat fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport. Dawn jistgħu jinkludu titjib fid-diġitalizzazzjoni għall-ferroviji, il-promozzjoni tal-Ispazju tad-Data dwar il-Mobbiltà tal-Unjoni u oqfsa li jiffaċilitaw l-iskambju tad-data bejn in-negozji, fejn stabbilit mill-Unjoni, għat-trasparenza u l-ottimizzazzjoni tal-katina tal-provvista u infrastruttura xierqa tal-ICT li tippermetti infurzar intelliġenti bbażat fuq l-iskambju ta' data f'ħin reali bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet tal-infurzar meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli, inkluż waqt li l-vetturi jkunu f'moviment.*

Artikolu 44

Servizzi ta' trasport tal-merkanzija sostenibbli

L-Istati Membri għandhom jippromwovu proġetti ta' interess komuni li jipprovdu servizzi effiċjenti ta' trasport tal-merkanzija li jużaw l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-*gassijiet serra* u ta' impatti *ambjentali u soċjoekonomiċi* negattivi oħrajn, *bħat-tniġġis tal-arju u t-tniġġis akustiku*, u li għandhom l-għan li:

- (a) itejbu l-użu sostenibbli tal-infrastruttura tat-trasport, inkluż il-ġestjoni effiċjenti tagħha;
- (b) jippromwovu l-varar ta' servizzi tat-trasport innovattivi, inkluż konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra *fil-qafas tal-Ispazju Marittimu Ewropew*, sistemi tal-ICT għat-trasport u l-iżvilupp tal-infrastruttura anċillari meħtieġa sabiex jintlaħqu prinċipalment l-għanijiet ambjentali u dawk relatati mas-sikurezza ta' dawk is-servizzi ■ ;

- (c) jiffaċilitaw l-operazzjonijiet tas-servizzi tat-trasport multimodali, inkluż il-flussi ta' informazzjoni ta' akkumpanjament meħtieġa, u jtejbu l-kooperazzjoni tal-parteciċipanti tal-katina loġistika, inkluż l-ispedituri, l-operaturi, il-fornituri tas-servizzi u l-klijenti tagħhom;
- (d) jistimolaw l-effiċjenza fir-riżorsi u l-operat b'emissjonijiet żero jew baxxi, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji, l-operazzjonijiet, it-trazzjoni tal-vetturi, is-sewqan/il-propulsjoni, l-ippjanar tas-sistemi u tal-operazzjonijiet; **jew**
- (e) itejbu l-konnessjonijiet mal-aktar partijiet vulnerabbli u iżolati tal-Unjoni, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, u reġjuni remoti, insulari, periferiċi u muntanjużi oħrajn, kif ukoll żoni skarsament popolati **li jippromwovu servizzi frekwenti u regolari**.

Artikolu 45

Teknoloġiji ġodda u innovazzjoni

Sabiex in-network trans-Ewropew tat-trasport jinżamm aġġornat mal-iżviluppi u l-varar teknoloġiċi innovattivi, l-**Istati Membri u l-Kummissjoni** għandhom, **b'mod koordinat, jippromwovu proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan** b'mod partikolari li:

- (a) jappoġġaw u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport permezz ta' tranżizzjoni lejn vetturi, **ferroviji**, bastimenti u **inġenji tal-ajru li jaħdmu bi fjuwils alternattivi** b'emissjonijiet żero u baxxi, u teknoloġiji innovattivi u sostenibbli oħrajn tat-trasport u tan-networks ■ ;

- (b) *jippromwovu teknoloġiji emerġenti sostenibbli biex itejbu u jiffaċilitaw it-trasport u l-mobbiltà tal-passiġġieri u tal-merkanzija;*
- (c) *itejbu d-dekarbonizzazzjoni tal-modi kollha tat-trasport billi jistimulaw l-effiċjenza enerġetika, jintroduċu soluzzjonijiet **b'emissjonijiet zero u baxxi mħaddma bi fjuwils alternattivi**, u jipprovdu infrastruttura korrispondenti, **fejn ikun possibbli permezz ta' sinerġiji man-network trans-Ewropew tal-enerġija;***
- (d) jappoġġaw l-adozzjoni u l-varar ta' teknoloġiji diġitali ġodda, b'mod partikolari jippromwovu **l-iskambju ta' data u** l-infrastruttura tal-konnettività b'kopertura mingħajr interruzzjoni tul in-**network** biex tkun żgurata l-ogħla livell u prestazzjoni tal-infrastruttura diġitali u jintlaħqu livelli ogħla ta' awtomatizzazzjoni, **b'enfasi speċjali fuq is-settur tal-ferroviji;**
- (e) jittejbu s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-moviment tal-persuni u tat-trasport tal-merkanzija;
- (f) jittejbu t-tħaddim, il-ġestjoni, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà, il-multimodalità u l-effiċjenza tan-network, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali ■ **bħall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-"Mobilità bħala Servizz";**

(g) jiġu promossi modi effiċjenti biex tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli u komprensibbli lill-utenti u l-fornituri kollha tas-servizzi tat-trasport rigward interkonnnessjonijiet, interoperabbiltà u multimodalità **u rigward l-impatti ambjentali tal-għażliet tat-trasport tagħhom**;

■

(h) jiġu promossi miżuri biex jitnaqqsu **esternalitajiet negattivi**, bħall-konġestjoni, il-ħsara għas-saħħa u t-tniġġis ta' kwalunkwe tip, inkluż l-istorbju u l-emissjonijiet;

(i) tiġi introdotta teknoloġija ta' sigurtà ■ ;

(j) tittejjeb ir-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport kontra t-tfixkil u t-tibdil fil-klima permezz ta' modernizzazzjoni tal-infrastruttura u t-tfassil tagħha, **kif ukoll** soluzzjonijiet diġitali u ċibernetiċi siguri mmirati lejn il-protezzjoni tan-network fil-kuntest tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem; u

(k) jitkompla l-progress fl-iżvilupp u l-varar ta' sistemi tal-ICT u ta' teknoloġiji ġodda għat-trasport fi ħdan u bejn il-modi ta' trasport.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-infrastruttura tat-trasport korrispondenti tista':

- (i) tinkludi aċċess għall-grilja, ***pipelines*** u faċilitajiet oħra meħtieġa għall-provvista tal-enerġija;
- (ii) tqis l-interfaċċa bejn l-infrastruttura u l-vettura, ***inkluż l-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali***;
- (iii) ***tinkludi*** sistemi tal-ICT għat-trasport;
- (iv) ***tagħixxi*** bħala ċentru tal-enerġija biex ***isservi*** modi differenti ta' trasport, ***sabiex il-produzzjoni lokali ta' enerġija nadifa tiġi konnessa ma' applikazzjonijiet ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero; u***
- (v) ***tikkontribwixxi wkoll għall-varar ta' teknoloġiji oħra li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija.***

█

Artikolu 46

Reżiljenza tal-infrastruttura

1. Meta ***jigū ppjanati u implimentati proġetti ta' interess komuni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi xierqa kollha biex itejbu*** s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura għat-tibdil fil-klima, għall-perikli naturali, ***għat-theddid ibridu***, għad-diżastri kkawżati mill-bniedem, ***għall-aċċidenti, u għall-interruzzjonijiet operazzjonali***, kif ukoll għat-tfixkil intenzjonat li jaffettwa l-funzjonament tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni.
B'mod partikolari, għandha tingħata konsiderazzjoni lil:
 - (a) l-interdipendenzi, ir-rabtiet u l-effetti ta' kaskata ma' networks oħrajn, bħan-network tat-telekomunikazzjoni u tal-elettriku;
 - (b) is-sikurezza, is-sigurtà u l-prestazzjoni fil-preżenza ta' perikli multipli;
 - (c) il-kwalità strutturali tal-infrastruttura matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha, b'attenzjoni partikolari għall-***kundizzjonijiet ambjentali u l-kundizzjonijiet klimatiċi futuri pproġettati***;
 - (d) il-protezzjoni ċivili jeħtieġ li tirreaġixxi għat-tfixkil, ***inkluż dak għat-trasport ta' oġġetti perikolużi***; u
 - (e) iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura, b'attenzjoni partikolari għall-infrastruttura transfruntiera.

2. Il-proġetti ta' interess komuni li għalihom trid titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE għandhom ikunu soġġetti għal verifika tar-reżistenza klimatika. Il-verifika tar-reżistenza klimatika għandha titwettaq **filwaqt li titqies** l-aħjar prattika u gwida l-aktar reċenti disponibbli biex jiġi żgurat li l-infrastrutturi tat-trasport ikunu reżiljenti għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u valutazzjoni tar-riskji, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti, u permezz tal-integrazzjoni tal-kostijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji. **Mingħajr preġudizzju għal atti legali oħra tal-Unjoni**, tali rekwiżit ma japplikax għal proġetti li għalihom **il-proċess ta' akkwist tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jkun inbeda** qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. **Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, għandha twettaq valutazzjoni tar-reżiljenza u l-vulnerabbiltà tan-network ewlieni għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima li abbażi tagħha tista' telabora u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-aħjar prattiki dwar miżuri ta' adattament possibbli biex tiġi żgurata r-reżiljenza tan-network.**

Artikolu 47

Riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu kull sforz possibbli biex jiżguraw li l-infrastruttura n-network trans-Ewropew tat-trasport tkun protetta kontra r-riskji għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, billi jivvalutaw ir-riskji potenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjonijiet ta' kwalunkwe impriża ta' pajjiż terz fi proġett ta' interess komuni.***
2. ***Fid-determinazzjoni ta' jekk il-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni ta' impriża ta' pajjiż terz fi proġett ta' interess komuni hijiex probabbli li taffettwa l-infrastruttura għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-effetti potenzjali tagħha fuq, fost oħrajn:***
 - (a) ***il-provvista ta' kontributi essenzjali għall-bini, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-infrastruttura; u***
 - (b) ***l-aċċess għal informazzjoni sensitiva, inkluża data personali, jew il-kapaċità li tiġi kkontrollata tali informazzjoni flimkien mal-bini, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-infrastruttura.***

█

L-Istati Membri jistgħu jqisu wkoll, b'mod partikolari, il-fatturi elenkati fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2019/452.

3. *Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2019/452, għar-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru għas-sigurtà nazzjonali tiegħu, kif prevista fl-Artikolu 4(2) TUE, u għad-dritt ta' kull Stat Membru li jipproteġi l-interessi essenzjali tiegħu fil-qasam tas-sigurtà skont l-Artikolu 346 TFUE, kull meta Stat Membru jqis li l-parteċipazzjoni jew il-kontribuzzjoni ta' impriża ta' pajjiż terz fi proġett ta' interess komuni x'aktarx taffettwa l-infrastruttura fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura xierqa adottata biex ittaffi dak ir-riskju.*
4. *Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-parteċipazzjoni █ jew il-kontribuzzjoni fi proġett ta' interess komuni ta' persuna fiżika, inkluż persuna fiżika li twettaq, f'impriża ta' pajjiż terz, għal ċertu perjodu ta' żmien, servizzi għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra li għalihom dik il-persuna fiżika tirċievi remunerazzjoni.*

█

Artikolu 48

Mobbiltà militari

- 1. Meta jibnu jew jimmodernizzaw l-infrastruttura fuq dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li jikkoinċidu man-network tat-trasport militari identifikat fir-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha" approvati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023 u fit-23 ta' Ottubru 2023 u fi kwalunkwe dokument sussegwenti li jirrevedi dawk ir-rekwiżiti approvati minn hemm' il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa, ir-rilevanza u l-fattibbiltà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, għall-fini li jiġu akkomodati l-piż, id-daqs jew l-iskala tat-trasport militari ta' truppi u ta' materjal.*
- 2. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u filwaqt li jiġqiesu r-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq studju biex tidentifika l-possibbiltajiet għal movimenti fuq skala kbira b'avviż qasir madwar l-Unjoni, inkluż il-mobbiltà militari. Matul dak l-istudju, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri.*

Artikolu 49

Manutenzjoni u ċiklu tal-ħajja ta' proġett

Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri rigward l-ippjanar, il-finanzjament u l-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-infrastruttura, u għall-prinċipju baġitarju tal-annwalità, fejn ikun applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw ■ :

- (a) li l-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport tinżamm b'mod li tipprovdi, ***matul il-ħajja tagħha, livell għoli ta' servizz u sikurezza adattati għall-fluss tat-traffiku, u li ħtiġijiet ta' manutenzjoni preventiva, it-titjib tar-reżiljenza tagħha u l-kostijiet stmati tul il-ħajja tal-infrastruttura jitqiesu fil-fażi tal-ippjanar tal-kostruzzjoni jew tal-modernizzazzjoni;***
- (b) ***l-ippjanar tal-manutenzjoni fit-tul għat-toroq u, fejn ikun rilevanti, għall-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni*** ■ ; u
- (c) ***il-konsistenza bejn il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni u tiġdid fil-każ tal-infrastruttura ferrovjarja*** relatata mal-iżvilupp tan-network trans-Ewropew għat-trasport u ■ l-istrateġija indikattiva għall-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2012/34/UE ■ u l-ftehim kuntrattwali ■ msemmi fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2012/34/UE.

Artikolu 50

Aċċessibbiltà għall-utenti kollha

L-infrastruttura **trans-Ewropea** tat-trasport għandha tippermetti mobbiltà u aċċessibbiltà bla xkiel għall-utenti kollha, b'mod partikolari:

- (a) persuni f'sitwazzjonijiet ta' **faqar tat-trasport jew** vulnerabbiltà inkluż persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa; **u**
- (b) **persuni** li jgħixu f'regġuni ultraperiferiċi u regġuni oħra remoti, rurali, insulari, periferiċi u muntanjużi, kif ukoll f'żoni skarsament popolati.

KAPITOLU V

IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI TAL-KURITURI EWROPEJ TAT-TRASPORT U L-PRIJORITAJIET ORIZZONTALI

Artikolu 51

L-istrument tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali

1. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport huma strument li jiffaċilita l-implimentazzjoni kkoordinata tal-partijiet ***tan-network ewlieni u tan-network ewlieni estiż*** tan-network trans-Ewropew tat-trasport u huma maħsuba, b'mod partikolari, biex itejbu l-konnessjonijiet transfruntieri, ***ilestu l-konnessjonijiet neqsin*** u jneħħu l-konġestjonijiet fl-Unjoni ***u, fejn ikun xieraq, biex itejbu l-konnessjonijiet man-network trans-Ewropew tat-trasport ta' pajjiżi ġirien.***

2. Sabiex iwasslu għal trasport multimodali effiċjenti fir-riżorsi u jikkontribwixxu għall-koeżjoni permezz ta' kooperazzjoni territorjali mtejba, il-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom ikunu ffukati fuq:
- (a) l-integrazzjoni modali bil-ħsieb partikolari tat-tiżni tal-aktar modi ta' trasport li jirrispettaw l-ambjent, notevolment il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra;
 - (b) l-interoperabbiltà **u l-kontinwità tan-network**;
 - (c) żvilupp ikkoordinat tal-infrastruttura **għall-modi kollha tat-trasport**, speċjalment f'sezzjonijiet transfruntieri, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żviluppata sistema ferrovjarja tal-merkanzija interoperabbli kif ukoll network ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal u effiċjenti, inkluż b'veloċità għolja, madwar l-Unjoni, **kif ukoll bil-ħsieb li tiġi żgurata integrazzjoni effiċjenti u sostenibbli tal-infrastruttura tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-infrastruttura marittima ma' modi oħra ta' trasport**;
 - (d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-varar ikkoordinati u integrati ta' soluzzjonijiet innovattivi għad-diġitalizzazzjoni **u l-interoperabbiltà tat-trasport**; u
 - (e) **il-promozzjoni tal-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**.

3. Il-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jippermettu lill-Istati Membri jiksbu approċċ ikkoordinat u sinkronizzat fir-rigward tal-investiment fl-infrastruttura.
4. L-**ERTMS** u l-Ispazju Marittimu Ewropew huma **ż-żewġ** prijoritajiet orizzontali għall-implimentazzjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport. ***L-istrumenti stabbiliti skont dan il-Kapitolu għandhom jiffaċilitaw*** il-varar f'waqtu tal-ERTMS u l-integrazzjoni ***tal-infrastruttura u s-servizzi tat-trasport*** marittimu fin-network trans-Ewropew tat-trasport.

Artikolu 52

Koordinazzjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni kkoordinata tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport, tal-ERTMS u tal-Ispazju Marittimu Ewropew, il-Kummissjoni, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, u wara li tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill ***u, fejn ikun xieraq, il-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport***, għandha taħtar Koordinatur Ewropew wieħed għal kull Kuritur u għal kull prijorità orizzontali.

2. Il-Koordinatur Ewropew għandu jintgħażel, b'mod partikolari, abbażi tal-għarfien tiegħu tal-kwistjonijiet relatati mat-trasport, mal-finanzjament jew mal-evalwazzjoni soċjoekonomika u ambjentali ta' proġetti kbar, kif ukoll abbażi tal-esperjenza tiegħu bit-fassil tal-politika tal-Unjoni. Il-Koordinatur Ewropew għandu jintgħażel għal mandat ta' massimu ta' erba' snin, li jkun jista' jiġġedded. Il-mandat tal-Koordinatur Ewropew għandu jkun relatat mal-implimentazzjoni ta' kuritur wieħed jew ta' prijorità orizzontali waħda.
3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħtar il-Koordinatur Ewropew għandha tispeċifika kif għandhom jitwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7.
4. Il-Koordinatur Ewropew għandu jaġixxi f'isem il-Kummissjoni u għan-nom tagħha, u din għandha tipprovdi l-assistenza segretarjali meħtieġa.
5. Il-Koordinaturi Ewropej għandhom:
 - (a) jappoġġaw l-implimentazzjoni ikkoordinata tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport jew tal-prijorità orizzontali kkonċernata;
 - (b) ifasslu pjan ta' ħidma flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u, ***fejn ikun rilevanti, f'konsultazzjoni mal-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport***, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 54;

- (c) jikkonsultaw mal-Forum tal-Kuritur jew mal-forum konsultattiv għall-prijoritajiet orizzontali, rispettivament, b'rabta ma' dak il-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu u jinformaw regolarment lill-Forum dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma;
- (d) jirrapportaw lill-Istati Membri, lill-**pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport lill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni** u, kif ikun xieraq, lill-**entitajiet l-oħrajn kollha involuti direttament fl-iżvilupp tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport** jew ta' prijorità orizzontali dwar kwalunkwe diffikultà li jiltaqgħu magħha u, b'mod partikolari, meta l-iżvilupp ta' kuritur jew prijorità orizzontali jkun qed jiġi mfixxkel, bil-ħsieb li jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa; u
- (e) **jippreżentaw** rapport annwali dwar l-istatus **lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati** dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali; **dak ir-rapport annwali** dwar l-istatus għandu jiffoka fuq il-progress li sar fuq il-prijoritajiet u l-investimenti ewlenin, jiddeskrivi n-natura tal-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tagħhom, **u jissuġġerixxi** soluzzjonijiet potenzjali.

6. ***Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija skont ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 u għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni u l-finanzjament tal-infrastruttura, il-Koordinaturi Ewropej tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u mal-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija sabiex:***
- (a) ***■ jgħinu fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta' investiment għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fuq il-linji ferrovjarji tal-merkanzija tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport filwaqt li jqisu l-benefiċċji pprovduti lin-network trans-Ewropew tat-trasport u d-dati tat-tlestija kompluta kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, u***
 - (b) ***jimmonitorjaw ■ il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, u jidentifikaw ostakli potenzjali, bħal dawk tekniċi, amministrattivi u operazzjonali, b'enfasi partikolari fuq id-dimensjoni transfruntiera, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward, fejn ikun rilevanti.***
7. Il-Koordinaturi Ewropej tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom:
- (a) ***jikkooperaw mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta' investiment għal-linji ferrovjarji tal-passiġġieri tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport; u***

(b) jimmonitorjaw *il-prestazzjoni tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, u tidentifika ostakli potenzjali, bħal dawk tekniċi, amministrattivi u operazzjonali, b'enfasi partikolari fuq id-dimensjoni transfruntiera, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward, fejn ikun rilevanti.*

8. *Il-Koordinaturi Ewropej tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati sabiex jiffaċilitaw, fejn ikun rilevanti, il-kuntatti u l-koordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni bil-ksieb li jiżdiedu s-sinerġiji tagħhom.*

9. Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2021/1153, il-Kummissjoni għandha *tikkonsulta* lill-Koordinatur Ewropew meta teżamina l-applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-Unjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew għall-prijoritajiet orizzontali li jaqgħu taħt il-mandat tal-Koordinatur Ewropew, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-avvanz ta' kull kuritur jew prijorità orizzontali, *filwaqt li titqies il-konnettività tan-network*. Il-Koordinatur Ewropew għandu jivverifika jekk il-proġetti proposti mill-Istati Membri, *jew mill-pajjiżi ġirien, fejn ikun applikabbli*, għall-kofinanzjament tal-FNE humiex konsistenti mal-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 5, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu.

10. Jekk il-Koordinatur Ewropew ma jkunx jista' jwettaq il-mandat tiegħu jew tagħha b'mod sodisfaċenti u f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin, **wara li tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati**, ittemm dak il-mandat. **Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha** u taħtar Koordinatur Ewropew ġdid f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1.

Artikolu 53

Governanza tal-Kuritur Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali

1. Għal kull Kuritur Ewropew tat-Trasport u prijorità orizzontali, il-Koordinatur Ewropew rispettiv għandu jkun assistit fit-twettiq tal-kompiti tiegħu dwar il-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu minn segretarjat u minn forum konsultattiv, il-"Forum tal-Kuritur" u l-"Forum konsultattiv għall-prijorità orizzontali", rispettivament.
2. Il-"Forum tal-Kuritur" għandu jiġi stabbilit formalment u jkun ippresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu dwar is-sħubija tal-Forum tal-Kuritur għall-parti tagħhom tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport, jiżguraw li l-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija **tkun rappreżentata, u jiffaċilitaw ir-rappreżentanza ta' manijers tal-infrastruttura rilevanti oħra, bħall-awtoritajiet u l-governanza tal-portijiet marittimi u interni.**

3. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport dwar is-sħubija fil-Forum tal-Kuritur għall-partijiet tagħhom tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport.***
4. Bil-qbil tal-Istati Membri kkonċernati, il-Koordinatur Ewropew jista' jistabbilixxi u jippresiedi gruppi ta' ħidma dwar il-kurituri li jiffokaw fuq:
- (a) l-interoperabbiltà u l-varar ta' **■** teknoloġiji u infrastruttura ġodda;
 - (b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kkoordinati ta' proġetti infrastrutturali f'sezzjonijiet transfruntieri;
 - (c) is-servizzi ferrovjarji transfruntieri tal-passiġġieri;
 - (d) il-konġestjonijiet operattivi;
 - (e) in-nodi urbani;
 - (f) il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi; u
 - (g) ***suġġetti*** oħra ***meqjusa*** meħtieġa.

Meta jkun rilevanti, il-Koordinatur Ewropew għandu jikkoopera u jikkoordina mal-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija dwar l-attivitajiet tal-gruppi ta' ħidma biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol.

5. Il-Forum konsultattiv għall-prijorità orizzontali għandu jiġi stabbilit u ppresedut mill-Koordinatur Ewropew. L-Istati Membri kkonċernati u, fejn ikun xieraq ***u bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati***, ir-rappreżentanti tal-***pajjiżi ġirien ikkonċernati u tas-setturi rilevanti*** għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-Forum konsultattiv għall-prijorità orizzontali. ***Kull Stat*** Membru għandu jaħtar rappreżentant ***nazzjonali responsabbli wieħed involut fil-koordinazzjoni tal-varar tal-ERTMS f'dak l-Istat Membru*** biex jattendi l-Forum konsultattiv għall-ERTMS. Il-Koordinatur Ewropew jista' wkoll jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ad hoc.
6. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-Koordinatur Ewropew, jipparteċipaw fil-Forum tal-Kuritur u fil-Forum konsultattiv għall-prijorità orizzontali u jagħtu lill-Koordinatur Ewropew l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti stipulati f'dan l-Artikolu, inkluż informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' kurituri fil-***pannijiet u l-programmi nazzjonali rilevanti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport.***

7. Il-Koordinatur Ewropew jista' jikkonsulta mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-manigġers tal-infrastruttura, mal-operaturi tat-trasport, u b'mod partikolari dawk li huma membri tal-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, mal-industrija tal-provvista, mal-utenti tat-trasport u mal-*partijiet ikkonċernati rilevanti* b'rabta mal-pjan ta' ħidma u l-implimentazzjoni tiegħu. *Bl-istess mod, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2021/1187, l-awtoritajiet maħtura, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, jistgħu jiġu kkonsultati wkoll.* Barra minn hekk, il-Koordinatur Ewropew responsabbli għall-ERTMS għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ u mal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea, u l-Koordinatur Ewropew għall-Ispazju Marittimu Ewropew għandu jikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹.

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

⁶¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenziji Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Artikolu 54

Pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew

1. Kull Koordinatur Ewropew tal-Kuritur Ewropej tat-Trasport u taż-żewġ prijoritajiet orizzontali għandu jfassal, mhux aktar tard minn ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull erba' snin wara, pjan ta' ħidma li jipprovdi analiżi dettaljata tal-istat tal-implimentazzjoni tal-kuritur jew tal-prijorità orizzontali taħt il-kompetenza tiegħu u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif ukoll il-prijoritajiet għall-iżvilupp futur tiegħu.
2. Il-pjan ta' ħidma għandu jitħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, **u fejn ikun rilevanti l-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kuritur Ewropew tat-Trasport**, u b'konsultazzjoni **mal-Forum tal-Kuritur u l-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija**, jew ma' Forum konsultattiv tal-prijorità orizzontali. Il-pjan ta' ħidma ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport għandu jiġi approvat mill-Istati Membri kkonċernati. **Il-pajjiżi ġirien li huma parti minn Kuritur Ewropew għandhom jiġu kkonsultati**. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' ħidma għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Meta jkun qed ifassal il-pjan ta' ħidma, il-Koordinatur Ewropew għandu jqis il-pjan ta' implimentazzjoni imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010.

3. Il-pjan ta' ħidma għall-Kuritur Ewropew tat-Trasport għandu jipprovdi analiżi dettaljata tal-istat tal-implimentazzjoni tal-kuritur ikkonċernat, li tinkludi b'mod partikolari:
- (a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-kuritur, ***b'mod partikolari s-sezzjonijiet transfruntieri***;
 - (b) analiżi tal-istat ta' konformità tal-kuritur mar-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport ta' dan ir-Regolament u l-progress relatat tiegħu miksub, ***inkluż dewmien potenzjali***;
 - (c) identifikazzjoni tal-konnessjonijiet neqsin u l-konġestjonijiet li jfixklu l-iżvilupp tal-kuritur, ***b'attenzjoni partikolari għas-sezzjonijiet transfruntieri***;
 - (d) analiżi tal-investimenti meħtieġa, inkluż is-sorsi differenti ta' finanzjament u fondi impenjati u/jew previsti għall-implimentazzjoni tal-proġetti meħtieġa għall-iżvilupp u t-tlestija tal-kuritur, ***b'mod partikolari s-sezzjonijiet transfruntieri***;

- (e) deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment u l-konġestjonijiet, b'mod partikolari għal-linji **u l-konnessjonijiet** tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-kuritur, ***bil-għan li jintlaħqu l-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament***;
- (f) pjan, ***li jista' jkun fih stadji*** intermedji ***indikattivi***, għat-tneħħija tal-ostakli fiżiċi, tekniċi, diġitali, operazzjonali u amministrattivi bejn u fi ħdan il-modi ta' trasport u għat-titjib tat-trasport multimodali effiċjenti **u aċċessibbli** b'attenzjoni partikolari għall-***ferrovija u*** għas-sezzjonijiet transfruntieri u għall-konnessjonijiet nazzjonali neqsin ***tagħha***.

Għall-analiżi tal-investimenti u t-tnejja tal-pjan ■ , il-Koordinatur Ewropew għandu:

- (i) ***iqis il-pjanijiet u l-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 60(1) ta' dan ir-Regolament***;
- (ii) jikkoopera mal-bord eżekuttiv u mal-bord ta' tmexxija tal-kuritur ***f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 għall-aspetti relatati mat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija***;

- (iii) iqis l-elementi tal-analiżi rilevanti għall-kuritur, il-pjanijiet ta' azzjoni elaborati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 36(4) ta' dan ir-Regolament u l-lista msemija fl-Artikolu **18**, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 ***għall-aspetti relatati mat-terminals multimodali tal-merkanzija***;
- (iv) iqis ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 52(7), il-punt (b), għall-aspett relatat mas-servizzi tal-passiġġieri; u
- (v) ***iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u x-xogħlijiet tal-awtoritajiet maħtura kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2021/1187***;
- (g) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija mwettaq mill-governanza tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 u l-lista tal-oġġettivi, il-miri u l-miżuri tal-kuritur definiti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010, bħala mezz biex jintlaħqu l-prijoritajiet operazzjonali tal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament;

- (h) identifikazzjoni ta' miżuri fin-nodi urbani, ***f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, l-awtoritajiet lokali*** rilevanti ***u l-punti ta' kuntatt nazzjonali tas-SUMP***, li ***jistgħu jikkontribwixxu*** għall-funzjonament effettiv tat-***trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fuq*** il-kuritur u l-kisba tal-obiettivi tan-network trans-Ewropew tat-transport, ***filwaqt li jkunu konsistenti mas-SUMPs rilevanti***;
- (i) identifikazzjoni, ***f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati***, tal-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kuritur;
- (j) analiżi tal-impatti possibbli tat-tibdil fil-klima fuq l-infrastruttura u, fejn xieraq, miżuri proposti għat-tiġid tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima; u
- (k) il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jittaffew l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-istorbju u, fejn ikun xieraq, ***esternalitajiet*** negattivi oħrajn.

4. Il-Koordinatur Ewropew għandu **joffri** appoġġ **lill**-Istati Membri **u**, **fejn ikun xieraq u rilevanti, lill-pajjiżi ġirien** fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, b'mod partikolari fir-rigward ta':
- (a) l-iffissar tal-prijoritajiet fl-ippjanar nazzjonali, **billi jgħin fl-identifikazzjoni** ta' problemi u konġestjonijiet fl-implimentazzjoni, inkluż kwistjonijiet operazzjonali, fuq kull kuritur jew għal kull prijorità orizzontali;
 - (b) l-ippjanar tal-proġett u tal-investment, il-kostijiet relatati u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni stmati biex jiġu implimentati l-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew il-prijorità orizzontali; **u**
 - (c) **il-ħidma fil-korp superviżorju jew korp ta' tmexxija simili** ta' entità waħda, **fejn ikun rilevanti, għall-koordinazzjoni**, il-kostruzzjoni **jew** il-ġestjoni ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntiera, **f'konformità mal-Artikolu 8(6)**.

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(5) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, soġġett għall-approvazzjoni mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 172, it-tieni paragrafu, TFUE, tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni ta' kull Kuritur Ewropew tat-Trasport li jkopru s-sezzjonijiet transfruntieri ewlenin tiegħu, kif ukoll għadd limitat ta' proġetti speċifiċi oħra fuq sezzjonijiet nazzjonali li huma kruċjali għall-funzjonament tal-Kuritur sabiex jiġu implimentati l-konnessjonijiet neqsin jew jitneħħew il-konġestjonijiet ewlenin. L-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu inklużi fl-atti ta' implimentazzjoni għandha tibni fuq l-analiżi kif maqbul mal-Istati Membri fl-ewwel pjan ta' ħidma tal-Koordinaturi Ewropej imfassal f'konformità mal-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament. L-għan tal-atti ta' implimentazzjoni għandu jkun li jiżguraw l-istabbiliment koerenti tal-prijoritajiet għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investiment billi jistabbilixxu stadji importanti indikattivi u l-iskeda ta' żmien mistennija għall-implimentazzjoni tal-proġetti identifikati. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jifasslu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u jiġu aġġornati kull erba' snin jew fuq talba ta' dawk l-Istati Membri.***

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3).

2. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(5) ta' dan ir-Regolament, u soġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 172, it-tieni paragrafu, TFUE, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni ta' [] sezzjonijiet transfruntieri [] jew għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet orizzontali. [] L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jitfasslu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati u jiġu aġġornati kull erba' snin jew fuq talba ta' dawk l-Istati Membri.***

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 biex jitqies il-progress li jkun sar, id-dewmien iffaċċjat jew il-programmi nazzjonali aġġornati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami [] msemmija fl-Artikolu 61(3).
4. Sakemm jiġu implimentati bis-sħiħ l-***atti*** ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu ***u sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawk l-atti ta' implimentazzjoni***, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni ***kull sentejn*** permezz ta' rapport dwar il-progress miksub, li jindika b'mod partikolari l-impenji finanzjarji magħmula fil-pjan baġitarju nazzjonali. ***Ir-rapport jista' jirreferi għall-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 57.***

Artikolu 56

Kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien involuti fil-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali

- 1. Il-Koordinatur Ewropew ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport jew ta' prijorità orizzontali li testendi għal pajjiżi ġirien speċifiċi għandu jkun intitolat li jikkoopera ma' dawn il-pajjiżi u jinvolvihom fl-attivitajiet rilevanti tal-kurituri, bħall-Forum tal-Kuritur jew gruppi ta' ħidma kif stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 53(2) u (4) jew fil-forum konsultattiv tal-prijorità orizzontali, fejn ikun applikabbli.*
- 2. Il-Koordinatur Ewropew jista' jikkoopera wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, meta jwettaq attivitajiet relatati mal-Kurituri Ewropej tat-Trasport jew mal-prijorità orizzontali li jestendu għall-pajjiżi ġirien li huma membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali.*
- 3. L-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ta' livell għoli mal-pajjiżi ġirien ikkonċernati sabiex tikseb approċċ koordinat u sinkronizzat fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali.*

KAPITOLU VI
DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 57

Rapportar u monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fuq bażi regolari, komprensiva u trasparenti dwar il-progress li jkun sar fit-***tlestija tan-network trans-Ewropew tat-trasport permezz tal-implimentazzjoni*** ta' proġetti ta' interess komuni u dwar l-investimenti li jkunu saru għal dak il-fini.
2. Din l-informazzjoni għandha tinkludi data **■** teknika ***annwali relatata mar-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport stipulati fil-Kapitolu III sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà nġabret fil-livell tan-network trans-Ewropew tat-trasport għall-finijiet ta' applikazzjonijiet jew bażijiet ta' data oħra tal-Unjoni.***
3. ***Din it-trażmissjoni għandha tiġi żgurata b'mod awtomatizzat permezz tas-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TENtec). Sakemm il-funzjonalità tal-iskambju awtomatizzat tad-data fit-TENtec tkun kompletament operattiva, din it-trażmissjoni għandha tiġi żgurata kull sentejn.***

4. ***Fir-rigward ta' investimenti relatati ma' proġetti ta' interess komuni, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu data finanzjarja kull sentejn fil-forma ta' data aggregata annwali għal kull mod ta' trasport u għal kull network (in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv).***
5. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw il-lista ta' data teknika li għandha tiġi trażmessa skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 61(3).***
6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li t-TENtec tkun aċċessibbli għall-pubbliku u faċilment, li tippermetti skambju awtomatizzat tad-data mas-sistemi nazzjonali u applikazzjonijiet u sorsi tad-data rilevanti oħra tal-Unjoni. It-TENtec għandu jkun fiha informazzjoni speċifika għall-proġett u aġġornata dwar il-forom u l-ammonti ta' kofinanzjament tal-Unjoni, kif ukoll dwar il-progress f'kull proġett.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li t-TENtec ma tagħmilx disponibbli għall-pubbliku kwalunkwe informazzjoni li tkun **█** kunfidenzjali jew li tista' tippreġudika jew tinfluwenza indebitament kwalunkwe proċess ta' akkwist pubbliku fi Stat Membru.

7. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli biex jiżguraw il-kwalità, il-kompletezza u l-konsistenza tad-data fis-sistema ta' informazzjoni tat-TENtec. Huma għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jippermettu skambju awtomatizzat ta' data bejn is-sistemi nazzjonali u s-sorsi tad-data u t-TENtec.***

Artikolu 58

Aġġornament tan-network

1. Soġġett **għall-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-** Artikolu 172, **it-tieni paragrafu**, TFUE, il-Kummissjoni **hi mogħtija** s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Annessi I u II tiegħu, **sabiex**:
 - (a) **jitqiesu l-bidliet li jirriżultaw mil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Artikoli 21(3), il-punt (a), l-Artikolu 25(4), il-punti (a) u (b) u l-Artikolu 33(2) u mil-limiti kwantitattivi u r-reqwiżiti kwalitattivi stabbiliti fl-Artikolu 25(4), il-punt (c); f'dak ir-rigward**, il-Kummissjoni għandha:
 - (i) tinkludi l-portijiet interni, il-portijiet marittimi u l-ajruporti fin-network komprensiv, jekk jintwera li l-aktar medja reċenti meħuda fuq tliet snin tal-volum tat-traffiku tagħhom taqbeż il-livell limitu rilevanti; u
 - (ii) teskludi l-portijiet marittimi u l-ajruporti min-network komprensiv, jekk jintwera li l-medja tal-volum tat-traffiku tagħhom matul l-aħħar sitt snin tkun inqas minn 85 % tal-livell limitu rilevanti **ħlief għall-portijiet marittimi inklużi fin-network komprensiv li għalihom ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(4), il-punt (d) jew (e), jew fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat**;

- (b) tinkludi portijiet interni, portijiet marittimi u ajruporti fin-network komprensiv jew ewlieni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fejn din l-infrastruttura tkun kisbet aktar valur miżjud Ewropew minħabba l-importanza ġeostrateġika tagħha għall-Unjoni u fejn jintwera li r-rekwiżiti tat-taqsimha rilevanti fil-Kapitolu III ikunu ssodisfati jew, inkella, fejn ikun ġustifikat b'mod raġonevoli li l-iskadenzi rilevanti għall-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ser jintlaħqu;**
- (c) tinkludi nodi urbani fin-network trans-Ewropew tat-trasport, jekk jintwera li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 40(2);**
- (d) teskludi nodi urbani min-network trans-Ewropew tat-trasport jekk jintwera li ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 40(2), fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat;**
- (e) teskludi nodi urbani li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 40(2) min-network trans-Ewropew tat-trasport fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, bil-qbil tal-awtoritajiet rilevanti tan-nodu urban ikkonċernat;**

- (f) tinkludi *fin-network trans-Ewropew tat-trasport* it-terminals *stradali-ferrovjarji u t-terminals tul il-passaġġi fuq l-ilma interni* identifikati mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 36(5), *teskludi t-terminals stradali-ferrovjarji min-network trans-Ewropew tat-trasport fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat jew teskludi t-terminals multimodali tal-merkanzija msemmija fl-Artikolu 36(1), il-punti (a), (b) u (c) fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati*; jew
- (g) taġġusta, *abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 57(1)*, il-mapep għall-infrastruttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'mod strettament limitat sabiex jirriflettu l-progress *magħmul* fit-tlestija tan-network; meta tkun qed taġġusta daww il-mapep, il-Kummissjoni ma għandha tagħmel ebda aġġustament fl-allinjament tar-rotot lil hinn minn dak li huwa permess mid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-proġett rilevanti.

L-adattamenti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq l-aħħar statistika disponibbli ppubblikata mill-Eurostat jew, jekk dik l-istatistika ma tkunx disponibbli, mill-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, *filwaqt li jkunu esklużi s-snin milquta minn avvenimenti mhux previsti li kkawżaw tnaqqis sinifikanti fil-flussi tat-traffiku.*

Meta jiġu esklużi nodi urbani min-network trans-Ewropew tat-trasport, kif imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, fuq talba tal-Istat Membru, it-talba għandha tkun akkumpanjata mill-opinjoni tal-awtoritajiet rilevanti tan-nodu urban ikkonċernat.

L-aġġustament imsemmi fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu jista' jinkludi l-adattament tal-istatus ta' kostruzzjonijiet ġodda li huma mmarkati bħala linji bit-tikek fuq il-mapep tal-Annessi, inkluż, soġġett għall-kunsens tal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien, il-konnessjonijiet transfruntieri tagħhom. L-aġġustament jista' jinkludi wkoll il-modernizzazzjoni tas-sezzjonijiet transfruntieri, soġġett għall-kunsens taż-żewġ Stati Membri involuti.

2. *Att delegat li jinkludi nodu urban fl-Anness II, skont il-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, għandu:*

(a) *jestendi l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 41(1), il-punti (b) u (c), bi 3 snin, sal-31 ta' Diċembru 2030 u l-31 ta' Diċembru 2033 rispettivament; u, għal dawk in-nodi urbani inklużi fl-Anness II wara li jkun skadew l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 41(1), il-punt (b) jew (c), jestendi dawk l-iskadenzi bi 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat; u*

(b) jestendi l-iskadenza applikabbli biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti skont l-Artikolu 41(1), il-punt (d), b'5 snin, sal-31 ta' Diċembru 2045; u, għal dawk in-nodi urbani inklużi fl-Anness II wara li tkun skadjet l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 41(1), il-punt (d), jestendi dik l-iskadenza b'5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

3. Att delegat li jinkludi terminal stradali-ferrovjarju fl-Annessi I u II, skont il-paragrafu 1, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu għandu:

(a) jestendi l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 38(1), il-punt (c), u fl-Artikolu 38(2) bi 3 snin, sal-31 ta' Diċembru 2033; u, għal dawk it-terminals stradali-ferrovjarji inklużi fl-Annessi I u II wara li jkunu skadew l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 38(1), il-punt (c), u fl-Artikolu 38(2), jestendi dawk l-iskadenzi bi 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat; u

(b) jestendi l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 38(3) b'5 snin, sal-31 ta' Diċembru 2045; u, għal dawk it-terminals stradali-ferrovjarji inklużi fl-Annessi I u II wara li tkun skadjet l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 38(3), jestendi dik l-iskadenza b'5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

4. Proġett ta' interess komuni, li jikkonċerna l-infrastruttura li tkun għadha kif ġiet inkluzja, permezz ta' att delegat adottat skont il-paragrafu 1, fin-network trans-Ewropew tat-trasport, għandu jkun eliġibbli għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt l-istrumenti disponibbli għan-network trans-Ewropew tat-trasport mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

Il-proġetti ta' interess komuni li jikkonċernaw l-infrastruttura li jkunu ġew esklużi min-network trans-Ewropew tat-trasport ma għandhomx jibqgħu eliġibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1. Il-waqfien tal-eliġibbiltà ma għandux jaffettwa d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jew għotja meħuda mill-Kummissjoni qabel dik id-data.

5. Soġġett għall-Artikolu 172, ***it-tieni paragrafu***, TFUE, il-Kummissjoni ***hi*** mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament biex temenda l-Anness IV tiegħu sabiex tinkludi jew tadatta mapep indikattivi tan-networks tal-infrastruttura tat-trasport ta' pajjiżi ġirien. ***Tali atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet ta' livell għoli dwar in-networks tal-infrastruttura tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.***

Artikolu 59

Involvement mal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati

Il-proċeduri nazzjonali li jirrigwardjaw l-involvement u l-konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tas-soċjetà ċivili kkonċernati minn proġetti ta' interess komuni għandhom jiġu rrispettati, fejn xieraq, fil-fażi tal-ippjanar u tal-kostruzzjoni ta' proġett. ***Għal proġetti ta' interess komuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2021/1187, ir-rekwiżiti tagħha għandhom jiġu rrispettati.*** Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba f'dan ir-rigward, notevolment fir-rigward tal-konsultazzjoni u l-inklużjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

Artikolu 60

Allinjament tal-pjanijiet nazzjonali mal-politika tat-trasport tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet **u l-programmi** nazzjonali **li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport** ikunu koerenti mal-politika tat-trasport tal-Unjoni **u** mal-prijoritajiet u mal-iskadenzi stipulati f'dan ir-Regolament. ***Għandhom iqisu wkoll, fost oħrajn,*** il-prijoritajiet mogħtija fil-pjanijiet ta' ħidma għall-kurituri rilevanti u l-prijoritajiet orizzontali għall-Istati Membri kkonċernati **u fejn ikun applikabbli** l-atti ta' implimentazzjoni ***msemmija fl-Artikolu 55(1) u (2).***

2. L-Istati Membri għandhom **jipprovdu** lill-Kummissjoni l-abbozzi tal-pjanijiet jew tal-programmi nazzjonali **rilevanti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tan-network** trans-Ewropew tat-trasport **jew riassunt tagħhom, u kwalunkwe modifika sinifikanti tagħhom malajr kemm jista' jkun wara li tinbeda konsultazzjoni pubblika dwar dawn il-pjanijiet jew il-programmi.**

Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar il-koerenza tal-abbozzi tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali mal-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' ħidma **tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport** korrispondenti u tal-prijoritajiet orizzontali u fl-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 55(1) u (2). **L-opinjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tal-pjanijiet u tal-programmi nazzjonali u ma għandhiex tipprevjeni l-adozzjoni u l-applikazzjoni tagħhom.**

L-Istati Membri għandhom ukoll jipprovdu lill-Kummissjoni l-pjanijiet jew il-programmi nazzjonali finali ladarba jiġu adottati.

Artikolu 61

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Għall-fini tal-Artikolu 23(3), *it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament* il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE⁶².
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet paragrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁶² Id-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29).

Artikolu 62

Eżerċizzju ta' delega

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 58(1) u (5) għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 58(1) u (5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. ***Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 58(1) u (5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun għet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 63

Rieżami

1. Sal-31 ta' Diċembru 2033, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq valutazzjoni tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni, billi tevalwa, b'mod partikolari, il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Il-valutazzjoni għandha tqis ir-rapport annwali dwar l-istatus u l-pjanijiet ta' ħidma mfassla mill-Koordinaturi Ewropej skont l-Artikolu 52(5), il-punt (e) u l-Artikolu 54(1), rispettivament, ***kif ukoll il-pjanijiet u l-programmi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 60(1).***

2. Sal-31 ta' Diċembru 2033, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri, kif xieraq u bl-assistenza tal-Koordinaturi Ewropej, għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv, filwaqt li tevalwa:
 - (a) il-konformità ma' dan ir-Regolament;

- (b) il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, *inkluż kwalunkwe dewmien potenzjali*;
- (c) il-bidliet fil-flussi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija;
- (d) l-iżviluppi tal-investiment fl-infrastruttura tat-trasport nazzjonali; u
- (e) il-ħtieġa għal emendi għal dan ir-Regolament.

L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra wkoll l-impatt tax-xejriet tat-traffiku li qed jevolvu u l-iżviluppi rilevanti fil-pjanijiet ta' investiment fl-infrastruttura.

3. Meta twettaq dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk huwiex probabbli li n-network ewlieni estiż u n-network komprensiv, kif previst f'dan ir-Regolament, jikkonformaw mal-Kapitoli II, III u IV sal-iskadenzi tal-31 ta' Diċembru 2040 u tal-31 ta' Diċembru 2050, kif applikabbli, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja fl-Unjoni u fi Stati Membri individwali. Il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, jekk jeħtieġx li n-network ewlieni estiż u n-network komprensiv jiġu mmodifikati biex jitqiesu l-iżviluppi fil-flussi tat-trasport u fl-ippjanar tal-investiment nazzjonali.

Artikolu 64

Dewmien fit-tlestija tan-network ewlieni, tan-network ewlieni estiż u tan-network komprensiv

1. Fil-każ ta' dewmien sinifikanti fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż u n-network komprensiv **meta mqabbel mal-iskeda ta' żmien prevista inizjali stipulata** fl-atti ta' implimentazzjoni **msemmija fl-Artikolu 55** , il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati biex jipprovdu r-raġunijiet għad-dewmien. Tali raġunijiet għandhom jiġu pprovduti mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri fi żmien tliet xhur mit-talba. Abbażi tat-tweġiba li tingħata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat jew mal-Istati Membri kkonċernati sabiex issolvi l-problema li tkun ikkawżat id-dewmien.
2. Meta s-sezzjoni li fir-rigward tagħha jkun hemm id-dewmien tkun tikkonċerna Kuritur Ewropew tat-Trasport, il-Koordinatur Ewropew għandu jiġi involut bil-**ħsieb li jappoġġa lill-Istati Membri biex** isolvu l-problema.

3. *Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 258 TFUE u għall-Artikolu 8(5) ta' dan ir-Regolament*, il-Kummissjoni tista', wara li tikkunsidra r-raġunijiet ipprovduti mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri kkonċernati skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, *f'każ li dewmien sinifikanti fil-bidu jew fit-tlestija tal-ħidma fuq in-network ewlieni, in-network ewlieni estiż jew fuq in-network komprensiv ikun attribwibbli lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri mingħajr ġustifikazzjoni adegwata, ttiprovdidi lill-Istati Membri kkonċernati rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi eliminat dak id-dewmien u jiġi evitat jew jitnaqqas aktar dewmien.*

Artikolu 65

Eżenzjonijiet

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-linji ferrovjarji u, b'mod partikolari, kwalunkwe rekwiżit biex l-ajruporti u l-portijiet jiġu konnessi mal-linji ferrovjarji, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mat-**l** terminals multimodali tal-merkanzija ma għandhomx japplikaw għal Ċipru, għal Malta, *għall-gżejjer* u għar-reġjuni ultraperiferiċi, sakemm ma tiġi stabbilita l-ebda sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom. *Id-dispożizzjonijiet relatati ma' parkeġġ sikur u sigur ma għandhomx japplikaw għal Ċipru, għal Malta, għall-gżejjer u għar-reġjuni ultraperiferiċi.*

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-wisa' nominali standard Ewropew tal-binarji għall-ferroviji ta' 1 435 mm fl-Artikolu 17 ma għandhomx japplikaw għall-Irlanda, għall-gżejjer u għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Artikolu 66

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1153

L-Anness tar-Regolament (UE) 2021/1153 huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 67

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 913/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Fini u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-organizzazzjoni, il-governanza u l-ġestjoni ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija kompetittiv bil-għan li jiġi żviluppat network ferrovjarju Ewropew għal trasport tal-merkanzija kompetittiv. Huwa jistabbilixxi regoli għall-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-ippjanar indikattiv tal-investimenti tal-kurituri tal-merkanzija.
2. ***Dan ir-Regolament għandu japplika għall-governanza, il-ġestjoni u l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja inkluża fil-kurituri tal-merkanzija, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ippjanar u l-finanzjament ta' tali infrastruttura."***

(2) *L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea*.*
2. Minbarra d-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:
 - (a) "kuritur tal-merkanzija" tfisser il-linji ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija tal-Kuritur Ewropew tat-Trasport kif speċifikat fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2024/...+ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport **u fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, inkluż l-infrastruttura ferrovjarja u t-tagħmir tagħha u s-servizzi ferrovjarji rilevanti f'konformità mad-*Direttiva 2012/34/UE*;
 - (b) "pjan ta' implimentazzjoni" tfisser id-dokument li jippreżenta l-mezzi, l-istrateġija u l-miżuri li l-partijiet ikkonċernati għandhom l-intenzjoni jimplimentaw, li huma meħtieġa u suffiċjenti biex jorganizzaw u jiġġestixxu l-kuritur tal-merkanzija;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

- (c) "terminal" tfisser l-installazzjoni pprovduta tul il-kuritur tal-merkanzija li tkun ġiet irranġata b'mod speċjali biex tippermetti t-tagħbija jew il-ħatt tal-merkanzija fuq il-ferroviji tal-merkanzija jew minnhom, u l-integrazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija mas-servizzi tat-trasport bit-triq, it-trasport marittimu, fuq ix-xmajjar u bl-ajru, u l-formazzjoni jew il-modifika tal-kompożizzjoni tal-ferroviji tal-merkanzija; u, fejn meħtieġ, it-twettiq ta' proċeduri tal-fruntieri fil-fruntieri ma' pajjiżi terzi Ewropej;
- (d) "Koordinatur Ewropew" tfisser il-Koordinatur imsemmi fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) .../...⁺⁺.

* *ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.*

** *ĠU L ...*";

(3) It-Titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ORGANIZZAZZJONI U L-**GOVERNANZA** TAL-KURITURI TAL-MERKANZIJA";

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

(4) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Organizzazzjoni u **governanza** tal-kuritur tal-merkanzija

■

1. L-Istati Membri u l-maniġers tal-infrastruttura responsabbli għall-kuritur tal-merkanzija li huwa parti minn dak il-Kuritur Ewropew tat-Trasport għandhom jaġġustaw il-**governanza** tal-kuritur tal-merkanzija minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jew fil-każ ta' emenda tal-allinjament ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament 2024/...⁺⁺, fi żmien **18**-il xahar mid-data ta' dik l-emenda. ***F'każijiet debitament ġustifikati u wara l-qbil tal-Kummissjoni, il-perjodu jista' jiġi estiż għal 24 xahar. Il-bord eżekuttiv u l-bord tat-tmexxija tal-kuritur tal-merkanzija għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jaġġustaw l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kuritur tal-merkanzija skont l-Artikoli 9 sa 19 ta' dan ir-Regolament mal-allinjament ġeografiku l-ġdid.***
2. ***Il-bord eżekuttiv ta' kuritur tal-merkanzija jista' jiddeċiedi li jindirizza l-aspetti amministrattivi, operazzjonali u tal-interoperabbiltà tas-servizzi ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-passiġġieri fil-kuritur. L-Artikoli 11 u 14 ma għandhomx japplikaw għal dawn is-servizzi.***;

- (5) L-Artikoli 4 sa 7 huma mħassra;
- (6) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "1. Għal kull kuritur tal-merkanzija, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu bord eżekuttiv responsabbli għad-definizzjoni tal-oġġettivi ġenerali tal-kuritur tal-merkanzija, is-sorveljanza u t-teħid ta' miżuri kif previst espressament fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 9 u 11, l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 22. Il-bord eżekuttiv għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati. Il-bord eżekuttiv għandu jivvaluta regolarment il-konsistenza bejn l-oġġettivi ġenerali u l-oġġettivi definiti mill-bord tat-tmexxija f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c).
2. ***Għal kull kuritur tal-merkanzija, il-manigiers tal-infrastruttura kkonċernati u, fejn ikun rilevanti, il-korpi ta' allokazżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, għandhom jistabbilixxu bord tat-tmexxija responsabbli biex jieħu l-miżuri kif espressament previsti fil-paragrafi 5, 7, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 9 sa 12, l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 14(2), (6) u (9), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 17(1) u l-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament. Il-bord tat-tmexxija għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-manigiers tal-infrastruttura.***";

(b) *jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:*

"2a. Stat Membru li għamel użu mill-Artikolu 5(4) qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jista' jiddeċiedi li, għal perjodu li ma jaqbiżx 10 snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], maniġer tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tiegħu ma għandux jipparteċipa fil-bord tat-tmexxija stabbilit skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jipparteċipaw fil-kuritur tal-merkanzija kkonċernat bid-deċiżjoni tiegħu.

F'dak il-każ, l-Istat Membru u l-maniġer tal-infrastruttura kkonċernat għandhom jikkooperaw mal-bord tat-tmexxija fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dak il-bord.

Stat Membru li jagħmel użu mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jista', fi kwalunkwe ħin wara dan matul il-perjodu ta' 10 snin imsemmi fih, jiddeċiedi li maniġer tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tiegħu għandu jipparteċipa fil-bord tat-tmexxija stabbilit skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Huwa għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jipparteċipaw fil-kuritur tal-merkanzija kkonċernat bid-deċiżjoni tiegħu.

2b. L-Irlanda tista' tiddeċiedi li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet tagħha u maniġer tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tagħha ma għandhomx jipparteċipaw fil-bord eżekuttiv, fil-bord tat-tmexxija stabbilit skont il-paragrafi 1 u 2, jew fit-tnejn li huma. L-Irlanda għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jipparteċipaw fil-kuritur tal-merkanzija kkonċernat bid-deċiżjoni tagħha.

F'dak il-każ, l-awtoritajiet u l-maniġer jew il-maniġers tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jikkooperaw mal-bord eżekuttiv u l-bord tat-tmexxija fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk il-bordijiet.

L-Irlanda tista', fi kwalunkwe ħin minn hemm 'il quddiem, tiddeċiedi li r-rappreżentanti tal-awtoritajiet tagħha u l-maniġer jew il-maniġers tal-infrastruttura responsabbli għall-infrastruttura ferrovjarja fit-territorju tagħha għandhom jipparteċipaw fil-bord eżekuttiv, fil-bord tat-tmexxija stabbilit skont il-paragrafi 1 u 2, jew fit-tnejn li huma. Hija għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li jipparteċipaw fil-kuritur tal-merkanzija kkonċernat bid-deċiżjoni tagħha."

(c) *il-paragrafi 4 sa 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

- "4. Il-bord eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu abbażi tal-kunsens reċiproku tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kkonċernati li jipparteċipaw fil-bord eżekuttiv.*
- 5. Il-bord tat-tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, inkluż deċiżjonijiet rigward l-istatus ġuridiku tiegħu, l-istabiliment tal-istruttura organizzattiva tiegħu, ir-riżorsi u l-persunal, abbażi tal-kunsens reċiproku tal-manigġers tal-infrastruttura kkonċernati li jipparteċipaw fil-bord tat-tmexxija. Il-bord tat-tmexxija jista' jkun entità ġuridika indipendenti. Jista' jieħu l-forma ta' grupp Ewropew b'interess ekonomiku fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (GEIE)*.*
- 6. Ir-responsabbiltajiet tal-bord eżekuttiv u l-bord tat-tmexxija għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-manigġers tal-infrastruttura kif prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2012/34/UE.*

7. Il-bord tat-tmexxija għandu jistabbilixxi grupp konsultattiv magħmul minn ġesturi u sidien tat-terminali tal-kuritur tal-merkanzija, inkluż, fejn meħtieġ, portijiet tal-baħar u portijiet ta' passaġġi fuq l-ilma interni. Dan il-grupp konsultattiv jista' jorog opinjoni dwar kwalunkwe proposta tal-bord tat-tmexxija li għandha konsegwenzi diretti għall-investiment u l-ġestjoni tat-terminali. Huwa jista' wkoll jorog opinjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-bord tat-tmexxija għandu jqis kwalunkwe waħda minn dawn l-opinjonijiet. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-bord tat-tmexxija u l-grupp konsultattiv, dan tal-aħħar jista' jirreferi l-kwistjoni lill-bord eżekuttiv **■**. Il-bord eżekuttiv **għandu jinforma** lill-Koordinatur Ewropew ikkonċernat **u** għandu jaġixxi bħala intermedjarju u **jorog** opinjoni **dwar il-kwistjoni** fi żmien debitu. **Il-Koordinatur Ewropew ikkonċernat jista' jorog ukoll opinjoni dwar il-kwistjoni fi żmien debitu.** Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija għandha tittieħed mill-bord tat-tmexxija.

8. Il-bord tat-tmexxija għandu jistabbilixxi grupp konsultattiv ieħor magħmul minn impriżi ferrovjarji interessati li jużaw il-kuritur tal-merkanzija. Dan il-grupp konsultattiv jista' joħroġ opinjoni dwar kwalunkwe proposta tal-bord tat-tmexxija li għandha konsegwenzi għal dawn l-impriżi. Huwa jista' wkoll joħroġ opinjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-bord tat-tmexxija għandu jqis kwalunkwe waħda minn dawn l-opinjonijiet. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-bord tat-tmexxija u l-grupp konsultattiv, dan tal-aħħar jista' jirreferi l-kwistjoni lill-bord eżekuttiv **■**. Il-bord eżekuttiv ***għandu jinforma*** lill-Koordinatur Ewropew ***u lill-korpi regolatorji msemmija fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34/UE***, ikkonċernati mill-kuritur tal-merkanzija. ***Il-bord eżekuttiv*** għandu jaġixxi bħala intermedjarju u ***joħroġ*** opinjoni ***dwar il-kwistjoni*** fi żmien debitu. ***Il-Koordinatur Ewropew ikkonċernat jista' joħroġ ukoll opinjoni dwar il-kwistjoni fi żmien debitu.*** Id-deċiżjoni aħħarija għandha tittieħed mill-bord tat-tmexxija.

* ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. Il-bord eżekuttiv u l-bord tat-tmexxija għandhom jikkooperaw mal-Koordinatur Ewropew ikkonċernat mill-kuritur tal-merkanzija biex jappoġġaw l-iżvilupp tat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-kuritur.";

(7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Miżuri għall-iżvilupp tal-kuritur tal-merkanzija

1. Il-bord tat-tmexxija għandu jfassal u jipubblika pjan ta' implimentazzjoni mhux aktar tard minn sitt xhur qabel ma jagħmel il-kuritur tal-merkanzija operazzjonali. Il-bord tat-tmexxija għandu jikkonsulta mal-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u 8(8) dwar l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni. Il-bord tat-tmexxija għandu jippreżenta l-pjan ta' implimentazzjoni għall-approvazzjoni lill-bord eżekuttiv.

Dan il-pjan għandu jinkludi:

- (a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-kuritur tal-merkanzija, inkluż il-konġestjonijiet, u l-programm ta' miżuri meħtieġa għat-titjib tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni tiegħu;
- (b) l-elementi essenzjali tal-istudju msemmi fil-paragrafu 3;

- (c) l-objettivi għall-kuritur tal-merkanzija, b'mod partikolari f'termini tal-prestazzjoni tal-kuritur tal-merkanzija espressa bħala l-kwalità tas-servizz u l-kapaċità tal-kuritur tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, u, fejn rilevanti, il-miri kwantitattivi jew kwalitattivi relatati ma' dawn l-objettivi. L-objettivi u l-miri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19 tar-Regolament **(UE)** .../...⁺;
- (d) il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 12 sa 19 u l-miżuri għat-titjib tal-prestazzjoni tal-kuritur tal-merkanzija, abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(3), bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi u l-miri msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;
- (e) il-fehmiet u l-valutazzjoni tal-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u (8) fir-rigward tal-iżvilupp tal-kuritur;
- (f) sommarju tal-kooperazzjoni u r-riżultati tal-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 11, inkluż l-opinjoni tal-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u (8) u sommarju tat-tweġibiet ta' partijiet ikkonċernati oħrajn.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

Meta jfassal il-pjan ta' implimentazzjoni, il-bord tat-tmexxija għandu jqis l-objettivi u l-miżuri li jinsabu fil-pjan ta' ħidma tal-Koordinatur Ewropew, imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) .../...⁺. Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jinkludi referenza għall-elementi tal-pjan ta' ħidma li huma rilevanti għat-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija tul il-kuritur.

Il-bord tat-tmexxija għandu jirrieżamina u jaġġusta regolarment il-miri msemija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu u l-miżuri msemija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu, abbażi tal-valutazzjoni msemija fl-Artikolu 19(3) wara l-konsultazzjoni tal-gruppi konsultattivi msemija fl-Artikoli 8(7) u (8) u tal-Koordinatur Ewropew.

2. Il-bord tat-tmexxija għandu jirrieżamina perjodikament, mill-inqas kull erba' snin, il-pjan ta' implimentazzjoni, filwaqt li jqis il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tiegħu, is-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fuq il-kuritur tal-merkanzija u l-prestazzjoni mkejla f'konformità mal-objettivi msemija fil-punt (c) tal-paragrafu 1.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

3. Il-bord tat-tmexxija għandu jwettaq u jaġġorna perjodikament studju dwar is-suq tat-trasport fir-rigward tal-bidliet osservati u dawk mistennija fit-traffiku fuq il-kuritur tal-merkanzija, li jkopri t-tipi differenti ta' traffiku, kemm fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija kif ukoll tat-trasport tal-passiġġieri. Dan l-istudju għandu jirrieżamina wkoll, fejn meħtieġ, il-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi li joħorġu mill-iżvilupp tal-kuritur tal-merkanzija.
4. Il-pjan ta' implimentazzjoni għandu jqis l-iżvilupp tat-terminals, inkluż analiżi tas-suq u analiżi prospettiva dwar it-terminals multimodali tal-merkanzija, kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri tal-kuritur tal-merkanzija, imsemmija fl-Artikolu 36(3) u (4) tar-Regolament (UE) .../...⁺.
5. Il-bord tat-tmexxija għandu, fejn ikun xieraq, jieħu miżuri biex jikkoopera mal-amministraturi reġjonali jew lokali, jew it-tnejn, fir-rigward tal-pjan ta' implimentazzjoni.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

(8) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Ippjanar tal-investment

1. Il-bord eżekuttiv u l-bord tat-tmexxija ta' kuritur tal-merkanzija għandhom jikkooperaw mal-Koordinatur Ewropew ikkonċernat mill-kuritur tal-merkanzija b'rabta mal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u tal-investimenti li jirriżultaw mit-traffiku tal-merkanzija bil-ferrovija biex jappoġġaw it-tfassil tal-pjan ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) .../...⁺.
2. Il-bord tat-tmexxija għandu jikkonsulta mal-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u (8) dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura u l-ħtiġijiet ta' investment. Il-konsultazzjoni għandha tkun ibbażata fuq dokumentazzjoni adegwata u aġġornata tal-ippjanar tal-infrastruttura fil-livell tal-kuritur u f'dak nazzjonali. ***L-opinjonijiet mill-gruppi konsultattivi dwar l-investment għandhom jiġu sostanzjati b'ġustifikazzjoni suffiċjenti.*** Il-bord eżekuttiv għandu jiżgura koordinazzjoni adegwata bejn dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fil-livell nazzjonali kif definit fl-Artikolu 7e tad-Direttiva 2012/34/UE.

3. Il-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod partikolari:
- (a) il-ħtiġijiet tal-kapaċità tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija rilevanti għall-ippjanar tal-infrastruttura u tal-investment, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-ferroviji tal-merkanzija b'tul ta' mhux inqas minn 740 m***, filwaqt li titqies il-ħtieġa għall-kapaċità skont l-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe infrastruttura ddikjarata bħala konġestjonata skont l-Artikolu 47 tad-Direttiva 2012/34/UE;
 - (b) ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tan-network trans-Ewropew tat-trasport rilevanti għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija kif definiti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament (UE) .../...⁺ **█** ;
 - (c) il-ħtieġa għal investimenti mmirati biex jitneħħew il-konġestjonijiet lokali, **█** għal titjib fin-nodi u fir-***rotot ta' aċċess ferrovjarju*** jew it-tagħmir tekniku li jtejjeb il-prestazzjoni operazzjonali.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

(9) *Fl-Artikoli 13, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

- "3. *Il-punt ta' waqfa waħda għandu jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal mogħdijiet ferrovjarji maqbulin minn qabel speċifikati fl-Artikolu 14(3) u għall-kapaċità ta' riserva msemmija fl-Artikolu 14(5). Huwa għandu jalloka l-kapaċità b'konformità mar-regoli dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità kif stabbilit fid-Direttiva 2012/34/UE. Għandu jinforma lill-manigiers tal-infrastruttura kompetenti b'dawn l-applikazzjonijiet u d-deċiżjoni għandha tittieħed mingħajr dewmien.*
4. Għal kwalunkwe talba ta' kapaċità tal-infrastruttura li ma tistax tiġi ssodisfata skont il-paragrafu 3, il-punt ta' waqfa waħda għandu jibgħat l-applikazzjoni għal kapaċità ta' infrastruttura mingħajr dewmien lill-manigiers tal-infrastruttura kompetenti u, fejn hu rilevanti, lill-korpi ta' allokazzjoni kif imsemmijin fl-*Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2012/34/UE*, li għandhom jieħdu deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni f'konformità mal-*Artikolu 38 u l-Kapitolu IV, it-Taqsima 3*, ta' dik id-Direttiva u jikkomunikaw din id-deċiżjoni lill-punt ta' waqfa waħda sabiex dan jipproċessaha ulterjorment.';

(10) *L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. *Il-bord eżekuttiv għandu jiddefinixxi l-qafas għall-allokkazzjoni tal-kapaċità ta' infrastruttura fuq il-kuritur tal-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2012/34/UE.*";

(b) *il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. *Abbażi tal-evalwazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-manijers tal-infrastruttura tal-kuritur tal-merkanzija għandhom konġuntament jiddefinixxu u jorganizzaw mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel għal ferroviji tal-merkanzija billi jsegwu l-proċedura msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2012/34/UE filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa għal kapaċità ta' tipi oħrajn ta' trasport, inkluż it-trasport ta' passaġġieri. Huma għandhom jiffaċilitaw il-ħinijiet tal-vjaġġi, il-frekwenzi, il-ħinijiet tat-tluq u d-destinazzjoni u rotot xierqa għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-għan li jiżdied it-trasport ta' merkanzija bil-ferroviji tal-merkanzija li jużaw il-kuritur tal-merkanzija. Dawn il-mogħdijiet ferrovjarji maqbulin minn qabel għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar minn 3 xhur qabel id-data finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal kapaċità msemmija fl-Anness VII tad-Direttiva 2012/34/UE. Il-manijers tal-infrastruttura ta' diversi kurituri tal-merkanzija jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jikkoordinaw mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel li joffru kapaċità fuq il-kurituri tal-merkanzija kkonċernati.*";

(c) *il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"5. Il-manigġers tal-infrastruttura għandhom, jekk dan ikun iġġustifikat mill-ħtieġa tas-suq u l-evalwazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jiddefinixxu konġuntament il-kapaċità ta' riserva għal ferroviji internazzjonali tal-merkanzija li jgħaddu mill-kuritori tal-merkanzija filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kapaċità ta' tipi oħrajn ta' trasport, inkluż it-trasport ta' passaġġieri u jżommu din ir-riserva disponibbli fl-iskedi ta' żmien finali tagħhom biex tippermetti risposta rapida u adegwata għal talbiet ad hoc għal kapaċità kif imsemmija fl-Artikolu 48 tad-Direttiva 2012/34/UE. Din il-kapaċità għandha tkun riservata sal-limitu ta' żmien qabel iż-żmien skedat tagħha kif deċiż mill-bord tat-tmexxija. Dan il-limitu ta' żmien m'għandux jaqbeż is-60 jum.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Ħlief fil-każ ta' force majeure, inkluż xogħol urġenti u li ma jistax jibassar u li jkun kritiku għas-sikurezza, mogħdija ferrovjarja allokata għal operazzjoni tal-merkanzija skont dan l-Artikolu ma tistax titħassar inqas minn xahrejn qabel iż-żmien skedat tagħha fl-iskeda ta' żmien stabbilita jekk l-applikant ikkonċernat ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu għal tali tħassir. F'tali każ, il-manigier tal-infrastruttura kkonċernat għandu jagħmel sforz biex jipproponi lill-applikant mogħdija ferrovjarja ta' kwalità u affidibbiltà ekwivalenti li l-applikant għandu d-dritt li jaċċetta jew li jirrifjuta. Din id-disposizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt li l-applikant jista' jkollu taħt ftehim bħal dak imsemmi fl-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2012/34/UE. Fi kwalunkwe każ, l-applikant jista' jirreferi l-kwistjoni lill-korp regolatorju msemmi fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.";

(e) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Fil-paragrafi 4 u 9 ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi għall-manigiers tal-infrastruttura għandhom jinkludu, fejn hu rilevanti, il-korpi ta' allokazżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2012/34/UE.";

(11) *L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 15

Applikanti awtorizzati

Minkejja l-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, applikanti oħra minbarra l-impriżi ferrovjarji jew il-gruppi internazzjonali li dawn jikkostitwixxu, bħal spedituri, burdnara u operaturi kombinati tat-trasport, jistgħu jitolbu l-mogħdijiet ferrovjarji internazzjonali maqbulin minn qabel speċifikati fl-Artikolu 14(3) u l-kapaċità ta' riserva msemmija fl-Artikolu 14(5). Sabiex jużaw tali mogħdija ferrovjarja għat-trasport tal-merkanzija fuq il-kuritur tal-merkanzija dawn l-applikanti għandhom jaħtru impriża ferrovjarja sabiex tikkonkludi ftehim mal-manijer tal-infrastruttura skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2012/34/UE.";

(12) *L-Artikolu 17(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2. Kull manijer tal-infrastruttura kkonċernat għandu jfassal regoli prijoritarji għat-tmexxija bejn it-tipi differenti ta' traffiku fil-parti tal-kuritur tal-merkanzija li huma r-responsabbiltà ta' dak il-manijer tal-infrastruttura skont il-miri komuni jew il-linji gwida msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew it-tnejn li huma. Dawk ir-regoli prijoritarji għandhom jiġu ppubblikati fid-dikjarazzjoni tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE.";

(13) *L-Artikolu 18, il-punt (a), huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(a) l-informazzjoni kollha li tinsab fid-dikjarazzjoni tan-network għal networks nazzjonali rigward il-kuritur tal-merkanzija, imfassla skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE;"

(14) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Kwalità tas-servizz fuq il-kuritur tal-merkanzija

1. Il-bord tat-tmexxija tal-kuritur tal-merkanzija għandu jipromwovi l-kompatibbiltà bejn l-iskemi ta' prestazzjoni tul il-kuritur tal-merkanzija, kif imsemmi fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2012/34/UE.
2. Il-bord tat-tmexxija għandu jimmonitorja l-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti mill-manigġers tal-infrastruttura lill-applikanti sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet essenzjali tagħhom, sa fejn dan ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 12 sa 18, u tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fuq il-kuritur tal-merkanzija. Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni għandu jitwettaq f'termini kwalitattivi u kwantitattivi, fejn xieraq abbażi ta' indikaturi tal-prestazzjoni relatati mal-oġġettivi u l-miri tal-kuritur tal-merkanzija definiti f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c). Il-bord tat-tmexxija għandu jikkonsulta mal-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u (8) u mal-Koordinatur Ewropew dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti.

3. Il-bord tat-tmexxija għandu jivvaluta r-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni fir-rigward tal-oġġettivi u l-miri definiti f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (c), u mal-prijoritajiet operazzjonali msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) .../...⁺.
4. Il-bord tat-tmexxija għandu jħejji u jipubblika rapport annwali li jippreżenta r-riżultati tal-attivitajiet imwettqa skont dan l-Artikolu. Huwa għandu jippreżenta l-fehmiet u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni mill-gruppi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 8(7) u (8) f'taqsimi ddedikata tar-rapport. Il-bord tat-tmexxija għandu jippreżenta r-rapport annwali għall-approvazzjoni lill-bord eżekuttiv.";

(15) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-korpi regolatorji msemmijin fl-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34/UE għandhom jikkooperaw fl-issorveljar tal-kompetizzjoni fil-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għall-kuritur u għandhom ikunu responsabbli għall-appell previst skont l-Artikolu 56(1) ta' dik id-Direttiva. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa miksuba mill-manijers tal-infrastruttura u minn partijiet rilevanti oħrajn.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2021/0420(COD)).

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Kwalunkwe rappreżentant assoċjat ta' maniġers tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 40(1) u (2) tad-Direttiva 2012/34/UE għandu jiżgura l-għoti, mingħajr dewmien, tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu ttrattati l-ilment jew l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u mitluba mill-korp regolatorju tal-Istat Membru li fih ikun jinsab ir-rappreżentant assoċjat. Dan il-korp regolatorju għandu jkun intitolat li jittrasferixxi tali informazzjoni rigward il-mogħdija ferrovjarja internazzjonali kkonċernata lill-korpi regolatorji msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu";

(16) L-Artikolu 21 huwa mħassar;

(17) L-Artikoli 22 u 23 huma sostitwiti b'dan li ġejjin:

"Artikolu 22

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni

Kull erba' snin mill-mument li jiġi stabbilit kuritur tal-merkanzija, il-bord eżekuttiv imsemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament għandu jippreżenta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-pjan ta' implimentazzjoni għal dak il-kuritur. Il-Kummissjoni għandha tanalizza dawk ir-riżultati u tinnotifika lill-Kumitat imsemmi fl-**Artikolu 62 tad-Direttiva 2012/34/UE** bl-analiżi tagħha.

Artikolu 23

Rapport

Il-Kummissjoni għandha teżamina perjodikament l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għall-ewwel darba sal-10 ta' Novembru 2015, u kull erba' snin wara dan.";

(18) l-Anness huwa mħassar.

Artikolu 68

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 huwa mħassar b'effett minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

Artikolu 69

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

LISTA TA' ANNESSI

- ANNEX I Mapep tan-Network Komprensiv, tan-Network Ewlieni Estiż u tan-Network Ewlieni
- ANNEX II Lista ta' nodi tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport
- ANNEX III Allinjament tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport
- ANNEX IV Mapep indikattivi tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport Estiż għal pajjiżi terzi speċifiċi
- ANNEX V Linji gwida għall-ippjanar tal-mobbiltà urbana sostenibbli għan-nodi urbani
- ANNEX VI Emendi għar-regolament (UE) 2021/1153
- ANNEX VII Tabella ta' korrelazzjoni

(L-Annessi mhumiex riprodotti hawnhekk għal raġunijiet tekniċi. Għall-kontenut tagħhom, jekk jogħġbok irreferi għal: <https://www.europarl.europa.eu/tent/mt>)

Or. en